Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0550(COD)

22.6.2026

EMENDI
1225 - 1530

Abbozz ta' rapport
Emma Rafowicz, Alice Kuhnke
(PE787.746v01-00)

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm "AgoraEU" għall-perjodu 2028–2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818

Proposta għal regolament
(COM(2025)0550 – 2025/0550(COD))

Emenda 1225
Dainius Žalimas

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-promozzjoni tal-għarfien ċiviku u fehim aħjar tal-Unjoni, u tal-istorja, il-memorja u d-diversità komuni tagħha biex jitrawmu l-fehim reċiproku u t-tolleranza.	(c) il-promozzjoni tal-għarfien ċiviku u fehim aħjar tal-Unjoni, u tal-istorja, ***inkluża l-kisba tal-poter ta' reġimi awtoritarji u totalitarji,*** il-memorja u d-diversità komuni tagħha biex jitrawmu l-fehim reċiproku u t-tolleranza.

Or. en

Emenda 1226
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-promozzjoni tal-għarfien ċiviku u fehim aħjar tal-Unjoni, u tal-istorja***, il-memorja u d-diversità komuni tagħha*** biex jitrawmu l-fehim reċiproku u ***t-tolleranza***.	(c) il-promozzjoni tal-għarfien ċiviku u fehim aħjar tal-Unjoni, u tal-istorja ***tal-Istati Membri tagħha u l-bosta kisbiet xjentifiċi, artistiċi u kulturali tagħhom*** biex jitrawmu l-fehim reċiproku u ***l-identitajiet Ewropej***.

Or. fi

Emenda 1227
Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-promozzjoni tal-għarfien ċiviku u fehim aħjar tal-Unjoni, ***u tal-istorja, il-memorja u d-diversità*** komuni tagħha biex	(c) il-promozzjoni tal-għarfien ċiviku u fehim aħjar tal-Unjoni ***u tal-valuri***, ***tal-istorja u tal-memorja*** komuni tagħha***, u***

jitrawmu l-fehim reċiproku u t-tolleranza.	***tad-diversità kulturali u lingwistika tagħha,*** biex jitrawmu l-fehim reċiproku u t-tolleranza.

Or. en

Emenda 1228
Łukasz Kohut, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-promozzjoni tal-għarfien ċiviku u fehim aħjar tal-Unjoni, ***u tal-istorja***, il-memorja u d-diversità komuni tagħha biex jitrawmu l-fehim reċiproku u t-tolleranza.	(c) il-promozzjoni tal-għarfien ċiviku u fehim aħjar tal-Unjoni ***u tal-valuri***, ***tal-istorja***, ***tal-memorja*** u ***tad-diversità kulturali u lingwistika*** komuni tagħha***,*** biex jitrawmu l-fehim reċiproku u t-tolleranza.

Or. en

Emenda 1229
Gabriela Firea, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-appoġġ għal perkorsi ta' apprendiment ċiviku u taċ-ċittadinanza Ewropea ankrati lokalment, imwettqa b'mod mhux partiġġjan u b'rispett sħiħ tal-pluraliżmu politiku, li jikkombinaw il-parteċipazzjoni kulturali, il-litteriżmu fil-media, dak diġitali u fl-IA, il-ħiliet bażiċi u trażversali, il-volontarjat, il-mentoraġġ u d-djalogu mal-istituzzjonijiet pubbliċi, inkluż permezz ta' laboratorji ċiviċi taż-żgħażagħ, assemblej lokali, attivitajiet bejn il-pari, formati tal-media mmexxija miż-żgħażagħ, klabbs tal-films u tal-media u proġetti kulturali parteċipattivi,

f'kooperazzjoni mal-iskejjel, mal-libreriji, mal-mużewijiet, mal-arkivji, maċ-ċentri taż-żgħażagħ, mas-servizzi soċjali, mal-organizzazzjonijiet tal-arti tal-komunità u mas-soċjetà ċivili lokali, b'attenzjoni partikolari għaż-żgħażagħ barra mill-impjieg, edukazzjoni jew taħriġ u għall-komunitajiet affettwati mill-faqar, mid-diskriminazzjoni, mill-iżvantaġġ territorjali, minn fiduċja istituzzjonali baxxa jew mill-aċċess limitat għal programmi u opportunitajiet Ewropej;

Or. en

Emenda 1230
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, Alessandro Zan, José Cepeda, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-appoġġ, il-protezzjoni u t-tisħiħ tal-ispazju ċiviku u tal-atturi tas-soċjetà ċivili li jaħdmu biex iħarsu l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni tad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u tas-Soċjetà Ċivili indipendenti u mmexxi mis-soċjetà ċivili, f'komplementarjetà u koordinazzjoni mal-inizjattivi eżistenti;

Or. en

Emenda 1231
Nikola Minchev, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Laurence Farreng, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Dainius Žalimas, Hilde Vautmans, Bernard Guetta, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) (ca) il-promozzjoni tal-litteriżmu parteċipattiv fil-media bħala għodda għall-involviment ċiviku u għar-reżiljenza demokratika, li jikkontribwixxi għas-salvagwardja tal-pluraliżmu tal-media u tal-istat tad-dritt.

Or. en

Emenda 1232
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) l-iżgurar li l-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni tad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u tas-Soċjetà Ċivili jipprovdi twissija bikrija, monitoraġġ, assistenza immedjata u protezzjoni olistika lill-atturi tal-ispazju ċiviku mhedda minħabba l-ħidma tagħhom fil-qasam tad-drittijiet fundamentali, inkluż id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, permezz ta' miżuri ta' protezzjoni fiżika, psikosoċjali, legali, diġitali u finanzjarja, inkluża r-rilokazzjoni fejn meħtieġ, kif ukoll mekkaniżmi għal twissijiet u risponsi istituzzjonali;

Or. en

Emenda 1233
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cc) is-sensibilizzazzjoni dwar il-miżuri ta' protezzjoni disponibbli u t-tisħiħ tal-preparatezza u tar-reżiljenza fl-ispazju ċiviku għall-prevenzjoni, għar-rispons u għall-ġlieda kontra l-attakki, il-fastidju, il-kawżi strateġiċi, l-intimidazzjoni u theddid ieħor, li għandhom l-għan li jimminaw il-valuri msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE u jirrestringu l-parteċipazzjoni demokratika;

Or. en

Emenda 1234
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt cd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cd) l-iżgurar li l-azzjonijiet kollha appoġġati fl-ambitu ta' dan l-objettiv jadottaw approċċ intersezzjonali, sensittiv għall-ġeneru u bbażat fuq id-drittijiet, inklużi miżuri speċifiċi għall-protezzjoni tad-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem u gruppi oħra li jiffaċċjaw riskji akbar.

Or. en

Emenda 1235
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, Alessandro Zan, José Cepeda

Proposta għal regolament
Artikolu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 9a

Fergħa Daphne

Fil-fergħa Daphne, l-objettiv speċifiku "Tolleranza Żero għall-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru" għandu jiffoka fuq:

(a) il-prevenzjoni, ir-rispons u l-ġlieda, fil-livelli kollha, kontra kull forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, inkluż iżda mhux limitat għall-vjolenza domestika, il-vjolenza ekonomika, il-vjolenza sesswali, it-traffikar tal-bnedmin, kull forma ta' prattiki dannużi, inkluża il-mutilazzjoni ġenitali femminili u intersesswali, kull forma ta' vjolenza ostetrika u ġinekoloġika, kif ukoll il-vjolenza online, il-vjolenza ekonomika, il-vjolenza domestika u l-forom emerġenti ta' vjolenza diġitali, il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, inklużi l-bullying ċibernetiku, il-kondiviżjoni mhux kunsenswali ta' materjal intimu jew manipulat, l-istalking u l-fastidju online, u l-forom emerġenti l-oħra kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru;

(a)bis il-prevenzjoni, ir-rispons u l-ġlieda, fil-livelli kollha, kontra kull forma ta' vjolenza li taffettwa lit-tfal, liż-żgħażagħ u lill-anzjani, lill-persuni LGBTIQ, lill-persuni b'diżabilità, lill-persuni Rom, lill-minoranzi etniċi u razzjali, lill-persuni mingħajr dokumenti, u lil gruppi oħra f'riskju;

(b) il-protezzjoni u l-appoġġ għall-vittmi diretti u indiretti u s-superstiti tal-vjolenza kif imsemmi fil-punt (a) u l-punt (a)bis, b'mod partikolari billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ġustizzja u s-servizzi ta' appoġġ, inklużi servizzi ta' appoġġ għan-nisa u għarfien espert speċjalizzat ieħor magħmul disponibbli minn organizzazzjonijiet ta' bażi, kif ukoll billi tiġi pprovduta assistenza diretta lill-vittmi u lis-superstiti tal-vjolenza;

(c) l-appoġġ għall-implimentazzjoni, fl-Unjoni, tal-objettivi tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-

vjolenza domestika, u tad-Direttiva (UE) 2024/1385.

(d) l-appoġġ għall-prevenzjoni primarja, sekondarja u terzjarja komprensiva, f'konformità mal-Premessi 73 u 74 tad-Direttiva (UE) 2024/1385, inklużi programmi edukattivi li jindirizzaw in-normi tal-ġeneru, inkluża l-edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità u l-kunsens.

Or. en

Emenda 1236
Diana Riba i Giner, Hannah Neumann

Proposta għal regolament
Artikolu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 9a
	Reżiljenza tal-Ispazju Ċiviku
	Fil-fergħa Valuri tal-Unjoni, l-objettiv speċifiku "Reżiljenza tal-Ispazju Ċiviku" għandu jiffoka fuq:
	(a) il-protezzjoni ta' spazju ċiviku demokratiku li jissalvagwardja u jippromwovi l-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, u t-tisħiħ tar-reżiljenza tagħha kontra attakki u theddid minn atturi li jfittxu li jimminaw dawk il-valuri;
	(b) l-istabbiliment ta' Faċilità ta' Rispons Rapidu tal-Unjoni Ewropea olistika u indipendenti biex tipprovdi twissijiet bikrija, protezzjoni komprensiva immedjata, assistenza u appoġġ kif ukoll azzjonijiet ta' stabbilizzazzjoni fit-tul lill-atturi tal-ispazju ċiviku mhedda minħabba l-ħidma tagħhom fil-qasam tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, kemm fl-Unjoni kif ukoll barra minnha, b'mod partikolari d-difensuri tad-drittijiet tal-

bniedem u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, f'komplementarjetà ma' inizjattivi eżistenti li jipprovdu tali appoġġ u f'koordinazzjoni magħhom;

(c) is-sensibilizzazzjoni dwar il-miżuri previsti f'dan l-Artikolu bil-ħsieb li tiġi żgurata l-preparatezza fl-ispazju ċiviku għal rispons immedjat u l-ġlieda kontra attakki u theddid minn atturi li jfittxu li jimminaw il-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, sabiex l-atturi tal-ispazju ċiviku jkunu jistgħu jwettqu l-ħidma tagħhom mingħajr xkiel. Il-Faċilità ta' Rispons Rapidu tal-Unjoni Ewropea msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), għandha tipprevedi protezzjoni olistika, inklużi protezzjoni u appoġġ fiżiċi, psikosoċjali, legali, amministrattivi, diġitali u finanzjarji, u rilokazzjoni fejn meħtieġ, għandha tinkludi mekkaniżmu biex jiġu pprovduti twissijiet u biex jintuża bħala bażi għar-risponsi istituzzjonali, u għandha tkun multilingwi, sensittiva għat-trawma u sensittiva għall-ġeneru.

Or. en

Emenda 1237
Alessandro Zan, Krzysztof Śmiszek

Proposta għal regolament
Artikolu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 9a
	Valuri tal-Unjoni
	Fl-ambitu tal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 3(1) u fl-ambitu tal-objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 3(2), il-punt (c), il-Fergħa CERV+ għandha tiffoka fuq il-protezzjoni, il-promozzjoni u s-sensibilizzazzjoni tad-drittijiet billi tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li

huma attivi fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tranżnazzjonali fil-promozzjoni u fil-kultivazzjoni ta' dawk id-drittijiet, u b'hekk issaħħaħ ukoll il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE u tal-Karta u tikkontribwixxi għall-bini ta' Unjoni aktar demokratika, djalogu demokratiku, ugwaljanza u nondiskriminazzjoni, trasparenza u governanza tajba.

Or. en

Emenda 1238
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, Alessandro Zan, José Cepeda

Proposta għal regolament
Artikolu 9b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 9b
	Fergħa Appoġġ ta' Emerġenza għall-Ispazju Ċiviku
	Il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni tad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem (DDB) u s-Soċjetà Ċivili fil-fergħa Appoġġ ta' Emerġenza għall-Ispazju Ċiviku, l-objettiv speċifiku "Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni tad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem (DDB) u tas-Soċjetà Ċivili" għandu jiffoka fuq:
	(a) l-appoġġ għall-istabbiliment ta' Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni tad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem (DDB) u tas-Soċjetà Ċivili olistiku u indipendenti mmexxi mis-soċjetà ċivili biex jipprovdi twissijiet bikrija kif ukoll protezzjoni, assistenza u appoġġ komprensivi immedjati lill-atturi tal-ispazju ċiviku mhedda minħabba l-ħidma tagħhom fil-qasam tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-

organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, f'komplementarjetà ma' inizjattivi eżistenti li jipprovdu tali Appoġġ u f'koordinazzjoni magħhom;

(b) is-sensibilizzazzjoni dwar il-miżuri previsti f'dan l-Artikolu bil-ħsieb li tiġi żgurata l-preparatezza fl-ispazju ċiviku għal rispons immedjat u l-ġlieda kontra attakki u theddid minn atturi li jfittxu li jimminaw il-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, sabiex l-atturi tal-ispazju ċiviku jkunu jistgħu jwettqu l-ħidma tagħhom mingħajr xkiel. Il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni tad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem (DDB) u s-Soċjetà Ċivili msemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), għandu jipprevedi protezzjoni olistika, inkluża protezzjoni fiżika, psikosoċjali, legali, diġitali u finanzjarja, u rilokazzjoni fejn meħtieġ, u għandu jinkludi mekkaniżmu biex jiġu pprovduti twissijiet u biex jintuża bħala bażi għar-reazzjonijiet istituzzjonali. Il-Mekkaniżmu għandu jadotta approċċ intersezzjonali u sensittiv għall-ġeneru u jipproteġi b'mod adegwat lid-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem.

Or. en

Emenda 1239
Alice Kuhnke, Emma Rafowicz

Proposta għal regolament
Kapitolu IVa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	IVa Il-fergħa Valuri tal-Unjoni
	Artikolu 9b
	Reżiljenza tal-Ispazju Ċiviku
	Fil-fergħa Valuri tal-Unjoni, l-objettiv speċifiku "Reżiljenza tal-Ispazju Ċiviku" għandu jiffoka fuq:

(a) il-protezzjoni ta' spazju ċiviku demokratiku li jissalvagwardja u jippromwovi l-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, u t-tisħiħ tar-reżiljenza tagħha kontra attakki u theddid minn atturi li jfittxu li jimminaw dawk il-valuri;

(b) l-istabbiliment ta' Faċilità ta' Rispons Rapidu tal-Unjoni Ewropea olistika u indipendenti biex tipprovdi twissijiet bikrija kif ukoll protezzjoni, assistenza u appoġġ komprensivi immedjati lill-atturi tal-ispazju ċiviku mhedda minħabba l-ħidma tagħhom fil-qasam tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, f'komplementarjetà ma' inizjattivi eżistenti li jipprovdu tali appoġġ u f'koordinazzjoni magħhom;

(c) is-sensibilizzazzjoni dwar il-miżuri previsti f'dan l-Artikolu bil-ħsieb li tiġi żgurata l-preparatezza fl-ispazju ċiviku għal rispons immedjat u l-ġlieda kontra attakki u theddid minn atturi li jfittxu li jimminaw il-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, sabiex l-atturi tal-ispazju ċiviku jkunu jistgħu jwettqu l-ħidma tagħhom mingħajr xkiel.

(d) l-appoġġ għall-ħtiġijiet tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'riskju jew fi spostament furzat fl-UE, billi jiġu żgurati l-protezzjoni tagħhom, il-faċilitazzjoni ta' rilokazzjoni sikura u sostenibbli, u l-appoġġ għall-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tagħhom fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem matul l-ispostament permezz ta' skemi ta' appoġġ iddedikati;

(e) il-promozzjoni ta' spazju ċiviku reżiljenti permezz tal-kooperazzjoni, tal-iskambju ta' prattiki u l-apprendiment bejn il-pari tal-atturi tal-ispazju ċiviku madwar l-UE billi jiġu appoġġati kemm l-iskambju u n-networking speċifiċi għas-settur kif ukoll dawk transsettorjali;

(f) l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-objettivi u tal-azzjonijiet tal-Istrateġija tal-

UE għas-Soċjetà Ċivili.

Il-Faċilità ta' Rispons Rapidu tal-Unjoni Ewropea msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), għandha tipprevedi protezzjoni olistika, inkluża protezzjoni fiżika, psikosoċjali, legali, diġitali u finanzjarja, u rilokazzjoni fejn meħtieġ, u għandha tinkludi mekkaniżmu biex jiġu pprovduti twissijiet u biex jintuża bħala bażi għar-reazzjonijiet istituzzjonali.

Or. en

Emenda 1240
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Kapitolu IVa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	IVa Il-Fergħa Daphne
	Artikolu 9a
	Tolleranza Żero għall-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru
	Fil-fergħa Daphne, l-objettiv speċifiku "Tolleranza Żero għall-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru" għandu jiffoka fuq:
	(a) il-prevenzjoni, ir-rispons u l-ġlieda, fil-livelli kollha, kontra kull forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, inkluż iżda mhux limitat għall-vjolenza domestika, il-vjolenza ekonomika, il-vjolenza sesswali, it-traffikar tal-bnedmin, kull forma ta' prattiki dannużi, inkluża l-mutilazzjoni ġenitali femminili u intersesswali, kull forma ta' vjolenza ostetrika u ġinekoloġika, kif ukoll il-vjolenza ċibernetika, inklużi l-bullying ċibernetiku, il-kondiviżjoni mhux kunsenswali ta' materjal intimu jew manipulat, l-istalking u l-fastidju online, u l-forom emerġenti l-oħra kollha ta' vjolenza abbażi tal-

ġeneru.

(a)bis il-prevenzjoni, ir-rispons u l-ġlieda, fil-livelli kollha, kontra kull forma ta' vjolenza li taffettwa lit-tfal, liż-żgħażagħ u lill-anzjani, lill-persuni LGBTIQ, lill-persuni b'diżabilità, lill-persuni Rom, lill-minoranzi etniċi u razzjali, lill-persuni mingħajr dokumenti, u lil gruppi oħra f'riskju;

(b) il-protezzjoni u l-appoġġ għall-vittmi diretti u indiretti u s-superstiti tal-vjolenza kif imsemmi fil-punt (a) u l-punt (a)bis, b'mod partikolari billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ġustizzja u għas-servizzi ta' appoġġ, inklużi servizzi ta' appoġġ għan-nisa u għarfien espert speċjalizzat ieħor magħmul disponibbli minn organizzazzjonijiet ta' bażi, kif ukoll billi tiġi pprovduta assistenza diretta lill-vittmi u lis-superstiti tal-vjolenza;

(c) l-appoġġ għall-implimentazzjoni, fl-Unjoni, tal-objettivi tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, u tad-Direttiva (UE) 2024/1385;

d) l-appoġġ għall-prevenzjoni primarja, sekondarja u terzjarja komprensiva, f'konformità mal-Premessi 73 u 74 tad-Direttiva (UE) 2024/1385, inkluż, fost l-oħrajn, programmi edukattivi li jindirizzaw in-normi tal-ġeneru, u edukazzjoni komprensiva dwar is-sessswalità u l-kunsens.

Or. en

Emenda 1241
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Kapitolu IVb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

IVb Il-Fergħa Appoġġ ta' Emerġenza għall-Ispazju Ċiviku

Artikolu 9b

Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni tad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem (DDB) u tas-Soċjetà Ċivili

Fil-fergħa Appoġġ ta' Emerġenza għall-Ispazju Ċiviku, l-objettiv speċifiku "Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni tad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem (DDB) u tas-Soċjetà Ċivili" għandu jiffoka fuq:

(a) l-appoġġ għall-istabbiliment ta' Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni tad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem (DDB) u tas-Soċjetà Ċivili olistiku u indipendenti mmexxi mis-soċjetà ċivili biex jipprovdu twissijiet bikrija kif ukoll protezzjoni, assistenza u appoġġ komprensivi immedjati lill-atturi tal-ispazju ċiviku mhedda, iffastidjati jew taħt sorveljanza, inkluż permezz tal-użu ta' software ta' sorveljanza intrużiv, minħabba l-ħidma tagħhom fil-qasam tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, f'komplementarjetà ma' inizjattivi eżistenti li jipprovdu tali appoġġ u f'koordinazzjoni magħhom;

(b) is-sensibilizzazzjoni dwar il-miżuri previsti f'dan l-Artikolu bil-ħsieb li tiġi żgurata l-preparatezza fl-ispazju ċiviku għal rispons immedjat u l-ġlieda kontra attakki u theddid minn atturi li jfittxu li jimminaw il-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, sabiex l-atturi tal-ispazju ċiviku jkunu jistgħu jwettqu l-ħidma tagħhom mingħajr xkiel.

Il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni tad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem (DDB) u s-Soċjetà Ċivili msemmi fil-punt (a), għandu jipprevedi protezzjoni olistika, inkluża protezzjoni fiżika, psikosoċjali, legali, diġitali u finanzjarja, u rilokazzjoni fejn meħtieġ, u għandu jinkludi

mekkaniżmu biex jiġu pprovduti twissijiet u biex jintuża bħala bażi għar-reazzjonijiet istituzzjonali. Il-Mekkaniżmu għandu jadotta approċċ intersezzjonali u sensittiv għall-ġeneru u jipproteġi b'mod adegwat lid-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem.

Or. en

Emenda 1242
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Marco Tarquinio, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kooperazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali fl-oqsma kulturali, ***tal-midja*** u ***ċiviċi***, u ***l-protezzjoni*** tal-integrità tad-diskors pubbliku, u b'hekk jissaħħu r-reżiljenza demokratika, it-tħejjija tas-soċjetà u l-involviment kulturali u ċiviku;	(a) ***Is-salvagwardja u l-promozzjoni tar-reżiljenza demokratika, tal-preparatezza u tal-involviment tas-soċjetà, u l-protezzjoni tal-integrità tad-diskors pubbliku u tal-ekosistema tal-informazzjoni, b'mod partikolari fil-bini tal-kapaċitajiet għall-organizzazzjonijiet kulturali, awdjoviżivi, ġurnalistiċi u ċiviċi u t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid għall-professjonisti f'dawn l-oqsma;*** il-kooperazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali fl-oqsma kulturali, ***tal-media indipendenti, tal-ġurnaliżmu*** u ***tal-ispazju ċiviku***, u ***t-tisħiħ tal-integrità tad-diskors pubbliku u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni fl-ekosistema tal-informazzjoni, il-protezzjoni*** tal-integrità tad-diskors pubbliku, u b'hekk jissaħħu r-reżiljenza demokratika, it-tħejjija tas-soċjetà u l-involviment kulturali u ċiviku***, b'perspettiva intersezzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tal-Karta u l-ġurisprudenza***;

Or. en

Emenda 1243
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***il-kooperazzjoni*** u l-innovazzjoni transsettorjali fl-oqsma kulturali, ***tal-midja*** u ċiviċi, u l-protezzjoni tal-integrità tad-diskors pubbliku, u b'hekk jissaħħu r-reżiljenza demokratika, it-tħejjija tas-soċjetà u l-involviment kulturali u ċiviku;	(a) ***l-appoġġ għall-kooperazzjoni*** u l-innovazzjoni transsettorjali ***u tranżnazzjonali*** fl-oqsma kulturali, ***tal-media*** u ċiviċi, u l-protezzjoni tal-integrità tad-diskors pubbliku, u b'hekk jissaħħu r-reżiljenza demokratika, it-tħejjija tas-soċjetà u l-involviment kulturali u ċiviku; ***ir-rikonoxximent tar-rwol soċjetali essenzjali tal-kultura, tal-libertà artistika, tal-libertà tal-media u tal-pluraliżmu tal-media u s-sinerġiji potenzjali tagħhom f'dan l-isforz;***

Or. en

Emenda 1244
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kooperazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali fl-oqsma kulturali, ***tal-midja*** u ċiviċi***, u l-protezzjoni tal-integrità tad-diskors pubbliku, u b'hekk jissaħħu r-reżiljenza demokratika, it-tħejjija tas-soċjetà u l-involviment kulturali u ċiviku***;	(a) il-kooperazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali fl-oqsma kulturali, ***tal-media*** u ċiviċi;

Or. fr

Emenda 1245
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***il-kooperazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali fl-oqsma kulturali, tal-midja u ċiviċi, u l-protezzjoni tal-integrità tad-diskors pubbliku, u b'hekk jissaħħu r-reżiljenza*** demokratika***, it-tħejjija*** tas-soċjetà u l-involviment ***kulturali u ċiviku***;	(a) ***is-salvagwardja u l-promozzjoni tar-reżiljenza*** demokratika ***u*** tas-soċjetà***,*** u l-involviment ***tas-soċjetà***;

Or. en

Emenda 1246
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kooperazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali fl-oqsma kulturali, ***tal-midja*** u ċiviċi, u l-protezzjoni ***tal-integrità*** tad-diskors pubbliku, u b'hekk jissaħħu r-reżiljenza demokratika, it-tħejjija tas-soċjetà u l-involviment kulturali u ċiviku;	(a) il-kooperazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali fl-oqsma kulturali, ***tal-media*** u ċiviċi, u l-protezzjoni ***tad-diversità u tal-libertà*** tad-diskors pubbliku, u b'hekk jissaħħu r-reżiljenza demokratika, it-tħejjija tas-soċjetà u l-involviment kulturali u ċiviku***, kif ukoll il-libertà tal-kelma***;

Or. fi

Emenda 1247
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kooperazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali fl-oqsma kulturali, ***tal-midja*** u ċiviċi, u ***l-protezzjoni*** tal-integrità tad-diskors pubbliku, u b'hekk jissaħħu r-reżiljenza demokratika, it-tħejjija tas-	(a) il-kooperazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali fl-oqsma kulturali, ***tal-media*** u ċiviċi, u ***t-tisħiħ*** tal-integrità tad-diskors pubbliku ***u tal-ekosistema tal-informazzjoni***, u b'hekk jissaħħu r-

soċjetà u l-involviment kulturali u ċiviku;	reżiljenza demokratika, it-tħejjija tas-soċjetà u l-involviment kulturali u ċiviku;

Or. en

Emenda 1248
Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kooperazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali fl-oqsma kulturali, ***tal-midja*** u ċiviċi, u l-protezzjoni tal-integrità tad-diskors pubbliku, u b'hekk jissaħħu ***r-reżiljenza demokratika, it-tħejjija*** tas-soċjetà u l-involviment kulturali u ċiviku;	(a) il-kooperazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali fl-oqsma kulturali, ***tal-media*** u ċiviċi, u l-protezzjoni tal-integrità tad-diskors pubbliku, u b'hekk jissaħħu ***t-tħejjija*** tas-soċjetà u l-involviment kulturali u ċiviku;

Or. sk

Ġustifikazzjoni

It-terminu "reżiljenza demokratika" mhuwiex definit b'mod preċiż fid-dritt tal-Unjoni u f'dawn l-aħħar snin intuża b'mod wiesa' ħafna biex jiffinanzja attivitajiet b'kontenut politiku jew ideoloġiku. Il-Programm għandu jiffoka fuq objettivi speċifiċi u li jistgħu jitkejlu fl-oqsma tal-kultura, tal-media u tal-parteċipazzjoni ċivika.

Emenda 1249
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) użu responsabbli tal-għodod innovattivi u t-teknoloġiji tal-kontenut, b'mod partikolari l-Intelliġenza Artifiċjali, kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet u l-bini tal-kapaċitajiet b'approċċi transsettorjali;	(b) użu responsabbli***, etiku, trasparenti u ċċentrat fuq il-bniedem*** tal-għodod innovattivi u t-teknoloġiji tal-kontenut, b'mod partikolari l-Intelliġenza Artifiċjali, ***b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali, għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tad-detenturi tad-drittijiet u bi prijorità***

mogħtija biex jiġi żgurat li tali teknoloġiji ma jirriproduċux jew ma jamplifikawx il-preġudizzju u jaggravaw id-diskriminazzjoni jew l-esklużjoni, iżda jikkontribwixxu wkoll biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi, jikkontribwixxu għall-fiduċja fl-ispazju tal-informazzjoni, id-diversità kulturali u r-reżiljenza demokratika, isaħħu l-kreattività tal-bniedem u d-diġitalizzazzjoni tas-sistemi u tal-proċessi, kif ukoll għall-iżvilupp tal-ħiliet u għall-bini tal-kapaċitajiet permezz ta' approċċi transsettorjali; kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet u l-bini tal-kapaċitajiet b'approċċi transsettorjali***, inkluż l-appoġġ għall-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali u mmexxija mid-data, b'mod partikolari l-intelliġenza artifiċjali, b'mod iċċentrat fuq il-bniedem, etiku u trasparenti, li jikkontribwixxu għall-fiduċja fl-ispazju tal-informazzjoni, id-diversità kulturali u r-reżiljenza demokratika***;

Or. en

Emenda 1250
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) użu responsabbli tal-għodod innovattivi u t-teknoloġiji tal-kontenut, b'mod partikolari l-Intelliġenza Artifiċjali, kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet u l-bini tal-kapaċitajiet b'approċċi transsettorjali;	(b) użu ***etiku,*** responsabbli***, sostenibbli u bbażat fuq id-drittijiet, inkluż it-tikkettar*** tal-għodod innovattivi u t-teknoloġiji tal-kontenut, b'mod partikolari l-Intelliġenza Artifiċjali, kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet u l-bini tal-kapaċitajiet b'approċċi transsettorjali; ***Il-kriterji ta' evalwazzjoni għall-proġetti ma għandhomx jagħtu vantaġġ sistematiku lill-proġetti li jużaw kontenut iġġenerat mill-IA fuq dawk ibbażati fuq xogħol kreattiv uman oriġinali. Il-kontenut iġġenerat kompletament mill-intelliġenza artifiċjali ma għandux jikkwalifika bħala "xogħol***

kreattiv Ewropew" għall-finijiet ta' ċirkolazzjoni jew appoġġ għad-distribuzzjoni permezz tal-fergħa MEDIA+;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mingħajr dan, MEDIA+ tista' tissussidja d-distribuzzjoni tal-kontenut tal-IA għad-detriment tal-artisti umani.

Emenda 1251
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) użu responsabbli tal-għodod innovattivi u t-teknoloġiji tal-kontenut, b'mod partikolari l-Intelliġenza Artifiċjali, kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet u l-bini tal-kapaċitajiet b'approċċi transsettorjali;	(b) użu responsabbli tal-għodod innovattivi u t-teknoloġiji tal-kontenut, b'mod partikolari l-Intelliġenza Artifiċjali, ***inkluż billi jiġi appoġġat l-investiment f'tali teknoloġiji u l-adozzjoni tagħhom biex jissaħħu l-kompetittività u l-kapaċità tal-innovazzjoni tas-setturi kulturali, kreattivi u tal-media, filwaqt li jiġu ssalvagwardjati s-sorveljanza mill-bniedem, id-drittijiet fundamentali, il-pluraliżmu tal-media u l-integrità u l-affidabbiltà tal-informazzjoni*** kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet u l-bini tal-kapaċitajiet b'approċċi transsettorjali;

Or. en

Emenda 1252
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Brigitte van den Berg, Irena Joveva, Fabienne Keller, Lucia Yar, Dainius Žalimas, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) użu responsabbli tal-għodod innovattivi u t-teknoloġiji tal-kontenut, b'mod partikolari l-Intelliġenza Artifiċjali, kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet u l-bini tal-kapaċitajiet b'approċċi transsettorjali;	(b) użu responsabbli tal-għodod innovattivi u t-teknoloġiji tal-kontenut, ***inkluż appoġġ għall-iżvilupp u għall-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali u mmexxija mid-data,*** b'mod partikolari l-Intelliġenza Artifiċjali***, b'mod iċċentrat fuq il-bniedem, etiku u trasparenti, li jħares iż-żamma tal-fiduċja fl-ispazju tal-informazzjoni, id-diversità kulturali u r-reżiljenza demokratika***, kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet u l-bini tal-kapaċitajiet b'approċċi transsettorjali;

Or. en

Emenda 1253
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) użu responsabbli tal-għodod innovattivi u t-teknoloġiji tal-kontenut, ***b'mod partikolari*** l-Intelliġenza Artifiċjali, kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet u l-bini tal-kapaċitajiet b'approċċi transsettorjali;	(b) użu responsabbli***, etiku u trasparenti*** tal-għodod innovattivi u t-teknoloġiji tal-kontenut, ***inkluża*** l-Intelliġenza Artifiċjali ***bħala għodda ta' assistenza***, kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet u l-bini tal-kapaċitajiet b'approċċi transsettorjali***, inkluż appoġġ għall-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali u mmexxija mid-data, li jikkontribwixxu għall-fiduċja fl-ispazju tal-informazzjoni, id-diversità kulturali u r-reżiljenza demokratika***;

Or. en

Emenda 1254
Gabriela Firea, Maria Guzenina

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) użu responsabbli tal-għodod innovattivi u t-teknoloġiji tal-kontenut, ***b'mod partikolari*** l-Intelliġenza Artifiċjali, ***kif ukoll l-iżvilupp*** tal-ħiliet ***u l-bini tal-kapaċitajiet b'approċċi transsettorjali***;	(b) użu responsabbli***, trasparenti u ċċentrat fuq il-bniedem*** tal-għodod innovattivi u t-teknoloġiji tal-kontenut, ***inkluża*** l-Intelliġenza Artifiċjali, ***akkumpanjat mill-iżvilupp*** tal-ħiliet***, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awturi u r-remunerazzjoni ġusta, l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà, u l-appoġġ għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom affettwati mid-diġitalizzazzjoni u mill-intelliġenza artifiċjali***;

Or. en

Emenda 1255
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) użu responsabbli tal-għodod innovattivi u t-teknoloġiji tal-kontenut, b'mod partikolari l-Intelliġenza Artifiċjali, kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet u l-bini tal-kapaċitajiet b'approċċi transsettorjali;	(b) ***l-iżgurar ta'*** użu responsabbli***, etiku u ċċentrat fuq il-bniedem*** tal-għodod innovattivi u t-teknoloġiji tal-kontenut, b'mod partikolari l-Intelliġenza Artifiċjali, kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet u l-bini tal-kapaċitajiet b'approċċi transsettorjali;

Or. en

Emenda 1256
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(b) użu responsabbli tal-għodod innovattivi u t-teknoloġiji tal-kontenut, b'mod partikolari l-Intelliġenza Artifiċjali, kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet u l-bini tal-kapaċitajiet b'approċċi transsettorjali;	(b) użu responsabbli ***u li jsaħħaħ l-effiċjenza*** tal-għodod innovattivi u t-teknoloġiji tal-kontenut, b'mod partikolari l-Intelliġenza Artifiċjali, kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet u l-bini tal-kapaċitajiet b'approċċi transsettorjali;

Or. fi

Emenda 1257
Peter Agius, Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) użu responsabbli tal-għodod innovattivi u t-teknoloġiji tal-kontenut, b'mod partikolari l-Intelliġenza Artifiċjali, kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet u l-bini tal-kapaċitajiet b'approċċi transsettorjali;	(b) użu responsabbli ***u mmexxi mill-bniedem*** tal-għodod innovattivi u t-teknoloġiji tal-kontenut, b'mod partikolari l-Intelliġenza Artifiċjali, kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet u l-bini tal-kapaċitajiet b'approċċi transsettorjali;

Or. en

Emenda 1258
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) azzjonijiet għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni fl-oqsma tal-kultura, tal-midja u ċiviċi, inkluż, meta applikabbli, b'kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1259
Alessandro Ciriani, Carlo Fidanza, Lara Magoni

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) azzjonijiet għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni fl-oqsma tal-kultura, tal-midja u ċiviċi, inkluż, meta applikabbli, b'kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati;	***imħassar***

Or. it

Emenda 1260
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) azzjonijiet għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni fl-oqsma tal-kultura, ***tal-midja*** u ċiviċi, inkluż, meta applikabbli, b'kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati;	(c) azzjonijiet għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni fl-oqsma tal-kultura, ***tal-media*** u ċiviċi, inkluż, meta applikabbli, b'kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati ***kif ukoll permezz tal-bini tal-kapaċitajiet, it-taħriġ legali, l-attivitajiet ta' monitoraġġ u l-mekkaniżmi ta' appoġġ li għandhom l-għan li jiżguraw l-applikazzjoni u l-infurzar effettivi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tissalvagwardja l-libertà u l-pluraliżmu tal-media, id-drittijiet diġitali u l-parteċipazzjoni demokratika, inkluż ir-Regolament (UE) 2024/1083 (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media), ir-Regolament (UE) 2022/2065 (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali), ir-Regolament (UE) 2022/1925 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali),***

ir-Regolament (UE) 2024/1689 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali), u l-miżuri tal-Unjoni li jipproteġu lill-persuni involuti f'parteċipazzjoni pubblika kontra talbiet manifestament infondati jew proċeduri tal-qorti abbużivi (anti-SLAPP);

Or. en

Emenda 1261
Zsuzsanna Borvendég

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) azzjonijiet għall-iżvilupp***, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ*** tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni fl-oqsma tal-kultura, ***tal-midja*** u ċiviċi, ***inkluż, meta applikabbli, b'kooperazzjoni fost*** l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati;	(c) azzjonijiet għall-iżvilupp ***u għall-implimentazzjoni*** tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni fl-oqsma tal-kultura, ***tal-media*** u ċiviċi, ***fil-limiti tal-kompetenzi tal-Unjoni u f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u, fejn xieraq,*** l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati; ***Tali azzjonijiet ma għandhomx jiffinanzjaw kampanji politiċi, attivitajiet ta' pressjoni ideoloġika jew strateġiji ta' litigazzjoni li għandhom l-għan li jimminaw l-għażliet kostituzzjonali nazzjonali, it-tradizzjonijiet kulturali, il-wirt reliġjuż jew l-għażliet ta' politika tal-familja li jaqgħu barra mill-kompetenza tal-Unjoni.***

Or. en

Emenda 1262
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) azzjonijiet għall-iżvilupp, l-	(c) azzjonijiet għall-iżvilupp, l-

implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni fl-oqsma tal-kultura, ***tal-midja*** u ċiviċi, inkluż, meta applikabbli, b'kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati;	implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni***, inkluż l-allinjament tagħhom mal-valuri tal-Unjoni minquxa fit-Trattati, fil-Karta u fil-konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari*** fl-oqsma tal-kultura, ***tal-aħbarijiet*** u ċiviċi, inkluż, meta applikabbli, b'kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati ***u billi jingħata kontribut għall-bażi tal-evidenza u għall-infrastruttura tad-data meħtieġa għal tali monitoraġġ, f'sinerġija mal-Pjattaforma tad-Data Kulturali tal-UE***;

Or. en

Emenda 1263
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) azzjonijiet għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni fl-oqsma tal-kultura, ***tal-midja*** u ċiviċi, inkluż, meta applikabbli, b'kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati;	(c) azzjonijiet għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni***, inkluż l-allinjament tagħhom mal-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, fil-Karta u fil-konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari*** fl-oqsma tal-kultura, ***tal-aħbarijiet*** u ċiviċi, inkluż, meta applikabbli, b'kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati;

Or. en

Emenda 1264
Mario Furore

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) azzjonijiet għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni fl-oqsma tal-kultura, ***tal-midja*** u ċiviċi, inkluż, meta applikabbli, b'kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati;	(c) azzjonijiet għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni fl-oqsma tal-kultura, ***tal-media*** u ċiviċi, inkluż, meta applikabbli, b'kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati ***u billi jingħata kontribut għall-bażi tal-evidenza u għall-infrastruttura tad-data meħtieġa għal tali monitoraġġ, f'sinerġija mal-Pjattaforma tad-Data Kulturali tal-UE***;

Or. en

Emenda 1265
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) azzjonijiet għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni fl-oqsma tal-kultura, ***tal-midja*** u ċiviċi, inkluż, meta applikabbli, b'kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati;	(c) azzjonijiet għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni fl-oqsma tal-kultura, ***tal-media*** u ċiviċi, inkluż, meta applikabbli, b'kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati ***bil-ħsieb li tissaħħaħ il-koerenza bejn l-oqfsa regolatorji u l-azzjonijiet ta' finanzjament***;

Or. en

Emenda 1266
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-istabbiliment u l-attivitajiet tad-Desks tal-Programm b'riżorsi xierqa fil-pajjiżi parteċipanti biex jistimulaw il-kooperazzjoni transfruntiera u l-iskambju tal-aħjar prattiki fis-setturi koperti mill-Programm. Barra minn hekk, id-Desks tal-Programm jistgħu jkunu responsabbli wkoll biex jipprovdu gwida imparzjali, informazzjoni prattika u assistenza lill-applikanti, lill-partijiet ikkonċernati u lill-benefiċjarji tal-Programm bl-aspetti kollha tagħhom, inkluż fir-rigward tal-proċedura ta' applikazzjoni, it-tixrid ta' informazzjoni faċli għall-utent u r-riżultati tal-Programm, l-inkjesti għas-sħab, it-taħriġ u l-formalitajiet;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiggarantixxi d-Desks tal-Programm fil-liġi b'funzjonijiet speċifiċi: il-kooperazzjoni transfruntiera, il-gwida imparzjali, l-assistenza prattika, it-tiftix għas-sħab, it-taħriġ, u l-formalitajiet. Din hija waħda mill-aktar dispożizzjonijiet ta' aċċess li jħallu impatt prattiku fil-pakkett, b'mod partikolari għall-operaturi f'pajjiżi b'kapaċità amministrattiva aktar baxxa.

Emenda 1267
Alice Kuhnke, Emma Rafowicz

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-azzjonijiet li jiffaċilitaw it-taħriġ u l-investiment diġitali bħall-iżvilupp u l-adattament ta' għodod diġitali u taħriġ dwar il-ħiliet diġitali, u, fejn rilevanti u fattibbli, l-iffaċilitar ta' sinerġiji relatati ma' attivitajiet ta' verifika tal-fatti, is-sostenn tal-infrastruttura ewlenija, kif ukoll funzjonijiet maħsuba biex jissimplifikaw aktar il-piż amministrattiv;

Or. en

Emenda 1268
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-istabbiliment u l-attivitajiet, b'riżorsi xierqa, tad-Desks ta' AgoraEU, li jipprovdu gwida u assistenza imparzjali lill-benefiċjarji potenzjali u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni transfruntiera, in-networking u l-iskambju tal-aħjar prattiki fost il-partijiet ikkonċernati fl-oqsma kulturali, tal-media u ċiviċi;

Or. en

Emenda 1269
Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-appoġġ lill-organizzazzjonijiet volontarji involuti fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' wirt kulturali intanġibbli li għandhom valur miżjud kbir għall-komunità kulturali lokali u reġjonali tagħhom, kemm ekonomikament kif ukoll soċjalment, b'enfasi fuq il-ħtiġijiet għar-reġjuni ultraperiferiċi u remoti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-prijorità orizzontali ġdida addizzjonali tagħti l-opportunità li jiġu appoġġjati l-organizzazzjonijiet tal-voluntiera, li għandhom rwol uniku u valur enormi fil-ħajja kulturali.

Dawn il-voluntiera jwettqu attivitajiet lokali u reġjonali li jħallu impatt fuq il-wirt kulturali intanġibbli, bħall-festi Maltin, li jlaqqgħu l-komunità, u jżidu l-valur għall-ekonomija lokali u r-rikkezza tal-ħajja kulturali fid-diversità kollha.

Emenda 1270
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) azzjonijiet li jippromwovu l-edukazzjoni dwar il-paċi, il-prevenzjoni tal-kunflitti, il-medjazzjoni, ir-rikonċiljazzjoni, id-djalogu interkulturali, il-parteċipazzjoni demokratika u approċċi bbażati fil-komunità għall-koeżjoni soċjali.

Or. en

Emenda 1271
Peter Agius, Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) [1d] azzjonijiet li jappoġġaw id-dimensjoni transfruntiera tal-programm billi jilħqu kumpaniji u komunitajiet f'reġjuni insulari, ultraperiferiċi u remoti;
	[1d] Paragrafu ġdid d

Or. en

Emenda 1272
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) għotjiet operattivi u għotjiet għal proġetti għal organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili involuti fil-promozzjoni, fil-litigazzjoni strateġika, fil-monitoraġġ, fl-attivitajiet ta' sorveljanza, fl-iskrutinju tal-politika, fil-parteċipazzjoni ċivika, fil-konsolidazzjoni tal-paċi u fid-difiża u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE.

Or. en

Emenda 1273
Joanna Scheuring-Wielgus, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ta' finanzjament aċċessibbli fil-fergħat kollha tal-Programm, b'attenzjoni partikolari għall-applikanti għall-ewwel darba, il-kreaturi indipendenti, l-SMEs u l-organizzazzjonijiet b'kapaċità amministrattiva limitata inkluż f'reġjuni u swieq sottorappreżentati jew b'inqas riżorsi;

Or. en

Emenda 1274
Alice Kuhnke, Emma Rafowicz

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) azzjonijiet li jipproteġu r-reżiljenza tal-ispazju ċiviku, fost l-oħrajn billi jipprovdu appoġġ ta' emerġenza u protezzjoni minn attakki u theddid minn atturi li jfittxu li jimminaw il-valuri tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 1275
Gabriela Firea, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni], il-promozzjoni tal-Programm, u l-opportunitajiet tal-finanzjament tiegħu, inkluż permezz tad-Desks tal-Programm, biex b'hekk jiżdiedu l-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm;	(d) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni], il-promozzjoni tal-Programm, u l-opportunitajiet tal-finanzjament tiegħu, inkluż permezz tad-Desks tal-Programm, ***sensibilizzazzjoni deċentralizzata u appoġġ prattiku għall-applikazzjoni bil-lingwi nazzjonali u b'lingwaġġ sempliċi, b'attenzjoni partikolari għar-reġjuni u għal-komunitajiet b'parteċipazzjoni preċedenti limitata fil-programmi tal-Unjoni. Tali appoġġ jista' jinkludi sessjonijiet ta' informazzjoni lokali, kliniċi tal-applikazzjonijiet online u fuq il-post, mentoraġġ għall-applikanti għall-ewwel darba u kooperazzjoni ma' muniċipalitajiet żgħar, skejjel, libreriji, mużewijiet, ċentri kulturali, ċentri taż-żgħażagħ, istituzzjonijiet kulturali lokali, media komunitarja, organizzazzjonijiet immexxija min-nisa u atturi tas-soċjetà ċivili fil-livell lokali,*** biex b'hekk jiżdiedu l-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm;

Or. en

Emenda 1276
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Gabriela Firea, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni], il-promozzjoni tal-Programm, u l-opportunitajiet tal-finanzjament tiegħu, inkluż permezz tad-Desks tal-Programm, biex b'hekk jiżdiedu l-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm;	(d) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni], il-promozzjoni tal-Programm, u l-opportunitajiet tal-finanzjament tiegħu, inkluż permezz tad-Desks tal-Programm, biex b'hekk jiżdiedu l-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm ***b'attenzjoni partikolari għall-aċċessibbiltà għal organizzazzjonijiet iżgħar, atturi lokali u applikanti għall-ewwel darba inkluż f'reġjuni sottorappreżentati jew b'inqas riżorsi u s-swieq tal-media***;

Or. en

Emenda 1277
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni], il-promozzjoni tal-Programm, u l-opportunitajiet tal-finanzjament tiegħu, inkluż permezz tad-Desks tal-Programm, biex b'hekk jiżdiedu l-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm;	(d) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni], il-promozzjoni tal-Programm, u l-opportunitajiet tal-finanzjament tiegħu, inkluż permezz tad-Desks tal-Programm, biex b'hekk jiżdiedu l-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm ***b'attenzjoni partikolari għall-aċċessibbiltà għal organizzazzjonijiet iżgħar, atturi lokali u***

applikanti għall-ewwel darba inkluż f'reġjuni sottorappreżentati jew b'inqas riżorsi u s-swieq tal-media;

Or. en

Emenda 1278
Peter Agius, Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni], il-promozzjoni tal-Programm, u l-opportunitajiet tal-finanzjament tiegħu, inkluż permezz tad-Desks tal-Programm, biex b'hekk jiżdiedu l-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm;	(d) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni], il-promozzjoni tal-Programm, u l-opportunitajiet tal-finanzjament tiegħu, inkluż permezz tad-Desks tal-Programm, ***b'sensibilizzazzjoni mmirata u assistenza teknika għall-applikanti dwar opportunitajiet ta' finanzjament għall-applikanti minn reġjuni insulari, ultraperiferiċi u periferali,*** biex b'hekk jiżdiedu l-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm;

Or. en

Emenda 1279
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni], il-promozzjoni tal-Programm, u l-opportunitajiet tal-finanzjament tiegħu, ***inkluż permezz tad-***	(d) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni], il-promozzjoni tal-Programm, u l-opportunitajiet tal-finanzjament tiegħu, biex b'hekk jiżdiedu

Desks tal-Programm, biex b'hekk jiżdiedu l-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm;	l-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm ***b'attenzjoni partikolari għall-aċċessibbiltà għal organizzazzjonijiet iżgħar, atturi lokali u applikanti għall-ewwel darba inkluż f'reġjuni u media sottorappreżentati jew b'inqas riżorsi***;

Or. en

Emenda 1280
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni], il-promozzjoni tal-Programm, u l-opportunitajiet tal-finanzjament tiegħu, ***inkluż permezz tad-Desks tal-Programm,*** biex b'hekk jiżdiedu l-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm;	(d) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni], il-promozzjoni tal-Programm, u l-opportunitajiet tal-finanzjament tiegħu, biex b'hekk jiżdiedu l-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm;

Or. fr

Emenda 1281
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni], il-promozzjoni tal-Programm, u l-opportunitajiet tal-finanzjament tiegħu, inkluż permezz tad-Desks tal-Programm, biex b'hekk ***jiżdiedu***	(d) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni], il-promozzjoni tal-Programm, u l-opportunitajiet tal-finanzjament tiegħu, inkluż permezz tad-Desks tal-Programm, biex b'hekk ***tiżdied***

l-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm;	***il-verifika*** dwar ir-riżultati tal-Programm;

Or. fi

Emenda 1282
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni], il-promozzjoni tal-Programm, u l-opportunitajiet tal-finanzjament tiegħu, inkluż permezz tad-Desks ***tal-Programm***, biex b'hekk jiżdiedu l-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm;	(d) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni], il-promozzjoni tal-Programm, u l-opportunitajiet tal-finanzjament tiegħu, inkluż permezz tad-Desks ***ta' AgoraEU***, biex b'hekk jiżdiedu l-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm;

Or. en

Emenda 1283
Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni], il-promozzjoni tal-Programm, u l-opportunitajiet tal-finanzjament tiegħu, inkluż permezz tad-Desks tal-Programm, biex b'hekk jiżdiedu l-kuntatt***, il-viżibbiltà*** u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm;	(d) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni], il-promozzjoni tal-Programm, u l-opportunitajiet tal-finanzjament tiegħu, inkluż permezz tad-Desks tal-Programm, biex b'hekk jiżdiedu l-kuntatt u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm;

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-fondi tal-Programm huma maħsuba fuq kollox biex jappoġġaw l-ilħuq tal-objettivi tal-Programm. L-attivitajiet ta' komunikazzjoni u ta' promozzjoni fuq skala kbira mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma għandhomx jikkostitwixxu objettiv indipendenti tal-Programm.

Emenda 1284
Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) azzjonijiet biex tinħoloq UE aktar inklużiva, il-promozzjoni tal-ugwaljanza u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, tal-oriġini razzjali jew etnika,tar-reliġjon jew tat-twemmin, tad-diżabbiltà, tal-età jew tal-orjentazzjoni sesswali, u ta' kull forma ta' razziżmu u intolleranza, inkluż abbażi tal-identità tal-ġeneru u tal-espressjoni tal-ġeneru kif ukoll id-diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali;

Or. en

Emenda 1285
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, Alessandro Zan, José Cepeda

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) azzjonijiet biex tinħoloq UE aktar inklużiva u ugwali, il-promozzjoni tal-ugwaljanza, u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, ir-reati ta' mibegħda, id-diskors ta' mibegħda abbażi tas-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, u l-forom kollha ta' razziżmu u intolleranza u r-

raġunijiet kollha protetti skont l-Artikolu 21 tal-Karta u l-ġurisprudenza;

Or. en

Emenda 1286
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Brigitte van den Berg, Lucia Yar, Dainius Žalimas, Nikola Minchev, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-fergħat differenti tal-Programm għandhom jiġu implimentati f'sinerġija ma' xulxin. Fil-Programmi ta' Ħidma msemmija fl-Artikolu 17, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi b'mod ċar is-sinerġiji mistennija li jirriżultaw fl-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-programm.

Or. en

Emenda 1287
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, Alessandro Zan, José Cepeda

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) azzjonijiet li jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, u l-protezzjoni u l-promozzjoni tat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tan-nisa, l-indirizzar attiv tal-istereotipi marbuta mal-ġeneru u l-indirizzar tad-diskriminazzjoni intersezzjonali; u l-użu sistematiku ta' għodod għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri bħall-ibbaġitjar sensittiv għal

kwistjonijiet ta' ġeneru u l-valutazzjonijiet tal-impatt fir-rigward tal-ġeneri; jimmiraw bilanċ bejn il-ġeneri fil-korpi u fil-konsultazzjonijiet kollha.

Or. en

Emenda 1288
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Marco Tarquinio, Michał Kobosko

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-finanzjament ta' prijoritajiet u attivitajiet trasversali u orizzontali għandu jiġi ddeterminat skont in-natura u l-ambitu tagħhom.	Il-finanzjament ta' prijoritajiet u attivitajiet trasversali u orizzontali għandu jiġi ddeterminat skont in-natura u l-ambitu tagħhom. ***L-azzjonijiet immirati lejn il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin (FIMI), u forom oħra ta' theddid relatat mal-informazzjoni li jimminaw id-demokrazija, id-drittijiet fundamentali, il-libertà u l-pluraliżmu tal-media għandhom jikkostitwixxu prijorità trażversali fil-fergħat kollha tal-Programm. Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġu żgurati l-komplementarjetà, il-koordinazzjoni u s-sinerġiji bejn l-azzjonijiet appoġġati permezz tal-fergħa MEDIA+, il-fergħa CERV+ u l-fergħa Media tal-Aħbarijiet u Ġurnaliżmu, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ il-libertà tal-espressjoni, l-indipendenza editorjali u l-pluraliżmu tal-media. Għandhom ikunu disponibbli riżorsi adegwati f'dawk il-fergħat kollha biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetà, jiġi promoss il-litteriżmu fil-media, jiġu appoġġati l-ġurnaliżmu indipendenti u l-inizjattivi ta' verifika tal-fatti, u jiġu protetti l-parteċipazzjoni demokratika u l-ispazju ċiviku kontra theddid relatat mal-***

informazzjoni.

Or. en

Emenda 1289
Joanna Scheuring-Wielgus, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-finanzjament ta' prijoritajiet u attivitajiet trasversali u orizzontali għandu jiġi ddeterminat skont in-natura ***u*** l-ambitu tagħhom.	Il-finanzjament ta' prijoritajiet u attivitajiet trasversali u orizzontali għandu jiġi ddeterminat skont in-natura***,*** l-ambitu tagħhom ***u l-objettivi tal-Programm***. ***It-trawwim ta' sinerġiji fost l-objettivi tal-Programm ma għandux jippreġudika, jiżvantaġġa jew jillimita b'xi mod ieħor l-eliġibbiltà jew il-valutazzjoni tal-proposti għal proġetti li jiffukaw esklużivament fuq objettiv uniku tal-Programm. L-attivitajiet trażversali u orizzontali ma għandhomx jimminaw, direttament jew indirettament, il-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE u fil-Karta. Il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat qabel l-użu tal-flessibbiltà fl-ambitu tia-Programm. Il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat kif xieraq dwar kwalunkwe mobilizzazzjoni ta' finanzjament fl-ambitu tal-Programm li tista' timmina l-ilħuq u l-implimentazzjoni tal-objettivi tiegħu. L-organizzazzjonijiet professjonali rappreżentattivi tas-setturi kulturali u kreattivi fil-livell Ewropew għandhom jiġu kkonsultati fit-tħejjija ta' attivitajiet trażversali u orizzontali.***

Or. en

Emenda 1290
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-finanzjament ta' prijoritajiet u attivitajiet trasversali u orizzontali għandu jiġi ddeterminat skont in-natura u l-ambitu tagħhom.	Il-finanzjament ta' prijoritajiet u attivitajiet trasversali u orizzontali għandu jiġi ddeterminat skont in-natura u l-ambitu tagħhom. ***Tali finanzjament ma għandux jaffettwa l-awtonomija tal-fergħat individwali tal-Programm, il-prijoritajiet rispettivi tagħhom jew l-attivitajiet appoġġati skont dawk il-fergħat. Il-finanzjament għandu jkollu l-għan li jiżgura sinerġiji bejn il-programm Agora EU u strumenti oħra ta' finanzjament tal-Unjoni. L-azzjonijiet li permezz tagħhom għandhom jiġu segwiti l-prijoritajiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu huma stabbiliti fit-Taqsima 3 tal-Anness I.***

Or. en

Emenda 1291
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-finanzjament ta' prijoritajiet u attivitajiet ***trasversali*** u orizzontali għandu jiġi ddeterminat skont in-natura u l-ambitu tagħhom.	Il-finanzjament ta' prijoritajiet u attivitajiet ***trażversali*** u orizzontali għandu jiġi ddeterminat skont in-natura u l-ambitu tagħhom***, filwaqt li jitqiesu r-restrizzjonijiet baġitarji***.

Or. fi

Emenda 1292
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-kostijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-prijorità trażversali u orizzontali stabbilita fil-punt (d) ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu ffinanzjati mill-allokazzjoni tal-Fergħa jew tal-Fergħat appoġġati mid-Desk tal-Programm rilevanti. Meta Desk tal-Programm jappoġġa Fergħa waħda biss, il-kostijiet tiegħu għandhom jiġu ffinanzjati esklużivament mill-allokazzjoni ta' dik il-Fergħa. Meta Desk tal-Programm jappoġġa aktar minn Fergħa waħda, il-kostijiet tiegħu għandhom jiġu ffinanzjati b'mod konġunt mill-Fergħat rilevanti, pro rata għall-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għal dawk il-Fergħat stabbiliti fl-Artikolu 11.

Or. en

Emenda 1293
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fl-implimentazzjoni tal-Programm, il-Kummissjoni għandha tiżgura li mill-inqas 30 % tal-għotjiet mogħtija permezz ta' kull fergħa jkunu aċċessibbli għal organizzazzjonijiet b'baġit annwali ta' inqas minn EUR 500 000 jew li japplikaw għal finanzjament tal-Unjoni għall-ewwel darba. Il-Kummissjoni għandha tintroduċi miżuri speċifiċi ta' simplifikazzjoni, inkluż appoġġ ta' qabel l-applikazzjoni, mentoraġġ u formati ta' rapportar issimplifikati, biex tiffaċilita l-parteċipazzjoni minn organizzazzjonijiet żgħar, fil-livell lokali u lokali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minkejja impenji ripetuti għas-simplifikazzjoni u għall-aċċessibbiltà fost il-ġenerazzjonijiet suċċessivi tal-programm, il-finanzjament kulturali tal-UE jkompli jgħaddi b'mod predominanti għal organizzazzjonijiet akbar u stabbiliti sew b'kapaċità amministrattiva biex jittrattaw applikazzjonijiet kumplessi. Rekwiżit ta' limitu minimu b'miżuri konkreti ta' aċċess joperazzjonalizza l-impenn iddikjarat għal aċċess ekwu.

Emenda 1294
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 10a
	Desks tal-Programm u Punti ta' Kuntatt
	1) Il-Programm għandu jappoġġa l-istabbiliment u l-attivitajiet tad-desks u tal-Punti ta' Kuntatt tal-Programm fil-pajjiżi parteċipanti.
	2) Filwaqt li jaġixxu flimkien mal-Kummissjoni, il-pajjiżi parteċipanti fil-Programm għandhom jistabbilixxu dawn id-desks tal-Programm u l-Punti ta' Kuntatt f'konformità mad-dritt u mal-prattika nazzjonali tagħhom.
	3) Id-desks tal-Programm u l-Punti ta' Kuntatt għandhom:
	a) jippromwovu l-Programm u jipprovdu informazzjoni rilevanti dwar id-diversi tipi ta' appoġġ finanzjarju disponibbli permezz tal-fergħat tal-Programm u jassistu lill-operaturi biex japplikaw billi jinfurmawhom dwar ir-rekwiżiti u l-proċeduri relatati mad-diversi sejħiet għal proposti u billi jikkondividu prattiki tajbin;
	b) jappoġġaw lill-benefiċjarji potenzjali fil-proċessi ta' applikazzjoni u jipprovdu mentoraġġ bejn il-pari għal parteċipanti ġodda fil-Programm, jistimulaw il-

kooperazzjoni transfruntiera u l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn il-professjonisti, l-istituzzjonijiet, fl-oqsma ta' politika koperti mill-Programm u bejniethom;

c) jappoġġaw lill-Kummissjoni fl-iżgurar ta' komunikazzjoni u disseminazzjoni xierqa tar-riżultati tal-Programm.

4) Id-Desks tal-Programm u l-Punti ta' Kuntatt għandhom jiġu ffinanzjati mill-pakketti finanzjarji tal-fergħat tal-programm rispettivi skont il-ħtieġa.

Or. en

Emenda 1295
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 10b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 10b
	Grupp ta' Djalogu
	Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Grupp ta' Djalogu Ċivili AgoraEU bl-għan li jiġi żgurat djalogu regolari, miftuħ, inklużiv u trasparenti mal-benefiċjarji fost il-fergħat differenti tal-Programm u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Il-Pjattaforma għandha sservi bħala forum għall-iskambju ta' esperjenzi u prattiki tajbin, għad-diskussjoni dwar l-iżviluppi tal-politika u l-implimentazzjoni tal-Programm, kif ukoll tal-isfidi u tal-ħtiġijiet relatati fl-oqsma u l-fergħat koperti mill-Programm, b'mod partikolari fir-rigward tal-oqsma u tal-attivitajiet trażversali u orizzontali, bl-għan li tikkontribwixxi għall-ilhuq tal-objettivi tal-Programm stabbiliti fl-Artikolu 3. Is-sejbiet tal-Grupp ta' Djalogu AgoraEU għandhom jitqiesu mill-Kummissjoni fit-tħejjija tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu

17. Is-sommarju tas-sejbiet għandu jsir disponibbli għall-pubbliku u jintbagħat lill-Parlament Ewropew.

Or. en

Emenda 1296
Ivaylo Valchev

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-pakkett finanzjarju ***indikattiv*** għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu ***2028-2034 hu stabbilit għal*** EUR 8 582 000 000 fi prezzijiet kurrenti.	1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu ***mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034 għandu jkun ta'*** EUR 8 582 000 000 fi prezzijiet kurrenti. ***L-allokazzjoni indikattiva ta' dak il-pakkett fost il-fergħat tal-Programm għandha tkun kif ġej:*** ***(a) Fergħa Ewropa Kreattiva – Kultura: mill-inqas 30 %;*** ***(b) Fergħa MEDIA+: mill-inqas 35 %;*** ***(c) Fergħa CERV+: mhux aktar minn 25 %;*** ***(d) prijoritajiet u attivitajiet trażversali u orizzontali: mhux aktar minn 10 %.*** ***Kwalunkwe devjazzjoni mill-allokazzjonijiet indikattivi għandha tirrikjedi emenda minn qabel tal-programm ta' ħidma annwali approvat mill-Kumitat tal-Programm AgoraEU f'konformità mal-Artikolu 17a.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-lingwaġġ "indikattiv" tal-baġit tal-Kummissjoni jagħtiha diskrezzjoni unilaterali biex tqassam mill-ġdid il-fondi fost il-fergħat; l-emenda tintroduċi allokazzjonijiet indikattivi vinkolanti fil-livell tal-fergħa (Kultura ≥ 30 %; MEDIA+ ≥ 35 %; CERV+ ≤ 25 %; trażversali ≤ 10 %) b'devjazzjonijiet li jirrikjedu l-approvazzjoni tal-Kumitat tal-Programm. Il-limitu

massimu ta' CERV+ jipprevjeni l-fergħa drittijiet milli tassorbi l-programm kulturali, u dan jirrifletti l-pożizzjoni ġenerali tal-Istati Membri riflessa fl-approċċ ġenerali parzjali tal-Kunsill.

Emenda 1297
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2028-2034 hu stabbilit għal ***EUR 8 582 000 000*** fi prezzijiet kurrenti.	1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2028-2034 hu stabbilit għal ***EUR 4 300 000 000*** fi prezzijiet kurrenti***, li jikkorrispondi għat-total tal-programmi fil-QFP attwali tal-2021-2027***.

Or. fr

Emenda 1298
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, Alessandro Zan, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Gabriela Firea, Marco Tarquinio, Victor Negrescu, Michał Kobosko

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2028-2034 hu stabbilit għal EUR ***8 582 000 000*** fi prezzijiet kurrenti.	1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2028-2034 hu stabbilit għal EUR ***12 000 000 000*** fi prezzijiet kurrenti.

Or. en

Emenda 1299
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2028-2034 hu stabbilit għal EUR ***8 582 000 000*** fi prezzijiet kurrenti.	1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2028-2034 hu stabbilit għal EUR ***10 720 000 000*** fi prezzijiet kurrenti.

Or. en

Emenda 1300
Emma Rafowicz, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2028-2034 hu stabbilit għal EUR ***8 582 000 000*** fi prezzijiet kurrenti.	1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2028-2034 hu stabbilit għal EUR ***10 720 000 000*** fi prezzijiet kurrenti.

Or. en

Emenda 1301
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2028-2034 hu stabbilit għal EUR ***8 582 000 000*** fi prezzijiet kurrenti.	1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2028-2034 hu stabbilit għal EUR ***10 720 000 000*** fi prezzijiet kurrenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda proposta tallinja l-pakkett finanzjarju tal-Programm mal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss għall-perjodu 2028-2034, adottat fit-28 ta' April 2026.

Emenda 1302
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Brigitte van den Berg, Irena Joveva, Fabienne Keller, Lucia Yar, Dainius Žalimas, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2028-2034 hu stabbilit għal EUR ***8 582 000 000*** fi prezzijiet kurrenti.	1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2028-2034 hu stabbilit għal EUR ***10 720 000 000*** fi prezzijiet kurrenti.

Or. en

Emenda 1303
Zsuzsanna Borvendég

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2028-2034 hu stabbilit għal EUR ***8 582 000 000*** fi prezzijiet kurrenti.	1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2028-2034 hu stabbilit għal EUR ***7 000 000 000*** fi prezzijiet attwali.

Or. en

Emenda 1304
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2028-2034 hu stabbilit għal EUR ***8 582 000 000*** fi prezzijiet kurrenti.	1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2028-2034 hu stabbilit għal EUR ***4 291 000 000*** fi prezzijiet attwali.

Or. fi

Emenda 1305
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Id-distribuzzjoni tal-ammont stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun kif ġej:
	a. 23 % tal-pakkett finanzjarju għandu jiġi allokat għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-Kapitolu II (Fergħa Kultura);
	b. 45 % tal-pakkett finanzjarju għandu jiġi allokat għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-Kapitolu III (Fergħa Media+);
	ba. Fl-ammont stabbilit fil-punt (b) tal-paragrafu 1a, għandhom jiġu allokati l-ammonti li ġejjin għall-objettivi li ġejjin:
	(i) mill-inqas 55 % għandu jiġi allokat għas-subfergħa "Media" (Artikolu 5);
	(ii) mill-inqas 45 % għandu jiġi allokat għas-subfergħa "Media tal-Aħbarijiet" (Artikolu 6);
	c. 32 % tal-pakkett finanzjarju għandu jiġi allokat għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-Kapitolu IV (Fergħat CERV+);
	d. Sa 3 % tal-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun disponibbli għal prijoritajiet trażversali u orizzontali (Kapitolu V) u attivitajiet li jappoġġaw il-

kooperazzjoni, is-sinerġiji u l-objettivi komuni fil-fergħat kollha msemmija fil-Kapitoli II, III u IV. Dak l-ammont jista' jittieħed b'mod proporzjonat mill-allokazzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1a.

Or. en

Emenda 1306
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, Alessandro Zan, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Marco Tarquinio

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Id-distribuzzjoni tal-ammont stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun kif ġej:
	(a) 42,5 % tal-pakkett finanzjarju għandu jiġi allokat għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-Kapitoli II, IIa u III (Fergħat Kultura - Ewropa Kreattiva, Kultura - Mużika u Kultura - MEDIA);
	(b) 15 % tal-pakkett finanzjarju għandu jiġi allokat għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-fergħa Media tal-Aħbarijiet u Ġurnaliżmu;
	(c) 42,5 % tal-pakkett finanzjarju għandu jiġi allokat għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-fergħa Ċittadini, Ugwaljanza, Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, Drittijiet u Valuri ("CERV+"), fil-fergħa Daphne u fil-fergħa Appoġġ ta' Emerġenza. L-ammonti li ġejjin għandhom jiġu allokati għall-objettivi li ġejjin:
	Mill-inqas 60 % għandu jiġi allokat għall-fergħa CERV+, li minnu mill-inqas 10 % għandu jiġi allokat għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 7, il-punt (b);
	Mill-inqas 30 % għandu jiġi allokat għall-fergħa Daphne;

Mill-inqas 10 % għandu jiġi allokat għall-fergħa Appoġġ ta' Emerġenza.

Or. en

Emenda 1307
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Hristo Petrov, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. 1a. Id-distribuzzjoni tal-ammont stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun kif ġej:
	(a) mill-inqas 18,3 % tal-pakkett finanzjarju għandu jiġi allokat għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-Kapitolu II;
	(b) mill-inqas 22,4 % tal-pakkett finanzjarju għandu
	jiġi allokat għall-objettivi speċifiċi relatati mas-setturi awdjoviżivi u tal-media stabbiliti fil-Kapitolu III;
	(c) mill-inqas 14,7 % tal-pakkett finanzjarju għandu jiġi allokat għall-objettiv speċifiku Aħbarijiet stabbilit fil-Kapitolu IV;
	(d) mill-inqas 34,6 % tal-pakkett finanzjarju għandu jiġi allokat għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-Kapitolu V;
	(e) l-10 % li jifdal tal-pakkett finanzjarju għandu jiġi allokat għall-objettivi speċifiċi kollha f'konformità mal-prijoritajiet tal-Unjoni, il-ħtiġijiet emerġenti u l-prijoritajiet u l-attivitajiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1308
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Id-distribuzzjoni tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tiżgura allokazzjoni bbilanċjata u prevedibbli tar-riżorsi fost il-fergħat tal-Programm u għandha tkun mill-inqas kif ġej:
	(a) mill-inqas 25 % tal-pakkett finanzjarju għandu jiġi allokat għall-objettiv imsemmi fl-Artikolu 3(2), il-punt (a) (fergħa "Ewropa Kreattiva – Kultura");
	(b) mill-inqas 45 % tal-pakkett finanzjarju għandu jiġi allokat għall-objettiv imsemmi fl-Artikolu 3(2), il-punt (b) (fergħa "MEDIA+");
	(c) mill-inqas 30 % tal-pakkett finanzjarju għandu jiġi allokat għall-objettiv imsemmi fl-Artikolu 3(2), il-punt (c) (fergħa "CERV+").

Or. en

Emenda 1309
Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Id-distribuzzjoni tal-ammont stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun kif ġej:
	(a) 40 % tal-pakkett finanzjarju għandu jiġi allokat għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-Kapitoli II, IIa u III (fergħat Kultura - Ewropa Kreattiva, Kultura - Mużika u Kultura - MEDIA);
	(b) 20 % tal-pakkett finanzjarju għandu jiġi allokat għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-Kapitolu IIIa (fergħa

Informazzjoni u Ġurnaliżmu);

(c) 40 % tal-pakkett finanzjarju għandu jiġi allokat għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-Kapitoli IV, Iva u IVb (fergħat CERV+, Daphne u Valuri tal-Unjoni).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi żgurata s-sopravivenza tal-pluraliżmu tal-media u l-libertà tal-kelma u sabiex jiġu sostnuti vuċijiet diversi u indipendenti lil hinn mill-influwenza statali jew korporattiva dominanti, u sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jaċċessaw firxa wiesgħa ta' perspettivi, iġiegħlu lil dawk li għandhom il-poter jagħtu kont ta' għemilhom, u jipparteċipaw f'dibattitu demokratiku, il-pakkett finanzjarju għall-fergħa informazzjoni u ġurnaliżmu għandu jkun mill-inqas 20 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali.

Emenda 1310
Irena Joveva, Fabienne Keller, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi allokat fil-fergħat tal-Programm kif ġej:
	(a) 20 % għall-fergħa "Ewropa Kreattiva - Kultura";
	(b) 41 % għall-fergħa "MEDIA+", li fiha mill-inqas 50 % għandu jiġi allokat għall-objettiv speċifiku "Aħbarijiet" imsemmi fl-Artikolu 3(b)(ii);
	(c) 39 % għall-fergħa "CERV+".

Or. en

Emenda 1311
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Fl-ammonti stabbiliti għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 7, 8, 9, 9a u 9b (fergħat CERV+, Daphne u Appoġġ ta' Emerġenza għall-Ispazju Ċiviku), mill-inqas 85 % għandu jiġi allokat biex jappoġġa attivitajiet imwettqa minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lokali u reġjonali.

Or. en

Emenda 1312
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Meta timplimenta l-programm, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili jkunu jistgħu jaċċessaw il-finanzjament mingħajr pożijiet amministrattivi sproporzjonati, li tali finanzjament jappoġġa attivitajiet ta' promozzjoni, sorveljanza, monitoraġġ, parteċipazzjoni, konsolidazzjoni tal-paċi u involviment demokratiku, u li tingħata attenzjoni partikolari lill-organizzazzjonijiet ta' bażi, lokali, ibbażati fuq il-voluntiera u sottorappreżentati.

Or. en

Emenda 1313
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Hristo Petrov, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Fl-ammont stabbilit fil-paragrafu 1a, il-punt (a), għandhom jiġu allokati l-ammonti indikattivi li ġejjin għall-objettivi li ġejjin:
	(a) mill-inqas 20 % għandu jiġi allokat għall-objettiv speċifiku għall-kotba u għall-pubblikazzjoni;
	(b) mill-inqas 20 % għandu jiġi allokat għall-objettiv speċifiku għall-mużika;

Or. en

Emenda 1314
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Fl-ammonti stabbiliti għall-objettivi speċifiċi stabbiliti għall-Fergħat CERV+, Daphne u Appoġġ ta' Emerġenza, mill-inqas 85 % għandu jiġi allokat biex jappoġġa attivitajiet imwettqa minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lokali, reġjonali u nazzjonali.

Or. en

Emenda 1315
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Michał Kobosko

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. Minbarra l-ammont imsemmi fil-paragrafu 1, u għall-finijiet tal-aġġustament speċifiku għall-programm, ammont addizzjonali sa 50 % tal-ammonti miġbura permezz ta' multi, penali u pagamenti perjodiċi ta' penali imposti u miġbura mill-istituzzjonijiet, mill-korpi, mill-uffiċċji u mill-aġenziji tal-Unjoni skont id-dritt tal-Unjoni, inkluż skont ir-Regolament (UE) … [l-Att dwar l-IA], ir-Regolament (UE) 2022/2065 [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali] u r-Regolament (UE) 2022/1925 [l-Att dwar is-Swieq Diġitali], għandu jsir disponibbli għall-Programm f'konformità mal-proċedura u mal-perċentwali ewlenin tad-distribuzzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1316
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Gabriela Firea, Victor Negrescu, Michał Kobosko

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1d. L-appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi permezz tal-għoti mill-ġdid għandu jkun disponibbli fil-fergħat u fis-subfergħat tematiċi kollha tal-Programm.

Or. en

Emenda 1317
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Gabriela Firea, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1e. L-allokazzjonijiet finanzjarji għal kull fergħa tal-Programm għandhom ikunu delimitati u ma għandhomx jiġu riallokati għal fergħat oħra.

Or. en

Emenda 1318
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Minbarra l-ammonti stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u sabiex tiġi promossa d-dimensjoni internazzjonali tal-Programm, għandha ssir disponibbli kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali mir-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Ewropa Globali] biex tappoġġa l-azzjonijiet implimentati u ġestiti f'konformità ma' dan ir-Regolament. Tali kontribuzzjoni għandha ssir f'konformità ma' dokument uniku ta' programmazzjoni mfassal skont ir-Regolament (UE) XXX [Ewropa Globali].

Or. en

Emenda 1319
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-approprjazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit tal-Unjoni ta' wara l-2034 biex ikopru l-ispejjeż meħtieġa u biex	3. L-approprjazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit tal-Unjoni ta' wara l-2034 biex ikopru l-ispejjeż meħtieġa u biex

jippermettu l-ġestjoni ta' azzjonijiet li ma jkunux tlestew sa tmiem il-Programm.	jippermettu l-ġestjoni ta' azzjonijiet li ma jkunux tlestew sa tmiem il-Programm. ***Madankollu, dan ma għandux ikun il-każ jekk ma jkunx hemm raġunijiet suffiċjenti għal nuqqas ta' tlestija tal-azzjonijiet sa tmiem il-Programm.***

Or. fi

Emenda 1320
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-approprjazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit tal-Unjoni ta' wara l-2034 biex ikopru l-ispejjeż meħtieġa u biex jippermettu l-ġestjoni ta' azzjonijiet li ma jkunux tlestew sa tmiem il-Programm.	3. L-approprjazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit tal-Unjoni ta' wara l-2034 ***għal perjodu raġonevoli wara t-tmiem tal-Programm*** biex ikopru l-ispejjeż meħtieġa u biex jippermettu l-ġestjoni ta' azzjonijiet li ma jkunux tlestew sa tmiem il-Programm.

Or. en

Emenda 1321
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-approprjazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit tal-Unjoni ***ta' wara l-2034*** biex ikopru l-ispejjeż meħtieġa u biex jippermettu l-ġestjoni ta' azzjonijiet li ma jkunux tlestew sa tmiem il-Programm.	3. L-approprjazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit tal-Unjoni ***sal-2036*** biex ikopru l-ispejjeż meħtieġa u biex jippermettu l-ġestjoni ta' azzjonijiet li ma jkunux tlestew sa tmiem il-Programm.

Or. en

Emenda 1322
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ammonti tar-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 12 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet preparatorji, tal-monitoraġġ, tal-kontroll, tal-awditjar u tal-evalwazzjoni, sistemi u pjattaformi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, u kull assistenza teknika u amministrattiva oħra jew spejjeż relatati mal-persunal imġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1323
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ammonti tar-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 12 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet preparatorji, tal-monitoraġġ, tal-kontroll, tal-awditjar u tal-evalwazzjoni,	4. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ammonti tar-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 12 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet preparatorji, tal-monitoraġġ, tal-kontroll, tal-awditjar u tal-evalwazzjoni,

sistemi u pjattaformi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni***, inkluż komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, u kull assistenza teknika u amministrattiva oħra jew spejjeż relatati mal-persunal imġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm***.	sistemi u pjattaformi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni.

Or. en

Emenda 1324
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ammonti tar-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 12 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet preparatorji, tal-monitoraġġ, tal-kontroll, tal-awditjar u tal-evalwazzjoni, sistemi u pjattaformi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, u kull assistenza teknika u amministrattiva oħra jew spejjeż relatati mal-persunal imġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm.	4. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ammonti tar-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 12 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet preparatorji, tal-monitoraġġ, tal-kontroll, tal-awditjar u tal-evalwazzjoni, sistemi u pjattaformi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, u kull assistenza teknika u amministrattiva oħra jew spejjeż relatati mal-persunal imġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm. ***Is-sehem tal-pakkett finanzjarju tal-Programm allokat għal tali nefqa għandu jkun limitat għal proporzjon meħtieġ għall-ġestjoni effettiva tal-Programm.***

Or. en

Emenda 1325
Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ammonti tar-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 12 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet preparatorji, tal-monitoraġġ, tal-kontroll, tal-awditjar u tal-evalwazzjoni, sistemi u pjattaformi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, ***attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni,*** u kull assistenza teknika u amministrattiva oħra jew spejjeż relatati mal-persunal imġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm.	4. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ammonti tar-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 12 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet preparatorji, tal-monitoraġġ, tal-kontroll, tal-awditjar u tal-evalwazzjoni, sistemi u pjattaformi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, u kull assistenza teknika u amministrattiva oħra jew spejjeż relatati mal-persunal imġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-fondi tal-Programm għandhom jintużaw primarjament biex jiffinanzjaw il-proġetti u l-attivitajiet tar-riċevituri. Il-finanzjament għall-komunikazzjoni istituzzjonali dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni għandu jittieħed minn linji baġitarji amministrattivi speċifiċi.

Emenda 1326
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ammonti tar-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 12 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-	4. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ammonti tar-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 12 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-

implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet preparatorji, tal-monitoraġġ, tal-kontroll, tal-awditjar u tal-evalwazzjoni, sistemi u pjattaformi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, u kull assistenza teknika u amministrattiva oħra jew spejjeż relatati mal-persunal imġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm.	implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet preparatorji, tal-monitoraġġ, tal-kontroll, tal-awditjar u tal-evalwazzjoni, sistemi u pjattaformi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi ***relatati mas-sigurtà*** tal-Unjoni, u kull assistenza teknika u amministrattiva oħra jew spejjeż relatati mal-persunal imġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm.
	Or. fi

Emenda 1327
Zsuzsanna Borvendég

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ammonti tar-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 12 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet preparatorji, tal-monitoraġġ, tal-kontroll, tal-awditjar u tal-evalwazzjoni***, sistemi u pjattaformi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, u kull assistenza*** teknika u amministrattiva ***oħra jew spejjeż relatati mal-persunal imġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm***.	4. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ammonti tar-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 12 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva ***strettament meħtieġa*** għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet preparatorji, tal-monitoraġġ, tal-kontroll, tal-awditjar u tal-evalwazzjoni***. In-nefqa għall-assistenza*** teknika u amministrattiva ***għandha tkun proporzjonata, trasparenti u limitata għal dak li huwa meħtieġ għal ġestjoni finanzjarja tajba. Il-fondi tal-Unjoni permezz ta' dan il-Programm ma għandhomx jintużaw għal kampanji ta' komunikazzjoni politiċi li jippromwovu prijoritajiet politiċi kkontestati tal-Unjoni***.
	Or. en

Emenda 1328

Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Meta jiġu adottati miżuri li jaffettwaw l-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni skont il-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità orizzontali applikabbli għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każijiet ta' ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt jew tad-drittijiet u l-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni tista' talloka jew talloka mill-ġdid riżorsi fl-ambitu tal-Programm biex tappoġġa lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jikkontribwixxu għall-protezzjoni u għall-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni, tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali. Tali appoġġ ma għandux jirriżulta f'finanzjament doppju.

Or. en

Emenda 1329
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Kwalunkwe żieda fil-flessibbiltà jew fir-riallokazzjoni tal-fondi fost il-fergħat tal-Programm għandha tkun soġġetta għal konsultazzjoni minn qabel mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni ex ante lill-awtorità baġitarja rigward l-użu maħsub tal-fondi riallokati. Il-Kummissjoni għandha, fuq bażi annwali, tippreżenta lill-Parlament

Ewropew u lill-Kunsill rapport ex post dwar tali riallokazzjonijiet, inkluża informazzjoni dwar l-ammont ikkonċernat, il-fergħat affettwati, il-benefiċjarji, l-objettivi segwiti u r-riżultati ewlenin miksuba.

Or. en

Emenda 1330
Zsuzsanna Borvendég

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Mill-inqas 60 % tal-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun iddedikat għal azzjonijiet li jappoġġaw direttament il-kompetittività, l-innovazzjoni, l-aċċess għas-suq, il-kapaċità teknoloġika u s-sostenibbiltà finanzjarja tas-setturi kulturali, kreattivi, awdjoviżivi, tal-videogames, tal-media tal-aħbarijiet u tal-pubblikazzjoni, b'attenzjoni partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, il-media lokali, il-kreaturi indipendenti u l-atturi kulturali fl-Istati Membri bi swieq iżgħar jew b'lingwi inqas mitkellma.

Or. en

Emenda 1331
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Gabriela Firea, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura rapportar trasparenti dwar l-allokazzjoni

tal-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 fost il-fergħat tal-Programm, inkluż is-sehem allokat għal prijoritajiet u attivitajiet trażversali u orizzontali, u dwar il-kategoriji ewlenin ta' azzjonijiet appoġġati f'kull fergħa.

Or. en

Emenda 1332
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura rapportar trasparenti dwar l-allokazzjoni tal-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 fost il-fergħat tal-Programm, inkluż is-sehem allokat għal prijoritajiet u attivitajiet trażversali u orizzontali, u dwar il-kategoriji ewlenin ta' azzjonijiet appoġġati f'kull fergħa.

Or. en

Emenda 1333
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Brigitte van den Berg, Fabienne Keller, Lucia Yar, Dainius Žalimas, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Sehem sinifikattiv tal-allokazzjoni ddedikata għall-fergħa Informazzjoni u Ġurnaliżmu għandu jappoġġa attivitajiet li jippromwovu l-libertà tal-media, il-pluraliżmu tal-media, is-sikurezza tal-ġurnalisti, il-verifika indipendenti tal-fatti, l-integrità tal-informazzjoni, il-

monitoraġġ tal-interess pubbliku u l-attivitajiet ta' sorveljanza indipendenti.

Or. en

Emenda 1334
Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Fl-ammonti stabbiliti fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1, mill-inqas 3 % u sa 5 % għandhom jiġu allokati biex jappoġġaw attivitajiet imwettqa mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li minnhom mill-inqas 2 % u sa 4 % għandhom jiġu allokati lill-organizzazzjonijiet lokali u reġjonali tas-soċjetà ċivili.

Or. en

Emenda 1335
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Meta l-allokazzjoni tal-fondi għal proġett jew azzjoni individwali taqbeż il-5 % tal-baġit annwali tal-Programm, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dan qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' finanzjament korrispondenti. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni għandha tqis kif xieraq kwalunkwe osservazzjoni magħmula mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tar-

Regolament Finanzjarju u r-regolament finanzjarju qafas għall-korpi tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1336
Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Fl-ammont stabbilit fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1, mill-inqas 1 % u sa 2 % għandu jiġi allokat biex jappoġġa attivitajiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda fil-livelli kollha kontra kull forma ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru u mill-inqas 1 % u sa 2 % għal attivitajiet li jippromwovu t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tan-nisa; l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u t-tishih tal-pożizzjoni tan-nisa, u l-protezzjoni u l-promozzjoni tat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tan-nisa;

Or. en

Emenda 1337
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Brigitte van den Berg, Dainius Žalimas, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Il-Kummissjoni għandha tiżgura rapportar trasparenti dwar l-allokazzjoni tal-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 fost il-fergħat tal-Programm, inkluż is-sehem allokat għal prijoritajiet u attivitajiet trażversali u orizzontali, u dwar

il-kategoriji ewlenin ta' azzjonijiet appoġġati f'kull fergħa.

Or. en

Emenda 1338
Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 11 - paragrafu 4c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4c. Fl-ammont stabbilit tal-Artikolu 11, il-paragrafu 1, mill-inqas 1 % għall-attivitajiet li jippromwovu l-ugwaljanza, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni għar-raġunijiet previsti fl-Artikolu 21 tal-Karta, u filwaqt li tiġi pprevenuta u miġġielda d-diskriminazzjoni.

Or. en

Emenda 1339
Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4d. Fl-ammont stabbilit tal-Artikolu 11, il-paragrafu 1, mill-inqas 2 % u sa 3 % għandu jiġi allokat għal attivitajiet li jipproteġu u jippromwovu l-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika u ċivika, kif ukoll tal-Unjoni, u 1 % u sa 2 % għal attivitajiet li jipproteġu u jippromwovu l-valuri tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE u fil-Karta.

Or. en

Emenda 1340
Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4e. Il-Kummissjoni ma għandhiex titbiegħed mill-perċentwali allokati tal-fondi tal-programm stabbiliti fil-paragrafu 4, il-punti (a), (b), (c) u (d), b'aktar minn 0,5 punti perċentwali.

Or. en

Emenda 1341
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 11 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 11a
	Allokazzjoni
	Id-distribuzzjoni tal-ammont stabbilit fl-Artikolu 11 għandha tkun:
	a) 20,9 % għall-fergħa Ewropa Kreattiva - Kultura
	b) 37,2 % għat-taqsima MEDIA+
	i. - li minnu XX % għall-objettiv imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (b)(i) ("MEDIA")
	ii. - li minnu XX % għall-objettiv imsemmi fl-Artikolu 3(2), il-punt (b)(ii) ("aħbarijiet u ġurnaliżmu")
	c) 41,9 % għall-Fergħa CERV+

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda proposta għandha l-għan li tiżgura allokazzjoni trasparenti u prevedibbli tar-riżorsi kemm għall-azzjonijiet MEDIA (awdjoviżivi) kif ukoll għall-azzjonijiet aħbarijiet u ġurnaliżmu, filwaqt li tipprovdi ċertezza akbar rigward id-distribuzzjoni interna tal-finanzjament fil-fergħa MEDIA+. L-istabbiliment ta' allokazzjonijiet iddedikati se jipprevjeni żbilanċi strutturali bejn dawn is-setturi u jiżgura li kull wieħed minnhom iżomm il-viżibbiltà, il-fokus speċifiku u l-kapaċità tiegħu li jindirizza l-ħtiġijiet u l-isfidi partikolari tiegħu fil-fergħa MEDIA+.

Emenda 1342
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew partijiet terzi oħra, jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet finanzjarji jew mhux finanzjarji addizzjonali għall-Programm. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2), il-punti (a), (d), jew (e) jew l-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.	1. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew partijiet terzi oħra***, bl-esklużjoni tal-entitajiet li jeżerċitaw attivitajiet ta' promozzjoni politika mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni,*** jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet finanzjarji jew mhux finanzjarji addizzjonali għall-Programm. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2), il-punti (a), (d), jew (e) jew l-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

Or. fr

Emenda 1343
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Brigitte van den Berg, Dainius Žalimas, Nikola Minchev, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Riżorsi allokati lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq it-talba tagħhom, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Programm. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament jew indirettament f'konformità mal-Artikolu 62(1)(a) jew (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Dawn għandhom jiżdiedu mal-ammont imsemmi fl-Artikolu 11(1) ta' dan ir-Regolament. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx daħlet f'impenn legali taħt ġestjoni diretta jew indiretta għal ammonti addizzjonali magħmula disponibbli b'dan il-mod għall-Programm, l-ammonti mhux impenjati korrispondenti jistgħu, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, jiġu ttrasferiti lura għal programm sors rispettiv wieħed jew aktar jew is-suċċessuri tagħhom.	2. Riżorsi allokati lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq it-talba tagħhom, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Programm. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament jew indirettament f'konformità mal-Artikolu 62(1)(a) jew (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Dawn għandhom jiżdiedu mal-ammont imsemmi fl-Artikolu 11(1) ta' dan ir-Regolament. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx daħlet f'impenn legali taħt ġestjoni diretta jew indiretta għal ammonti addizzjonali magħmula disponibbli b'dan il-mod għall-Programm, l-ammonti mhux impenjati korrispondenti jistgħu, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, jiġu ttrasferiti lura għal programm sors rispettiv wieħed jew aktar jew is-suċċessuri tagħhom***, dment li tali trasferiment ma jipperikolax l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u jkun debitament iġġustifikat f'termini ta' eżekuzzjoni baġitarja u objettivi tal-programm. Il-Kummissjoni għandha tiżgura traċċabbiltà sħiħa tal-ammonti trasferiti u għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mingħajr dewmien dwar kwalunkwe trasferiment bħal dan, kif ukoll l-impatt mistenni tiegħu fuq il-Programm u fuq il-programm sors.***

Or. en

Emenda 1344
András László, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Riżorsi allokati lill-Istati Membri	2. Riżorsi allokati lill-Istati Membri

taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq it-talba tagħhom, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Programm. ***Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk*** ir-riżorsi ***direttament jew indirettament f'konformità mal-Artikolu 62(1)(a) jew (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Dawn*** għandhom ***jiżdiedu mal-ammont imsemmi fl-Artikolu 11(1) ta' dan ir-Regolament. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju*** tal-Istat Membru kkonċernat***. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx daħlet f'impenn legali taħt ġestjoni diretta jew indiretta għal ammonti addizzjonali magħmula disponibbli b'dan il-mod*** għall-Programm***, l-ammonti mhux impenjati korrispondenti jistgħu, fuq talba tal-Istat*** Membru ***kkonċernat, jiġu ttrasferiti lura għal programm sors rispettiv wieħed jew aktar jew is-suċċessuri tagħhom***.

taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq it-talba tagħhom, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Programm. Ir-riżorsi ***allokati lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża*** għandhom ***jibqgħu taħt il-kontroll*** tal-Istat Membru kkonċernat ***u ma jistgħux jiġu ttrasferiti*** għall-Programm ***mingħajr il-qbil espliċitu minn qabel ta' dak l-Istat*** Membru ***u l-approvazzjoni tal-Kumitat tal-Programm imsemmi fl-Artikolu 17***.

Or. en

Emenda 1345
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Ammont mill-inqas ekwivalenti għad-dħul mill-multi imposti skont ir-Regolamenti (UE) 2022/1925, (UE) 2022/2065 u (UE) 2024/1689 li jirriżulta mit-tfassil jew mill-funzjonament ta' pjattaformi online kbar ħafna jew ta' magni tat-tiftix online kbar ħafna, kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2022/2065, jew servizzi tal-IA ekwivalenti, għandu jsir disponibbli bħala allokazzjoni addizzjonali ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għall-Programm.

Or. en

Emenda 1346
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Kontribuzzjonijiet finanzjarji u mhux finanzjarji addizzjonali magħmula disponibbli għall-Programm skont dan l-Artikolu għandhom jiġu implimentati b'mod konsistenti mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u f'konformità mas-salvagwardji u mal-prinċipji previsti f'dan ir-Regolament, u ma għandhomx idgħajfu l-indipendenza, l-integrità jew il-koerenza tal-azzjonijiet appoġġati fl-ambitu tal-Programm.

Or. en

Emenda 1347
András László, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-fondi diżimpenjati, sospiżi jew irkuprati li joriġinaw minn allokazzjonijiet nazzjonali taħt ġestjoni kondiviża ma għandhomx jiġu riallokati awtomatikament għall-Programm jew għal kwalunkwe strument tal-Unjoni ġestit ċentralment. Tali fondi għandhom jibqgħu disponibbli għar-riprogrammazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat f'konformità mad-dritt applikabbli tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1348
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Id-dħul mill-multi imposti skont ir-Regolamenti (UE) 2022/1925, (UE) 2022/2065 u (UE) 2024/1689 għandu jsir disponibbli bħala allokazzjoni addizzjonali tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għall-Programm.

Or. en

Emenda 1349
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Kontribuzzjonijiet finanzjarji u mhux finanzjarji addizzjonali magħmula disponibbli għall-Programm skont dan l-Artikolu għandhom jiġu implimentati b'mod konsistenti mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u f'konformità mas-salvagwardji u mal-prinċipji previsti f'dan ir-Regolament, u ma għandhomx idgħajfu l-indipendenza, l-integrità jew il-koerenza tal-azzjonijiet appoġġati permezz tal-Programm.

Or. en

Emenda 1350
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Marco Tarquinio, Victor Negrescu, Michał Kobosko

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Ir-riżorsi u s-sinerġiji li jinvolvu l-Fond Ewropew għall-Kompetittività ma għandhomx jissostitwixxu jew inaqqsu l-finanzjament iddedikat allokat permezz tal-fergħa Media tal-Aħbarijiet u Ġurnaliżmu u għandhom jirrispettaw bis-sħiħ l-objettivi tal-indipendenza editorjali u tal-pluraliżmu tal-media.

Or. en

Emenda 1351
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Brigitte van den Berg, Dainius Žalimas, Nikola Minchev, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni. Anki azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' tirċievi kontribuzzjoni taħt dan il-Programm. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew inkella jista' jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż impenn legali wieħed. Jekk il-kontribuzzjonijiet kollha tal-Unjoni jkunu pprovduti abbażi tal-kost eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat fuq bażi pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.	1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni***, b'mod partikolari t-Tarka Ewropea għad-Demokrazija, il-Programm dwar il-Ġustizzja, Erasmus+, l-Istrument Ewropa Globali, il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa u l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali***. Anki azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' tirċievi kontribuzzjoni taħt dan il-Programm. ***Il-Kummissjoni għandha tibgħat Pjan ta' Azzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2028 li jiddeskrivi l-opportunitajiet u l-operazzjonalizzazzjoni tas-sinerġiji ma' programmi oħra, li jeħtieġ li jiġu riflessi fil-proċedura baġitarja annwali kif ukoll fil-Programm ta' Ħidma kif imsemmi fl-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament. Il-Pjan ta' Azzjoni jista' jiġi aġġornat, meta jkun meħtieġ, u għandu jiġi aġġornat mill-inqas f'nofs it-terminu, sat-30 ta' Ġunju 2031***. Ir-regoli

tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew inkella jista' jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż impenn legali wieħed. Jekk il-kontribuzzjonijiet kollha tal-Unjoni jkunu pprovduti abbażi tal-kost eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat fuq bażi pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ. ***Il-Kummissjoni għandha tindirizza s-sinerġiji bejn il-Programm u programmi oħra tal-Unjoni fid-Dikjarazzjoni tal-Prestazzjoni tal-Programm stabbilita fl-Artikolu 41(3)(h) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u fid-dokumenti rilevanti ta' programmazzjoni u rapportar.***

Or. en

Emenda 1352
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni. Anki azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' tirċievi kontribuzzjoni taħt dan il-Programm. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew inkella jista' jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż impenn legali wieħed. Jekk il-kontribuzzjonijiet kollha tal-Unjoni jkunu pprovduti abbażi tal-kost eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni	1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni. Anki azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' tirċievi kontribuzzjoni taħt dan il-Programm. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew inkella jista' jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż impenn legali wieħed. Jekk il-kontribuzzjonijiet kollha tal-Unjoni jkunu pprovduti abbażi tal-kost eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni

ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat fuq bażi pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.	ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat fuq bażi pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ. ***Tali sinerġiji għandhom jiżguraw li l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3 u l-prijoritajiet u l-attivitajiet trażversali u orizzontali msemmija fl-Artikolu 10 u s-salvagwardji ta' dan il-Programm jiġu ppreżervati u mhux subordinati għall-objettivi primarji ta' strumenti oħra tal-Unjoni.***

Or. en

Emenda 1353
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Il-Programm għandu jiġi implimentat f'sinerġija*** ma' programmi oħra ***tal-Unjoni. Anki azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' tirċievi kontribuzzjoni taħt*** dan ***il-Programm. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew inkella jista' jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż impenn legali wieħed***. Jekk il-kontribuzzjonijiet kollha tal-Unjoni jkunu pprovduti abbażi tal-kost eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat fuq bażi pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.	1. ***Il-komplementarjetà*** ma' programmi oħra ***tista' tinkoraġġixxi l-finanzjament doppju, kif indikat fl-Opinjoni 11/2026 tal-Qorti tal-Awdituri dwar*** dan ***ir-Regolament***. Jekk il-kontribuzzjonijiet kollha tal-Unjoni jkunu pprovduti abbażi tal-kost eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat fuq bażi pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.

Or. fr

Emenda 1354
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Victor Negrescu, Michał Kobosko

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni. Anki azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' tirċievi kontribuzzjoni taħt dan il-Programm. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew inkella jista' jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż impenn legali wieħed. Jekk il-kontribuzzjonijiet kollha tal-Unjoni jkunu pprovduti abbażi tal-kost eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat fuq bażi pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.	1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni. Anki azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' tirċievi kontribuzzjoni taħt dan il-Programm. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew inkella jista' jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż impenn legali wieħed. Jekk il-kontribuzzjonijiet kollha tal-Unjoni jkunu pprovduti abbażi tal-kost eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat fuq bażi pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ. ***Tali sinerġiji għandhom jiżguraw li l-objettivi u s-salvagwardji speċifiċi ta' dan il-Programm jiġu ppreżervati u ma jkunux subordinati għall-objettivi primarji ta' strumenti oħra tal-Unjoni.***

Or. en

Emenda 1355
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni. Anki azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' tirċievi kontribuzzjoni taħt dan il-Programm. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew inkella jista' jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż impenn legali wieħed. Jekk il-kontribuzzjonijiet kollha tal-Unjoni jkunu pprovduti abbażi tal-kost eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat fuq bażi pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.	1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni. Anki azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' tirċievi kontribuzzjoni minn dan il-Programm***,*** ***dment li ma jkun hemm l-ebda duplikazzjoni tal-finanzjament***. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew inkella jista' jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż impenn legali wieħed. Jekk il-kontribuzzjonijiet kollha tal-Unjoni jkunu pprovduti abbażi tal-kost eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat fuq bażi pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.
	Or. fi

Emenda 1356
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-proċeduri ta' għoti skont il-Programm jistgħu jsiru b'mod konġunt b'ġestjoni diretta jew indiretta ma' Stati Membri, istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew partijiet terzi oħra, diment li tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Tali proċeduri għandhom ikunu soġġetti għal sett uniku ta' regoli u jwasslu għall-konklużjoni ta' impenn legali uniku. Għal dak l-għan, is-sħab għall-proċedura ta' għoti konġunt jistgħu jagħmlu r-riżorsi	2. Il-proċeduri ta' għoti skont il-Programm jistgħu jsiru b'mod konġunt b'ġestjoni diretta jew indiretta ma' Stati Membri, istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew partijiet terzi oħra, diment li tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Tali proċeduri għandhom ikunu soġġetti għal sett uniku ta' regoli u jwasslu għall-konklużjoni ta' impenn legali uniku. Għal dak l-għan, is-sħab għall-proċedura ta' għoti konġunt jistgħu jagħmlu r-riżorsi

disponibbli għall-Programm f'konformità mal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, jew is-sħab jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' għoti, fejn applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Fi proċeduri ta' għoti konġunti, ir-rappreżentanti tas-sħab tal-proċedura ta' għoti konġunta jistgħu jkunu wkoll membri tal-kumitat tal-evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.	disponibbli għall-Programm f'konformità mal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, jew is-sħab jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' għoti, fejn applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Fi proċeduri ta' għoti konġunti, ir-rappreżentanti tas-sħab tal-proċedura ta' għoti konġunta jistgħu jkunu wkoll membri tal-kumitat tal-evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. ***Tali parteċipazzjoni ma għandhiex tikkompromett l-indipendenza u l-imparzjalità tal-proċess ta' evalwazzjoni jew l-objettivi ta' dan il-Programm.***

Or. en

Emenda 1357
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-proċeduri ta' għoti skont il-Programm jistgħu jsiru b'mod konġunt b'ġestjoni diretta jew indiretta ma' Stati Membri, istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew partijiet terzi oħra, diment li tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Tali proċeduri għandhom ikunu soġġetti għal sett uniku ta' regoli u jwasslu għall-konklużjoni ta' impenn legali uniku. Għal dak l-għan, is-sħab għall-proċedura ta' għoti konġunt jistgħu jagħmlu r-riżorsi disponibbli għall-Programm f'konformità mal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, jew is-sħab jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' għoti, fejn applikabbli, f'konformità mal-Artikolu	2. Il-proċeduri ta' għoti skont il-Programm jistgħu jsiru b'mod konġunt b'ġestjoni diretta jew indiretta ma' Stati Membri, istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew partijiet terzi oħra, diment li tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Tali proċeduri għandhom ikunu soġġetti għal sett uniku ta' regoli u jwasslu għall-konklużjoni ta' impenn legali uniku. Għal dak l-għan, is-sħab għall-proċedura ta' għoti konġunt jistgħu jagħmlu r-riżorsi disponibbli għall-Programm f'konformità mal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, jew is-sħab jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' għoti, fejn applikabbli, f'konformità mal-Artikolu

62(1)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Fi proċeduri ta' għoti konġunti, ir-rappreżentanti tas-sħab tal-proċedura ta' għoti konġunta jistgħu jkunu wkoll membri tal-kumitat tal-evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

62(1)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Fi proċeduri ta' għoti konġunti, ir-rappreżentanti tas-sħab tal-proċedura ta' għoti konġunta jistgħu jkunu wkoll membri tal-kumitat tal-evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. ***Tali parteċipazzjoni ma għandhiex tikkomprommetti l-indipendenza u l-imparzjalità tal-proċess ta' evalwazzjoni jew l-objettivi ta' dan il-Programm.***

Or. en

Emenda 1358
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-proċeduri ta' għoti skont il-Programm jistgħu jsiru b'mod konġunt b'ġestjoni diretta jew indiretta ma' Stati Membri, istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew partijiet terzi oħra, diment li tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Tali proċeduri għandhom ikunu soġġetti għal sett uniku ta' regoli u jwasslu għall-konklużjoni ta' impenn legali uniku. Għal dak l-għan, is-sħab għall-proċedura ta' għoti konġunt jistgħu jagħmlu r-riżorsi disponibbli għall-Programm f'konformità mal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, jew is-sħab jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' għoti, fejn applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Fi proċeduri ta' għoti konġunti, ir-rappreżentanti tas-sħab tal-proċedura ta' għoti konġunta jistgħu jkunu wkoll membri tal-kumitat tal-evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE,	2. Il-proċeduri ta' għoti skont il-Programm jistgħu jsiru b'mod konġunt b'ġestjoni diretta jew indiretta ma' Stati Membri, istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew partijiet terzi oħra, ***bl-esklużjoni ta' entitajiet privati fejn l-attività prinċipali tikkonsisti minn promozzjoni politika jew ideoloġika,*** diment li tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Tali proċeduri għandhom ikunu soġġetti għal sett uniku ta' regoli u jwasslu għall-konklużjoni ta' impenn legali uniku. Għal dak l-għan, is-sħab għall-proċedura ta' għoti konġunt jistgħu jagħmlu r-riżorsi disponibbli għall-Programm f'konformità mal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, jew is-sħab jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' għoti, fejn applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Fi proċeduri ta' għoti konġunti, ir-rappreżentanti tas-sħab tal-proċedura ta'

Euratom) 2024/2509.	għoti konġunta jistgħu jkunu wkoll membri tal-kumitat tal-evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

Or. fr

Emenda 1359
András László, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-proċeduri ta' għoti skont il-Programm jistgħu jsiru b'mod konġunt b'ġestjoni diretta jew indiretta ma' Stati Membri, istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali***, jew partijiet terzi oħra,*** diment li tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Tali proċeduri għandhom ikunu soġġetti għal sett uniku ta' regoli u jwasslu għall-konklużjoni ta' impenn legali uniku. Għal dak l-għan, is-sħab għall-proċedura ta' għoti konġunt jistgħu jagħmlu r-riżorsi disponibbli għall-Programm f'konformità mal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, jew is-sħab jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' għoti, fejn applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Fi proċeduri ta' għoti konġunti, ir-rappreżentanti tas-sħab tal-proċedura ta' għoti konġunta jistgħu jkunu wkoll membri tal-kumitat tal-evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.	2. Il-proċeduri ta' għoti skont il-Programm jistgħu jsiru b'mod konġunt b'ġestjoni diretta jew indiretta ma' Stati Membri, istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali diment li tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Tali proċeduri għandhom ikunu soġġetti għal sett uniku ta' regoli u jwasslu għall-konklużjoni ta' impenn legali uniku. Għal dak l-għan, is-sħab għall-proċedura ta' għoti konġunt jistgħu jagħmlu r-riżorsi disponibbli għall-Programm f'konformità mal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, jew is-sħab jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' għoti, fejn applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Fi proċeduri ta' għoti konġunti, ir-rappreżentanti tas-sħab tal-proċedura ta' għoti konġunta jistgħu jkunu wkoll membri tal-kumitat tal-evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

Or. en

Emenda 1360

Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-proċeduri ta' għoti skont il-Programm jistgħu jsiru b'mod konġunt b'ġestjoni diretta jew indiretta ma' Stati Membri, istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew partijiet terzi oħra, diment li tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Tali proċeduri għandhom ikunu soġġetti għal sett uniku ta' regoli u jwasslu għall-konklużjoni ta' impenn legali uniku. Għal dak l-għan, is-sħab għall-proċedura ta' għoti konġunt jistgħu jagħmlu r-riżorsi disponibbli għall-Programm f'konformità mal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, jew is-sħab jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' għoti, fejn applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Fi proċeduri ta' għoti konġunti, ir-rappreżentanti tas-sħab tal-proċedura ta' għoti konġunta jistgħu jkunu wkoll membri tal-kumitat tal-evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.	2. Il-proċeduri ta' għoti skont il-Programm jistgħu jsiru b'mod konġunt b'ġestjoni diretta jew indiretta ma' Stati Membri, istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew partijiet terzi oħra, diment li tkun żgurata l-protezzjoni ***sħiħa*** tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Tali proċeduri għandhom ikunu soġġetti għal sett uniku ta' regoli u jwasslu għall-konklużjoni ta' impenn legali uniku. Għal dak l-għan, is-sħab għall-proċedura ta' għoti konġunt jistgħu jagħmlu r-riżorsi disponibbli għall-Programm f'konformità mal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, jew is-sħab jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' għoti, fejn applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Fi proċeduri ta' għoti konġunti, ir-rappreżentanti tas-sħab tal-proċedura ta' għoti konġunta jistgħu jkunu wkoll membri tal-kumitat tal-evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

Or. fi

Emenda 1361
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Victor Negrescu, Michał Kobosko

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Programm għandu jipprevedi l-għoti prevedibbli ta' għotjiet operattivi lill-

organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li huma involuti fl-iżvilupp, fl-implimentazzjoni u fl-infurzar tal-leġiżlazzjoni u tal-politika tal-Unjoni, u li huma primarjament attivi fl-oqsma koperti mis-CERV+ kif stabbilit fl-Artikoli 7, 8 u 9, biex jiġu żgurati l-indipendenza u s-sostenibbiltà tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 183(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju.

Or. en

Emenda 1362
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Victor Negrescu, Michał Kobosko

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. L-għotjiet operazzjonali għandhom jikkostitwixxu strument ta' finanzjament obbligatorju u adegwat fl-ambitu tal-Programm, flimkien ma' għotjiet ta' azzjoni u appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi.

Or. en

Emenda 1363
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Gabriela Firea, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2c. Il-finanzjament fl-ambitu tal-Programm għandu jqis il-konformità mal-istandards tax-xogħol u soċjali applikabbli.

Or. en

Emenda 1364
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2d. Għandu jiġi stabbilit perjodu ta' finanzjament iddedikat skont il-Programm biex jipprovdi appoġġ strutturali, pluriennali u ta' emerġenza għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u għall-organizzazzjonijiet li joperaw f'ambjenti fejn ikunu mhedda l-ispazju ċiviku, id-demokrazija, l-istat tad-dritt jew id-drittijiet fundamentali.

Or. en

Emenda 1365
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Victor Negrescu, Michał Kobosko

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2e. Il-Programm għandu jipprevedi finanzjament pluriennali u operattiv għall-media indipendenti, investigattiva, lokali u mingħajr skop ta' qligħ, inkluż il-finanzjament ewlieni li jkopri l-kostijiet operazzjonali kif ukoll l-għotjiet operazzjonali għandhom ikunu disponibbli għall-ġurnaliżmu strutturalment mhux kummerċjali u ta' interess pubbliku.

Or. en

Emenda 1366
Chiara Gemma, Ivaylo Valchev

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Programm jista' jinfetaħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jew kwalunkwe deċiżjoni adottata fil-qafas ta' dawk il-ftehimiet u applikabbli għal:	1. Il-Programm jista' jinfetaħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali***, soġġett għal valutazzjoni rigoruża tal-valur miżjud għall-industriji kulturali u kreattivi Ewropej u f'konformità mal-prinċipju ta' reċiproċità***, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jew kwalunkwe deċiżjoni adottata fil-qafas ta' dawk il-ftehimiet u applikabbli għal:

Or. it

Emenda 1367
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Programm jista' jinfetaħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jew kwalunkwe deċiżjoni adottata fil-qafas ta' dawk il-ftehimiet u applikabbli għal:	1. Il-Programm jista' jinfetaħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jew kwalunkwe deċiżjoni adottata fil-qafas ta' dawk il-ftehimiet ***f'konformità sħiħa mal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali,*** u applikabbli għal:

Or. en

Emenda 1368
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Programm jista' jinfetaħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u ***f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jew kwalunkwe deċiżjoni adottata fil-qafas ta' dawk il-ftehimiet u*** applikabbli għal:	1. Il-Programm jista' jinfetaħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u applikabbli għal:

Or. en

Emenda 1369
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Programm jista' jinfetaħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jew kwalunkwe deċiżjoni adottata fil-qafas ta' dawk il-ftehimiet u applikabbli għal:	1. Il-Programm jista' jinfetaħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin***, dment li jikkontribwixxu finanzjarjament għall-Programm,*** permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jew kwalunkwe deċiżjoni adottata fil-qafas ta' dawk il-ftehimiet u applikabbli għal:

Or. en

Emenda 1370
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, kif ukoll mikrostati Ewropej;	(a) il-membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, ***f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea,*** kif ukoll mikrostati Ewropej ***f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehimiet rilevanti***;

Or. en

Emenda 1371
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, kif ukoll mikrostati Ewropej;	(a) il-membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, kif ukoll mikrostati Ewropej***, soġġetti għal reċiproċità effettiva fl-aċċess tal-atturi kulturali Ewropej għall-iskemi ta' appoġġ nazzjonali tagħhom***;

Or. fr

Emenda 1372
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u dawk kandidati potenzjali;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1373
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u dawk kandidati potenzjali	(b) il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u dawk kandidati potenzjali***, f'konformità mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas, fil-protokolli u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni rispettivi jew fi ftehimiet simili u f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi***;

Or. en

Emenda 1374
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u dawk kandidati potenzjali	(b) pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali***, f'konformità mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-***

parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jew fi ftehimiet simili u f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi;

Or. en

Emenda 1375
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-pajjiżi aderenti***, il-pajjiżi*** kandidati ***u dawk kandidati potenzjali***	(b) il-pajjiżi aderenti ***u l-pajjiżi*** kandidati

Or. fi

Emenda 1376
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1377
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat;	***imħassar***

Or. fi

Emenda 1378
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat;	(c) il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat***, f'konformità mal-prinċipji ġenerali u mat-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas, il-protokolli u d-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni rispettivi jew fi ftehimiet simili u f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi***;

Or. en

Emenda 1379
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat;	(c) il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat***, f'konformità mal-prinċipji ġenerali u mat-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti***

fil-ftehimiet qafas rispettivi u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jew fi ftehimiet simili u f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi;

Or. en

Emenda 1380
Zsuzsanna Borvendég

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) pajjiżi terzi oħra.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1381
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) pajjiżi terzi oħra.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1382
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) pajjiżi terzi oħra.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1383
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) pajjiżi terzi oħra.	***imħassar***

Or. fi

Emenda 1384
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) pajjiżi terzi oħra.	(d) pajjiżi terzi oħra***, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fi ftehim internazzjonali speċifiku li jkopri l-parteċipazzjoni tal-pajjiż terz fi kwalunkwe programm tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 1385
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) pajjiżi terzi oħra.	(d) pajjiżi terzi oħra***, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fi ftehim speċifiku li jkopri l-parteċipazzjoni tal-pajjiż terz fi kwalunkwe programm tal-***

Unjoni.

Or. en

Emenda 1386
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) jipprovdu dispożizzjonijiet ċari biex jiġu żgurati salvagwardji ċari fil-każ ta' nuqqas minn pajjiż terz li jikkonforma mal-impenji meħuda fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, jew meta nuqqasijiet serji u persistenti joħolqu riskju li jaffettwaw il-ġestjoni finanzjarja tajba u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1387
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fil-Programm għandha tkun soġġetta għal kundizzjonijiet stretti u proporzjonati li jiżguraw li sservi l-interessi strateġiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha u ġġib valur miżjud ċar għall-Programm. Għandha tingħata prijorità lill-finanzjament tal-benefiċjarji Ewropej.

Or. en

Emenda 1388
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni għall-parteċipazzjoni ***fil-Programmi*** għandhom:	Il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni għall-parteċipazzjoni ***fil-Programm imsemmija fil-paragrafu 1*** għandhom:

Or. en

Emenda 1389
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni għall-parteċipazzjoni ***fil-Programmi*** għandhom:	Il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni għall-parteċipazzjoni ***msemmija fil-paragrafu 1*** għandhom:

Or. en

Emenda 1390
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiżguraw bilanċ ***ġust*** fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pajjiż terz li jkun qed jipparteċipa fil-Programmi;	(a) jiżguraw bilanċ ***sħiħ*** fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pajjiż terz li jkun qed jipparteċipa fil-Programmi;

Or. fi

Emenda 1391
Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jiżguraw li l-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm tkun soġġetta għar-rispett sħiħ mill-pajjiż terz tad-drittijiet u tal-valuri minquxa fit-Trattati u fil-Karta, kif ukoll l-obbligi tal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;

Or. en

Emenda 1392
Ivaylo Valchev

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) għandhom jiggarantixxu d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u li tħares l-interessi finanzjarji tagħha;	(d) għandhom jiggarantixxu d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u li tħares l-interessi finanzjarji tagħha***, inkluż id-dritt li twettaq awditi, kontrolli fuq il-post, monitoraġġ u evalwazzjoni tal-azzjonijiet iffinanzjati, il-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, u l-użu ħażin tal-fondi tal-Unjoni, u li tissospendi jew tirkupra finanzjament meta jiġu identifikati irregolaritajiet, mingħajr ma tagħti l-ebda setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet lill-pajjiż terz***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test tal-Kummissjoni ggarantixxa d-drittijiet ta' ġestjoni finanzjarja mingħajr ma speċifika l-kontenut tagħhom; l-emenda tagħtihom dettalji (awditi, kontrolli fuq il-post, prevenzjoni tal-frodi, sospensjoni u rkupru) u tipprevjeni b'mod espliċitu l-għoti ta' setgħa ta' teħid ta'

deċiżjonijiet lill-pajjiż terz. Dan jipprevjeni lill-ftehimiet ta' assoċjazzjoni milli joħolqu drittijiet ta' veto fuq il-proċeduri tal-awditjar.

Emenda 1393
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) għandhom jiggarantixxu d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u ***li tħares l-interessi*** finanzjarji tagħha;	(d) għandhom jiggarantixxu d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja ***stretta u*** tajba u ***l-protezzjoni sħiħa tal-interessi*** finanzjarji tagħha;

Or. fi

Emenda 1394
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) għandhom, fejn rilevanti, jiżguraw il-protezzjoni tas-sigurtà u l-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1395
Laurence Farreng, Hristo Petrov, Brigitte van den Berg, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) għandhom, fejn rilevanti, jiżguraw il-protezzjoni tas-sigurtà u l-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni.	(e) għandhom, fejn rilevanti, jiżguraw il-protezzjoni tas-sigurtà u l-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni***, kif ukoll ir-rispett tal-valuri tal-UE, kif minquxa fl-***

Artikolu 2 tat-TUE mill-benefiċjarji.

Or. en

Emenda 1396
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ***għandhom, fejn rilevanti, jiżguraw il-protezzjoni tas-sigurtà u l-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni.***	(e) ***Jiggarantixxu konformità sħiħa mal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;***

Or. en

Emenda 1397
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) għandhom***, fejn rilevanti,*** jiżguraw il-protezzjoni tas-sigurtà u l-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni.	(e) għandhom jiżguraw il-protezzjoni tas-sigurtà u l-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1398
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punt (d), il-pajjiż terz	Għall-finijiet tal-punt (d), il-pajjiż terz

għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, u jiggarantixxi li d-deċiżjonijiet ta' infurzar li jimponu obbligu pekunarju abbażi tal-Artikolu 299 TFUE, kif ukoll is-sentenzi u l-ordnijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ikunu infurzabbli.

għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 ***inkluż id-dritt tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li twettaq awditi***, u jiggarantixxi li d-deċiżjonijiet ta' infurzar li jimponu obbligu pekunarju abbażi tal-Artikolu 299 TFUE, kif ukoll is-sentenzi u l-ordnijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ikunu infurzabbli.

Or. en

Emenda 1399
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ***tal-punt*** (d), il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, u ***jiggarantixxi*** li d-deċiżjonijiet ta' infurzar li jimponu obbligu pekunarju abbażi tal-Artikolu 299 TFUE, kif ukoll is-sentenzi u l-ordnijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ikunu infurzabbli.	Għall-finijiet ***tal-paragrafu 2, il-punt*** (d), il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, u ***għandu jiżgura*** li d-deċiżjonijiet ta' infurzar li jimponu obbligu pekunarju abbażi tal-Artikolu 299 TFUE, kif ukoll is-sentenzi u l-ordnijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ikunu infurzabbli ***fit-territorju tiegħu***.

Or. en

Emenda 1400
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ***tal-punt (d)***, il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess	Għall-finijiet ***tal-paragrafu 2***, il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess

meħtieġa skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, u jiggarantixxi li d-deċiżjonijiet ta' infurzar li jimponu obbligu pekunarju abbażi tal-Artikolu 299 TFUE, kif ukoll is-sentenzi u l-ordnijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ikunu infurzabbli.	meħtieġa skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, u jiggarantixxi li d-deċiżjonijiet ta' infurzar li jimponu obbligu pekunarju abbażi tal-Artikolu 299 TFUE, kif ukoll is-sentenzi u l-ordnijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ikunu infurzabbli.
	Or. en

Emenda 1401
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-assoċjazzjoni għandha tiġi approvata biss meta l-pajjiż terz ikkonċernat jikkondividi u jħares il-valuri msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE, jiżgura livell għoli biżżejjed ta' allinjament mad-dritt u mal-politiki rilevanti tal-Unjoni, u jipprovdi garanziji ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-Istati Membri fir-rigward tal-kontroll finanzjarju, tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u tar-rispett għad-drittijiet fundamentali.
	Or. en

Emenda 1402
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. L-entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiż terz mhux assoċjat għandhom iġarrbu l-kost tal-parteċipazzjoni

tagħhom.

Or. en

Emenda 1403
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni li jagħtu parteċipazzjoni fl-objettiv speċifiku "Awdjoviżiv" imsemmi fl-Artikolu 3 għandhom iqisu s-sitwazzjoni tas-suq awdjoviżiv fil-pajjiż ikkonċernat, inkluż ***il-prossimità*** tal-qafas legali tagħhom mal-acquis tal-Unjoni dwar ***il-midja*** awdjoviżiva u l-aċċess għall-iskemi ta' appoġġ tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward ta' pajjiżi Ewropej oħra. Il-ftehimiet konklużi mal-pajjiżi msemmija fil-paragrafu 1(b) għandhom jeżiġu l-allinjament tal-liġi nazzjonali tagħhom mad-Direttiva 2010/13/UE biex tingħata parteċipazzjoni fl-objettiv speċifiku "Awdjoviżiv".	3. Il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni li jagħtu parteċipazzjoni fl-objettiv speċifiku "Awdjoviżiv" imsemmi fl-Artikolu 3 għandhom iqisu s-sitwazzjoni tas-suq awdjoviżiv fil-pajjiż ikkonċernat, inkluż ***l-allinjament*** tal-qafas legali tagħhom mal-acquis tal-Unjoni dwar ***il-media*** awdjoviżiva u l-aċċess għall-iskemi ta' appoġġ tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward ta' pajjiżi Ewropej oħra. Il-ftehimiet konklużi mal-pajjiżi msemmija fil-paragrafu 1(b) għandhom jeżiġu l-allinjament tal-liġi nazzjonali tagħhom mad-Direttiva 2010/13/UE biex tingħata parteċipazzjoni fl-objettiv speċifiku "Awdjoviżiv".

Or. en

Emenda 1404
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni li jagħtu parteċipazzjoni ***fl-objettiv speċifiku*** "***Awdjoviżiv***" ***imsemmi*** fl-Artikolu 3 għandhom iqisu s-sitwazzjoni tas-suq	3. Il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni li jagħtu parteċipazzjoni ***fis-subfergħa*** "***Media***" ***jew "Media tal-Aħbarijiet" imsemmija*** fl-Artikolu 3 għandhom iqisu s-

awdjoviżiv fil-pajjiż ikkonċernat, inkluż il-prossimità tal-qafas legali tagħhom mal-acquis tal-Unjoni dwar ***il-midja awdjoviżiva*** u l-aċċess għall-iskemi ta' appoġġ tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward ta' pajjiżi Ewropej oħra. Il-ftehimiet konklużi mal-pajjiżi msemmija fil-paragrafu 1(b) għandhom jeżiġu l-allinjament tal-liġi nazzjonali tagħhom mad-Direttiva 2010/13/UE biex tingħata parteċipazzjoni ***fl-objettiv speċifiku*** "***Awdjoviżiv***".	sitwazzjoni tas-suq ***tal-media jew tal-media tal-aħbarijiet*** fil-pajjiż ikkonċernat, inkluż il-prossimità tal-qafas legali tagħhom mal-acquis tal-Unjoni ***rilevanti*** dwar ***il-media*** u l-aċċess għall-iskemi ta' appoġġ tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward ta' pajjiżi Ewropej oħra. Il-ftehimiet konklużi mal-pajjiżi msemmija fil-paragrafu 1(b) għandhom jeżiġu l-allinjament ***sħiħ*** tal-liġi nazzjonali tagħhom mad-Direttiva 2010/13/UE biex tingħata parteċipazzjoni ***fis-subfergħa*** "***Media***".

Or. en

Emenda 1405
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni li jagħtu parteċipazzjoni ***fl-objettiv speċifiku "Awdjoviżiv" imsemmi*** fl-Artikolu 3 għandhom iqisu s-sitwazzjoni tas-suq awdjoviżiv fil-pajjiż ikkonċernat, inkluż il-prossimità tal-qafas legali tagħhom mal-acquis tal-Unjoni dwar ***il-midja*** awdjoviżiva u l-aċċess għall-iskemi ta' appoġġ tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward ta' pajjiżi Ewropej oħra. Il-ftehimiet konklużi mal-pajjiżi msemmija fil-paragrafu 1(b) għandhom jeżiġu l-allinjament tal-liġi nazzjonali tagħhom mad-Direttiva 2010/13/UE biex tingħata parteċipazzjoni fl-objettiv speċifiku "Awdjoviżiv".	3. Il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni li jagħtu parteċipazzjoni ***fil-fergħa "Media+" imsemmija*** fl-Artikolu 3 għandhom iqisu s-sitwazzjoni tas-suq awdjoviżiv fil-pajjiż ikkonċernat, inkluż il-prossimità tal-qafas legali tagħhom mal-acquis tal-Unjoni dwar ***il-midja*** awdjoviżiva u l-aċċess għall-iskemi ta' appoġġ tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward ta' pajjiżi Ewropej oħra. Il-ftehimiet konklużi mal-pajjiżi msemmija fil-paragrafu 1(b) għandhom jeżiġu l-allinjament tal-liġi nazzjonali tagħhom mad-Direttiva 2010/13/UE biex tingħata parteċipazzjoni fl-objettiv speċifiku "Awdjoviżiv".

Or. en

Emenda 1406

François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-assoċjazzjoni skont dan l-Artikolu għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-interessi strateġiċi, ta' sigurtà, ta' awtonomija u ta' politika tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tista', fil-programm ta' ħidma jew fit-test tas-sejħa, tistabbilixxi restrizzjonijiet speċifiċi jew teskludi l-parteċipazzjoni ta' entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi partikolari meta dan ikun meħtieġ biex jiġu ssalvagwardjati dawk l-interessi.

Or. en

Emenda 1407
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli fuq bażi regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill informazzjoni dwar l-ammont tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni pprovduti lil entitajiet legali stabbiliti f'pajjiżi terzi assoċjati u mhux assoċjati.

Or. en

Emenda 1408
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda

Proposta għal regolament
Artikolu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 14a
	Salvagwardja tal-aċċess għall-finanzjament għall-organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili
	1) L-implimentazzjoni tal-Programm u ta' kwalunkwe mekkaniżmu ta' kundizzjonalità tal-Unjoni marbut mar-rispett għall-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE għandha tiżgura li l-organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-attivisti u benefiċjarji finali oħra jibqa' jkollhom aċċess effettiv u nondiskriminatorju għall-finanzjament tal-Unjoni.
	2) Meta ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt, tad-demokrazija jew tad-drittijiet fundamentali jaffettwa l-ġestjoni jew id-distribuzzjoni tal-fondi tal-Unjoni fil-livell nazzjonali, il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri xierqa u f'waqthom biex tiżgura li l-appoġġ ikompli jiġi pprovdut direttament lill-organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili u lil benefiċjarji rilevanti oħra.
	3) Il-miżuri adottati fl-ambitu tal-mekkaniżmi ta' kundizzjonalità tal-Unjoni ma għandhomx jirriżultaw fit-tnaqqis jew fis-sospensjoni tal-appoġġ finanzjarju lil organizzazzjonijiet indipendenti li jippromwovu u jipproteġu l-valuri, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali tal-Unjoni.
	Or. en

Emenda 1409
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, taħt ġestjoni diretta jew taħt ġestjoni indiretta mal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 62(1)(c) ta' dak ir-Regolament.	1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, taħt ġestjoni diretta jew taħt ġestjoni indiretta mal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 62(1)(c) ta' dak ir-Regolament. ***Il-fergħat CERV+, Daphne u Appoġġ ta' Emerġenza għandhom jiġu implimentati biss taħt ġestjoni diretta.***

Or. en

Emenda 1410
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Brigitte van den Berg, Irena Joveva, Fabienne Keller, Lucia Yar, Dainius Žalimas, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat l-aċċess għall-finanzjament għall-media lokali, reġjonali u komunitarja, proġetti ta' ġurnaliżmu investigattiv, ġurnalisti freelance, inizjattivi ta' verifika tal-fatti u organizzazzjonijiet żgħar tas-soċjetà ċivili permezz ta' appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi fejn xieraq.

Or. en

Emenda 1411
András László, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1a. Il-Programm għandu jirrispetta l-prinċipji tas-sussidjarjetà, l-identità kostituzzjonali nazzjonali, in-newtralità politika u t-trasparenza.

Or. en

Emenda 1412
András László, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi mekkaniżmi li jiżguraw li l-ebda finanzjament tal-Unjoni ma jiġi dirett, direttament jew indirettament, permezz ta' organizzazzjonijiet intermedjarji bl-għan li jiġu ffinanzjati l-promozzjoni politika, iċ-ċensura, l-attivitajiet ta' influwenza elettorali jew il-lobbjar dirett kontra l-gvernijiet tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 1413
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Brigitte van den Berg, Irena Joveva, Fabienne Keller, Lucia Yar, Dainius Žalimas, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Fl-implimentazzjoni tal-Programm, għandha tingħata attenzjoni partikolari biex tiġi żgurata distribuzzjoni ġeografika bbilanċjata tal-appoġġ madwar l-Istati Membri u r-reġjuni, inkluż l-aċċess għall-finanzjament għall-media lokali, reġjonali u komunitarja, l-

organizzazzjonijiet iż-żgħar u l-applikanti minn reġjuni sottorappreżentati.

Or. en

Emenda 1414
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-finanzjament tal-Unjoni jista' jingħata fi kwalunkwe forma f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet, akkwist, u donazzjonijiet mhux finanzjarji.	2. Il-finanzjament tal-Unjoni jista' jingħata fi kwalunkwe forma f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet, akkwist, u donazzjonijiet mhux finanzjarji. ***Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-Programm, l-entitajiet lokali, reġjonali, nazzjonali u tranżnazzjonali għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw, fejn xieraq, minn għotjiet operattivi pluriennali, appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi u arranġamenti ssimplifikati ta' ġestjoni tal-għotjiet, inklużi proċeduri ta' applikazzjoni f'żewġ stadji u mekkaniżmi ta' finanzjament b'somma f'daqqa aktar flessibbli. Meta dan ikun iġġustifikat mill-objettivi tal-azzjoni, l-appoġġ tal-Unjoni jista' jkopri sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli.***

Or. en

Emenda 1415
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Gabriela Firea, Victor Negrescu, Michał Kobosko

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-finanzjament tal-Unjoni jista'	2. Il-finanzjament tal-Unjoni jista'

jingħata fi kwalunkwe forma f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet, akkwist, u donazzjonijiet mhux finanzjarji.	jingħata fi kwalunkwe forma f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet, akkwist, u donazzjonijiet mhux finanzjarji. ***L-għotjiet permezz tal-Programm għandhom jingħataw u jiġu ġestiti f'konformità mat-Titolu VIII tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u jistgħu jkopru sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' kofinanzjament kif stabbilit fl-Artikolu 193 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-ħin tal-volontarjat jista' jintuża bħala kofinanzjament jekk ikun meħtieġ kofinanzjament.***

Or. en

Emenda 1416
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-entitajiet lokali, reġjonali, nazzjonali u tranżnazzjonali għandhom ikunu eliġibbli għal appoġġ permezz ta' għotjiet operattivi pluriennali, appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi, u proċeduri ssimplifikati u flessibbli għall-għoti ta' għotjiet, bħal proċedura ta' applikazzjoni f'żewġ stadji, kif ukoll sistema aktar flessibbli ta' finanzjament b'somma f'daqqa u intensità ta' finanzjament għolja kemm jista' jkun. Fejn xieraq, il-finanzjament tal-Unjoni sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli jista' jingħata bi prefinanzjament oġħla b'mod sinifikanti, b'finanzjament addizzjonali għall-kostijiet ta' aċċessibbiltà u inklużjoni. Se jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' interess żero sa baxx marbuta ma' proġetti ffinanzjati mill-UE li jirnexxu.

Or. en

Emenda 1417
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Programm għandu jipprovdi l-possibbiltà ta' appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi skont it-tifsira tal-Artikolu 207 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tal-finanzjament għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet kulturali fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u tranżnazzjonali.

Or. en

Emenda 1418
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. L-entitajiet lokali, reġjonali, nazzjonali u tranżnazzjonali għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ permezz ta' għotjiet operattivi pluriennali, appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi, u proċeduri ssimplifikati u flessibbli għall-għoti ta' għotjiet, bħal proċedura ta' applikazzjoni f'żewġ stadji, kif ukoll sistema ta' finanzjament b'somma f'daqqa aktar flessibbli. Fejn xieraq, jista' jingħata finanzjament tal-Unjoni sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

Or. en

Emenda 1419
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-appoġġ tal-Unjoni fil-forma ta' garanzija baġitarja għandu jingħata fi ħdan l-ammont massimu tal-garanzija baġitarja stabbilit mir-Regolament FEK.	4. L-appoġġ tal-Unjoni fil-forma ta' garanzija baġitarja għandu jingħata fi ħdan l-ammont massimu tal-garanzija baġitarja stabbilit mir-Regolament FEK. ***B'mod partikolari fl-objettiv speċifiku "Aħbarijiet, Media u Ġurnaliżmu", tali ftehimiet għandhom jinkludu salvagwardji li jiżguraw ir-rispett għall-pluraliżmu tal-media, għall-indipendenza editorjali, għas-sikurezza tal-ġurnalisti, u għall-istandards professjonali.***

Or. en

Emenda 1420
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta l-Programm juża l-Istrument InvestEU tal-FEK, dan għandu jipprovdi l-proviżjonament għall-garanzija baġitarja u l-finanzjament għall-istrumenti finanzjarji, inkluż meta jiġu kkombinati ma' appoġġ mhux ripagabbli fil-forma ta' operazzjoni ta' taħlit.	5. Meta l-Programm juża l-Istrument InvestEU tal-FEK, dan għandu jipprovdi l-proviżjonament għall-garanzija baġitarja u l-finanzjament għall-istrumenti finanzjarji, inkluż meta jiġu kkombinati ma' appoġġ mhux ripagabbli fil-forma ta' operazzjoni ta' taħlit. ***L-għotjiet mogħtija fl-ambitu tal-Programm għandhom jinkludu għotjiet ta' azzjoni, għotjiet operattivi pluriennali u appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi.***

Or. en

Emenda 1421
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. [Mill-1 ta' Jannar 2028 / data tal-bidu tal-programm], b'deroga mill-Artikolu 212(3), l-ewwel, it-tieni u r-raba' subparagrafi, tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, meta l-Programm jipprovdi l-finanzjament lill-istrumenti finanzjarji permezz tal-Istrument InvestEU tal-FEK għall-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, id-dħul, ir-ripagamenti u l-irkupri minn dawk l-istrumenti finanzjarji għandhom jintużaw biex jipprovdu appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament. B'deroga mill-Artikolu 21(3), il-punt (f), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u f'konformità mal-Artikolu 21(5) ta' dak ir-Regolament, dawk ir-riżorsi għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern għall-Programm.

Or. en

Emenda 1422
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, il-finanzjament għandu ***jingħata bħala***	6. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, il-finanzjament għandu ***jkun konformi mat-***

finanzjament mhux marbut mal-kostijiet jew, fejn meħtieġ, għażliet ta' kostijiet issimplifikati, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. ***Il-finanzjament jista'*** jingħata ***fil-forma ta' rimborż*** reali ***tal-kost eliġibbli,*** meta ***l-objettivi ta' azzjoni ma jkunux jistgħu jintlaħqu mod ieħor biss***.

Titolu VIII tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. ***Meta jkun debitament iġġustifikat fil-programm ta' ħidma jew fid-dokumentazzjoni tal-għoti, l-appoġġ tal-Unjoni li*** jingħata ***lil benefiċjarju fl-ambitu tal-Programm għandu jieħu waħda mill-forom li ġejjin:***

(a) finanzjament mhux marbut mal-kostijiet, meta l-ammont totali ma jaqbiżx il-EUR 500 000 u l-programm ta' ħidma jispeċifika:

(aa) il-metodoloġija biex jiġi ddeterminat l-ammont ta'appoġġ tal-Unjoni;

(ab) l-istadji importanti, il-miri jew kundizzjonijiet oħra oġġettivament verifikabbli li jiskattaw il-pagament, inkluża l-korrelazzjoni bejn l-istadji importanti, il-miri u l-kundizzjonijiet rilevanti u l-finanzjament riċevut;

(ac) il-proċedura għall-verifika tat-twettiq tagħhom; inkluż, fejn xieraq, verifika indipendenti;

(ad) il-konsegwenzi ta' twettiq parzjali jew nuqqas ta' twettiq, inkluż tnaqqis proporzjonat tal-għotja u tal-irkupri, fejn applikabbli;

(ae) l-obbligu ta' rapportar dwar il-kostijiet unitarji jew totali, kif rilevanti, tal-attivitajiet appoġġati u

(af) l-obbligu li l-awtorità tal-għoti tiġi infurmata b'varjazzjonijiet akbar minn 10 % bejn l-ammont mogħti u l-ammont stmat tan-nefqa mġarrba fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni; varjazzjonijiet bħal dawn għandhom, fejn xieraq, iwasslu għall-irkupru tal-ammonti li jaqbżu l-10 % tad-differenza msemmija hawn fuq jew għal rivalutazzjoni tal-istadji importanti u l-miri miftiehma qabel;

(b) għażliet ta' kostijiet issimplifikati, inklużi kostijiet unitarji, somom f'daqqa jew finanzjament b'rata fissa, meta l-programm ta' ħidma jistabbilixxi l-bażi

tal-kalkolu u jiżgura li l-approċċ ma jwassalx għal kumpens żejjed;

(c) ir-rimborż tal-kostijiet eliġibbli reali***, meta l-punti (a) u (b) ma jkunux xierqa jew*** meta ***l-ammont totali tal-azzjoni jaqbeż l-EUR 100 000***.

Fil-każijiet kollha, il-programm ta' ħidma jew id-dokumentazzjoni tal-għoti għandhom jispeċifikaw il-konsegwenzi tat-twettiq parzjali jew in-nuqqas ta' twettiq, inkluż tnaqqis proporzjonali tal-għoti u l-irkupru tal-ammonti diġà mħallsa. L-użu ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet u ma' għażliet oħra ta' kostijiet issimplifikati ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-esklużjoni, il-kunflitti ta' interess, l-evitar ta' finanzjament doppju, jew id-drittijiet ta' awditjar u investigazzjoni tal-OLAF, tal-Qorti tal-Awdituri u tal-UPPE.

Or. en

Emenda 1423
Chiara Gemma, Ivaylo Valchev

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, il-finanzjament għandu jingħata bħala finanzjament mhux marbut mal-kostijiet jew, fejn meħtieġ, għażliet ta' kostijiet issimplifikati, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-finanzjament jista' jingħata fil-forma ta' rimborż reali tal-kost eliġibbli, meta l-objettivi ta' azzjoni ma jkunux jistgħu jintlaħqu mod ieħor biss.	6. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, il-finanzjament għandu jingħata bħala finanzjament mhux marbut mal-kostijiet jew, fejn meħtieġ, għażliet ta' kostijiet issimplifikati, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-finanzjament jista' jingħata fil-forma ta' rimborż reali tal-kost eliġibbli, meta l-objettivi ta' azzjoni ma jkunux jistgħu jintlaħqu mod ieħor biss. ***L-għotjiet iridu dejjem ikunu kundizzjonali fuq il-kisba ta' riżultati li jistgħu jitkejlu u li jistgħu jiġu vverifikati, u l-kuntratti għandhom jipprevedu mekkaniżmi ta' rkupru f'każ li***

l-objettivi ma jintlaħqux. L-użu ta' somom f'daqqa ma għandux inaqqas ir-responsabbiltà tal-benefiċjarji.

Or. it

Emenda 1424
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, il-finanzjament għandu jingħata bħala finanzjament mhux marbut mal-kostijiet jew, fejn meħtieġ, għażliet ta' kostijiet issimplifikati, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-finanzjament jista' jingħata fil-forma ta' rimborż reali tal-kost eliġibbli, meta l-objettivi ta' azzjoni ma jkunux jistgħu jintlaħqu mod ieħor biss.	6. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, il-finanzjament għandu jingħata bħala finanzjament mhux marbut mal-kostijiet jew, fejn meħtieġ, għażliet ta' kostijiet issimplifikati, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-finanzjament jista' jingħata fil-forma ta' rimborż reali tal-kost eliġibbli, meta l-objettivi ta' azzjoni ma jkunux jistgħu jintlaħqu mod ieħor biss. ***Il-kostijiet tal-aċċessibbiltà u tal-inklużjoni għandhom jiġu rimborżati bis-sħiħ bħala kostijiet eliġibbli reali. L-għotjiet mogħtija fl-ambitu tal-Programm għandhom jinkludu għotjiet ta' azzjoni, għotjiet operattivi pluriennali u appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi.***

Or. en

Emenda 1425
Gabriela Firea, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Meta l-azzjonijiet jinvolvu apprendistati, traineeships, mentoraġġ,

tagħlim mhux formali, sensibilizzazzjoni tal-komunità jew il-parteċipazzjoni ta' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, il-programmi ta' ħidma għandhom jiżguraw li l-appoġġ finanzjarju pprovdut permezz ta' għotjiet, kostijiet unitarji, somom f'daqqa jew għażliet oħra ta' kostijiet issimplifikati jikkorrispondi għall-kostijiet reali mġarrba mill-parteċipanti u mill-atturi responsabbli mill-implimentazzjoni. Dan għandu jinkludi, fejn rilevanti, remunerazzjoni ġusta għall-artisti, għall-ħaddiema kulturali, għall-freelancers, għan-nies tas-sengħa, għall-mentors, għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, għall-medjaturi kulturali u għall-faċilitaturi tal-komunità, u l-kostijiet relatati mat-trasport, mal-akkomodazzjoni, mas-sussistenza, mal-indukrar tat-tfal u ma' responsabbiltajiet oħra ta' kura, l-aċċessibbiltà, l-interpretazzjoni, l-assigurazzjoni u l-aċċess diġitali. It-tfassil tal-għotjiet u l-iskedi tal-pagamenti għandhom jevitaw li jibbażaw fuq xogħol mhux imħallas, appoġġ informali għall-familja, kostijiet mhux rimborżati jew rimborżi mdewma li jistgħu jeskludu parteċipanti b'introjtu baxx, ħaddiema kulturali prekarji jew organizzazzjonijiet żgħar ibbażati fil-komunità.

Or. en

Emenda 1426
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Għall-finijiet tal-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-kumitat tal-evalwazzjoni jista' jkun magħmul parzjalment jew kompletament minn esperti esterni	***imħassar***

indipendenti.

Or. en

Emenda 1427
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-entitajiet li japplikaw għal finanzjament mill-fergħa "Ewropa Kreattiva — Kultura" tal-Programm u li tul l-aħħar sentejn ikunu rċevew aktar minn 50% tad-dħul annwali tagħhom mingħand sorsi pubbliċi, għandhom jitqiesu li għandhom il-kapaċità finanzjarja, professjonali u amministrattiva meħtieġa biex iwettqu l-attivitajiet tal-Programm. M'għandhomx jintalbu jippreżentaw dokumentazzjoni ulterjuri biex juru dik il-kapaċità.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1428
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-entitajiet li japplikaw għal finanzjament mill-fergħa "Ewropa Kreattiva — Kultura" tal-Programm u li tul l-aħħar sentejn ikunu rċevew aktar minn 50% tad-dħul annwali tagħhom mingħand sorsi pubbliċi, għandhom jitqiesu li għandhom il-kapaċità finanzjarja, professjonali u amministrattiva meħtieġa biex iwettqu l-attivitajiet tal-Programm. M'għandhomx	***imħassar***

jintalbu jippreżentaw dokumentazzjoni ulterjuri biex juru dik il-kapaċità.

Or. fi

Emenda 1429
Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-entitajiet li japplikaw għal finanzjament mill-fergħa "Ewropa Kreattiva — Kultura" tal-Programm u li tul l-aħħar sentejn ikunu rċevew aktar minn 50% tad-dħul annwali tagħhom mingħand sorsi pubbliċi, għandhom jitqiesu li għandhom il-kapaċità finanzjarja, professjonali u amministrattiva meħtieġa biex iwettqu l-attivitajiet tal-Programm. ***M'għandhomx jintalbu jippreżentaw dokumentazzjoni ulterjuri biex juru dik il-kapaċità.***	8. L-entitajiet li japplikaw għal finanzjament mill-fergħa "Ewropa Kreattiva — Kultura" tal-Programm u li tul l-aħħar sentejn ikunu rċevew aktar minn 50% tad-dħul annwali tagħhom mingħand sorsi pubbliċi, għandhom jitqiesu li għandhom il-kapaċità finanzjarja, professjonali u amministrattiva meħtieġa biex iwettqu l-attivitajiet tal-Programm.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

L-applikanti kollha għandhom ikunu soġġetti għall-istess rekwiżiti f'termini ta' dimostrazzjoni tal-kapaċità finanzjarja u amministrattiva. Il-finanzjament pubbliku waħdu ma jiggarantix awtomatikament il-kapaċità li jiġu implimentati b'mod effettiv proġetti ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni.

Emenda 1430
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Marco Tarquinio, Victor Negrescu, Michał Kobosko

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. L-permezz tal-Programm

għandhom jingħataw u jiġu ġestiti f'konformità mat-Titolu VIII tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u jistgħu jkopru sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli u l-ammonti ridistribwiti lill-benefiċjarji finali u l-organizzazzjonijiet intermedjarji li jimplimentaw skemi ta' għoti mill-ġdid ma għandhomx ikunu meħtieġa jipprovdu kofinanzjament għal tali ammonti ridistribwiti lil partijiet terzi, u għandhom jiġu distribwiti mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' kofinanzjament kif stabbilit fl-Artikolu 193 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

Or. en

Emenda 1431
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Il-proċeduri ta' applikazzjoni u ta' rapportar fl-ambitu tal-Programm għandhom ikunu sempliċi, faċli għall-utent u proporzjonati, b'attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet tal-SMEs, tal-organizzazzjonijiet mikro u tal-applikanti għall-ewwel darba. L-implimentazzjoni tal-Programm għandha timminimizza l-piżijiet amministrattivi u ta' rapportar bla bżonn permezz ta' proċeduri ssimplifikati, diġitali u bbażati fuq ir-riskju, filwaqt li tiżgura li l-benefiċjarji jkunu jistgħu jiffukaw ir-riżorsi tagħhom fuq it-twettiq u l-impatt tal-proġetti tagħhom aktar milli fuq ir-rekwiżiti ta' konformità.

Or. en

Emenda 1432

Alessandro Ciriani, Carlo Fidanza, Lara Magoni

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. L-użu tal-kontribuzzjonijiet operazzjonali jrid ikun limitat u jrid jirrikjedi dokumentazzjoni speċifika tan-nefqa, iż-żamma ta' kontijiet separati għan-nefqa mġarrba mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni u arranġamenti speċifiċi ta' rapportar bejn il-benefiċjarji u l-entità provditur. Il-kontribuzzjonijiet operazzjonali ma jridu bl-ebda mod jiffinanzjaw attivitajiet li jistgħu joħolqu ħsara għar-reputazzjoni tal-Unjoni u jridu jirrispettaw il-linji gwida eżistenti tal-Kummissjoni.

Or. it

Emenda 1433
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. L-użu tal-kontribuzzjonijiet operazzjonali jrid ikun limitat u jrid jipprevedi dokumentazzjoni speċifika tan-nefqa, iż-żamma ta' kontijiet separati għan-nefqa mġarrba bil-kontribuzzjoni tal-Unjoni u arranġamenti speċifiċi ta' rapportar bejn il-benefiċjarji u l-awtorità tal-għoti. Il-kontribuzzjonijiet operazzjonali fl-ebda każ ma jridu jiffinanzjaw attivitajiet li jistgħu jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tal-Unjoni u jridu jikkonformaw mal-linji gwida eżistenti tal-Kummissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kontribuzzjonijiet operazzjonali (finanzjament ta' somma f'daqqa ewlenija) jistgħu jsiru finanzjament strutturali għal organizzazzjonijiet li l-attivitajiet tagħhom huma diffiċli biex jiġu awditjati u jistgħu jiddevjaw mill-objettivi tal-programm. L-emenda tillimita l-użu tagħhom, tirrikjedi kontabbiltà separata u rapportar speċifiku, u tipprojbixxi l-użu tagħhom għal attivitajiet li jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tal-Unjoni.

Emenda 1434
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. L-applikazzjonijiet għandhom ikunu faċli għall-utent u l-proċeduri ta' rapportar għandhom jiġu operazzjonalizzati, ikunu aktar effiċjenti u msaħħa aktar bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Programm. Għandu jiġi applikat piż amministrattiv issimplifikat, inkluż ir-rekwiżit matul il-proċedura ta' applikazzjoni u r-rekwiżiti ta' rapportar, fuq ir-riċevituri tal-finanzjament fl-ambitu tal-Programm.

Or. en

Emenda 1435
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Brigitte van den Berg, Irena Joveva, Fabienne Keller, Lucia Yar, Dainius Žalimas, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Meta tiġi implimentata l-fergħa Informazzjoni u Ġurnaliżmu, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-organizzazzjonijiet li jwettqu attivitajiet ta' monitoraġġ, riċerka, promozzjoni u sorveljanza ta' interess pubbliku relatati

mal-libertà tal-media, mal-pluraliżmu tal-media, mal-integrità tal-informazzjoni, mal-governanza tal-pjattaforma u mat-trasparenza algoritmika.

Or. en

Emenda 1436
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Brigitte van den Berg, Irena Joveva, Fabienne Keller, Lucia Yar, Dainius Žalimas, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8b. Il-Programm għandu jippprevedi għotjiet operattivi pluriennali prevedibbli lin-networks, lill-assoċjazzjonijiet u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Ewropej attivi fil-libertà tal-media, fil-pluraliżmu tal-media, fil-ġurnaliżmu, fl-integrità tal-informazzjoni, fid-drittijiet diġitali u fl-obbligu ta' rendikont tal-pjattaformi.

Or. en

Emenda 1437
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Brigitte van den Berg, Irena Joveva, Fabienne Keller, Lucia Yar, Dainius Žalimas, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 15 - paragrafu 8c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8c. Jistgħu jingħataw għotjiet operattivi pluriennali lil networks, assoċjazzjonijiet u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Ewropej attivi fil-libertà tal-media, fil-pluraliżmu tal-media, fil-ġurnaliżmu, fl-integrità tal-informazzjoni,

fid-drittijiet diġitali u fl-obbligu ta' rendikont tal-pjattaformi. Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat appoġġ prevedibbli u sostenibbli għal tali organizzazzjonijiet sabiex jissaħħu r-reżiljenza demokratika u l-ekosistema tal-informazzjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 1438
András László, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu15a
	Newtralità politika tal-benefiċjarji
	1. Il-fondi tal-Unjoni permezz tal-Programm ma għandhomx jingħataw lil organizzazzjonijiet jew entitajiet tal-media li l-attivitajiet prinċipali tagħhom huma ta' natura politika, ta' lobbjar, ta' influwenzar tal-eżiti elettorali, jew ta' promozzjoni ta' objettivi politiċi partiġġjani.
	2. Il-benefiċjarji għandhom joqogħdu lura milli jużaw il-fondi tal-Unjoni għal attivitajiet matul kampanji elettorali, maħsuba biex jinfluwenzaw ir-riformi kostituzzjonali, ir-riformi ġudizzjarji jew kwistjonijiet oħra li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri. Il-benefiċjarji għandhom ikunu pprojbiti milli jappoġġaw il-qsim illegali tal-fruntieri, il-migranti illegali li diġà qed joqogħdu fl-Unjoni Ewropea, il-promozzjoni tal-ideoloġija tal-ġeneru fost il-minorenni u l-liġi tax-Xarija.
	3. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tippubblika d-dokumenti kollha rigward il-finanzjament ipprovdut permezz tal-Programm dwar is-sorsi ta' finanzjament

pubbliċi u privati, l-istrutturi ta' governanza, l-entitajiet affiljati u l-attivitajiet ta' lobbjar kollha. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi reġistru ta' trasparenza aċċessibbli għall-pubbliku li jkun fih tali informazzjoni.

4. L-ebda għotja ma tista' tingħata lil benefiċjarju li ma jkunx issodisfa bis-sħiħ l-obbligi ta' rapportar tiegħu relatati ma' finanzjament preċedenti tal-Unjoni jew li r-rapporti tiegħu ma jkunux saru disponibbli għall-pubbliku f'konformità ma' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 1439
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu15a
	Finanzjament mingħajr sejħa għal proposti
	1. Il-finanzjament tal-Unjoni jista' jingħata biss mingħajr sejħa għal proposti f'konformità mal-Artikolu 198 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 f'każijiet eċċezzjonali u debitament iġġustifikati, li jirrikjedu dokumentazzjoni u valutazzjonijiet speċifiċi tal-għoti. Tali valutazzjonijiet se jirrikjedu mill-inqas żewġ proċeduri ta' evalwazzjoni separati.
	2. Meta tintuża dik il-possibbiltà, il-programm ta' ħidma jew id-dokumentazzjoni tal-għoti għandu jkun fihom ġustifikazzjoni speċifika li tiddeskrivi ċ-ċirkostanzi debitament sostanzjati u għandhom jispeċifikaw is-salvagwardji applikati biex jiġu żgurati t-

trasparenza, it-trattament ugwali u n-nuqqas ta' kunflitti ta' interess.

3. Għal azzjonijiet ta' aktar minn EUR 1 000 000, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-awtorità ta' kwittanza d-dokumentazzjoni rilevanti tal-għoti wara l-konklużjoni tal-ftehim ta' għotja. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-użu ta' finanzjament mogħti mingħajr sejħa għal proposti f'konformità mal-Artikolu 15d ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1440
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 15b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu15b
	Rapportar mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill
	1. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) [XXX]* [Prestazzjoni] u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Programm għas-sena finanzjarja preċedenti, li jippermetti l-eżerċitar tar-responsabbiltajiet ta' kontroll tal-baġit u ta' kwittanza skont l-Artikolu 319 tat-TFUE.
	2. Ir-rapport annwali għandu jinkludi mill-inqas dan li ġej:
	(a) data dwar l-implimentazzjoni finanzjarja permezz tal-fergħa, tal-objettiv speċifiku, tal-forma ta' appoġġ u tal-

modalità ta' ġestjoni, inklużi kwalunkwe riallokazzjoni, u informazzjoni diżaggregata dwar l-użu ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet, mal-għażliet ta' kostijiet issimplifikati u mar-rimborż reali tal-kostijiet, inkluż l-għadd ta' azzjonijiet iffinanzjati fl-ambitu ta' kull modalità u l-ammonti totali involuti;

(b) l-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin kif elenkati fir-Regolament dwar il-Prestazzjoni;

(c) id-distribuzzjoni ġeografika tal-appoġġ tal-Programm fost l-Istati Membri, il-pajjiżi assoċjati u, fejn applikabbli, il-pajjiżi terzi, inklużi t-tip ta' strument ta' finanzjament użat u l-modalità ta' ġestjoni applikata;

(d) l-użu ta' riżorsi addizzjonali skont l-Artikolu 12, inklużi rimborżi, irkupri u ripagamenti;

(e) informazzjoni dwar irregolaritajiet, frodi suspettata u stabbilita, ir-riżultati ewlenin tal-awditi u tal-kontrolli, u l-istat tal-proċedimenti ta' rkupru, inklużi l-ammonti pendenti;

(f) informazzjoni dwar l-użu ta' għotjiet diretti, għotjiet operattivi u derogi oħra minn proċeduri ta' għoti kompetittivi, inkluża l-bażi legali invokata u l-ġustifikazzjoni applikata;

(g) informazzjoni dwar azzjonijiet iffinanzjati f'pajjiżi terzi jew permezz tagħhom, inklużi l-modalità ta' ġestjoni, l-ammonti impenjati u mħallsa, u l-korpi tal-awditjar u investigattivi li eżerċitaw drittijiet ta' aċċess matul is-sena ta' rapportar;

(h) sommarju tal-kunflitti ta' interess identifikati, tad-deċiżjonijiet ta' esklużjoni u tal-miżuri protettivi applikati skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509;

(i) informazzjoni dwar l-użu individwali ta' għotjiet operattivi.

3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapport annwali fuq is-sit web dedikat tal-

Programm u għandha tippreżentah lill-kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew meta tintalab. Ir-rapport għandu jitfassal f'format li jinqara mill-magni u għandu jkun aċċessibbli permezz tal-portal ta' finanzjament uniku tal-Unjoni msemmi fir-Regolament (UE) [XXX]* [Prestazzjoni].

Or. en

Emenda 1441
Laurence Farreng, Hristo Petrov, Brigitte van den Berg, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Programm ma għandu jappoġġa attivitajiet, kontenut tal-proġett jew organizzazzjonijiet parteċipanti li l-imġiba, il-governanza jew l-outputs tagħhom jippromwovu l-mibegħda, id-diskriminazzjoni, il-vjolenza, ir-radikalizzazzjoni jew l-estremiżmu għall-ebda raġuni. Il-benefiċjarji u l-organizzazzjonijiet parteċipanti għandhom jirrispettaw il-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett. Il-konformità ma' dan ir-rekwiżit għandha tiġi vverifikata permezz ta' proċeduri trasparenti, ibbażati fuq ir-riskju u bbażati fuq l-evidenza, mingħajr ma jinħoloq piż amministrattiv sproporzjonat jew skrinjar politiku arbitrarju, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali, il-pluraliżmu, il-libertà tal-espressjoni, il-libertà ta' assoċjazzjoni u n-nondiskriminazzjoni.

Or. en

Emenda 1442
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Jissottolinja li l-programm taħt l-ebda ċirkostanza ma jiffinanzja l-ispejjeż operatorji strutturali tal-entitajiet eliġibbli. Il-finanzjament huwa pprovdut esklużivament fil-forma ta' għotjiet ta' azzjoni limitati għal proġetti konkreti, li l-pagament finali tagħhom huwa strettament kundizzjonali fuq il-produzzjoni ta' outputs tanġibbli u awditi kontabilistiċi;

Or. fr

Emenda 1443
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) entitajiet stabbiliti fi Stat Membru;	(a) entitajiet stabbiliti fi Stat Membru; ***jew pajjiż jew territorju ekstra-Ewropew marbut ma' dak l-Istat Membru;***

Or. en

Emenda 1444
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) entitajiet stabbiliti fi Stat Membru;	(a) entitajiet stabbiliti fi Stat Membru ***jew f'pajjiż jew territorju ekstra-Ewropew marbut ma' dak l-Istat Membru***;

Or. en

Emenda 1445
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) entitajiet stabbiliti fi Stat Membru;	(a) entitajiet stabbiliti fi Stat Membru***, bl-esklużjoni stretta ta' strutturi impenjati politikament***;

Or. fr

Emenda 1446
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) entitajiet stabbiliti f'pajjiż terz assoċjat;	(b) entitajiet stabbiliti f'pajjiż terz assoċjat***, bl-esklużjoni stretta ta' strutturi impenjati politikament***;

Or. fr

Emenda 1447
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) entitajiet stabbiliti f'pajjiż terz assoċjat;	(b) entitajiet stabbiliti f'pajjiż terz ***assoċjat mal-Programm***;

Or. en

Emenda 1448
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) organizzazzjonijiet internazzjonali;	(c) organizzazzjonijiet internazzjonali***, bl-esklużjoni stretta ta' strutturi impenjati politikament***;

Or. fr

Emenda 1449
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) entitajiet oħra stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati, sa fejn il-finanzjament ta' tali entitajiet ikun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-azzjoni u jikkontribwixxi għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.	***imħassar***

Or. fi

Emenda 1450
András László, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) entitajiet oħra stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati, sa fejn il-finanzjament ta' tali entitajiet ikun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-azzjoni u jikkontribwixxi għall-objettivi	***imħassar***

stabbiliti fl-Artikolu 3.

Or. en

Emenda 1451
Zsuzsanna Borvendég

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) entitajiet oħra stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati, sa fejn il-finanzjament ta' tali entitajiet ikun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-azzjoni u jikkontribwixxi għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1452
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) entitajiet oħra stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati, sa fejn il-finanzjament ta' tali entitajiet ikun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-azzjoni u jikkontribwixxi għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1453
Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) entitajiet oħra stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati***, sa fejn il-finanzjament ta' tali entitajiet ikun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-azzjoni u*** jikkontribwixxi għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.	(d) ***bħala eċċezzjoni,*** entitajiet oħra stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati ***mal-Programm sa fejn l-appoġġ ta' tali entitajiet ikun strettament meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi ta' azzjoni partikolari,*** jikkontribwixxi għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ***u jkun fl-interess tal-Unjoni***.

Or. it

Emenda 1454
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) entitajiet oħra stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati, sa fejn ***il-finanzjament ta' tali entitajiet ikun essenzjali*** għall-implimentazzjoni ***tal-azzjoni u jikkontribwixxi*** għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.	(d) entitajiet ***ġuridiċi*** oħra stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati, ***li ma jipparteċipawx fil-programm*** sa fejn ***il-parteċipazzjoni tagħhom tkun strettament meħtieġa*** għall-implimentazzjoni ***tal-objettivi ta' azzjoni partikolari li tikkontribwixxi*** għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.

Or. en

Emenda 1455
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) entitajiet oħra stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati, sa fejn il-finanzjament ta' tali entitajiet ikun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-	(d) entitajiet oħra stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati, sa fejn il-finanzjament ta' tali entitajiet ikun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-

azzjoni u jikkontribwixxi għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3**.**	azzjoni u jikkontribwixxi għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3***, bl-esklużjoni stretta ta' strutturi impenjati politikament;***

Or. fr

Emenda 1456
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) entitajiet oħra stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati, sa fejn ***il-finanzjament ta'*** tali entitajiet ikun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-azzjoni u jikkontribwixxi għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.	(d) entitajiet oħra stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati ***mal-programm***, sa fejn ***l-appoġġ għal*** tali entitajiet ikun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-azzjoni u jikkontribwixxi għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ***u jkun fl-interess tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 1457
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) entitajiet oħra stabbiliti f'pajjiżi terzi ***mhux assoċjati***, sa fejn ***il-finanzjament ta' tali entitajiet ikun essenzjali*** għall-implimentazzjoni ***tal-azzjoni u jikkontribwixxi*** għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu ***3***.	(d) entitajiet ***ġuridiċi*** oħra stabbiliti f'pajjiżi terzi ***mhux parteċipanti fil-Programm***, sa fejn ***il-parteċipazzjoni tagħhom tkun strettament meħtieġa*** għall-implimentazzjoni ***tal-objettivi ta' azzjoni partikolari li tikkontribwixxi*** għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu.

Or. en

Emenda 1458
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) entitajiet oħra stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati, ***sa fejn il-finanzjament ta' tali entitajiet*** ikun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-azzjoni u jikkontribwixxi għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.	(d) ***b'mod eċċezzjonali*** entitajiet oħra stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati, ***li l-finanzjament tagħhom*** ikun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-azzjoni u jikkontribwixxi għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ***u jkun fl-interess tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 1459
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Fl-implimentazzjoni tal-Programm, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-ebda kategorija ta' organizzazzjoni eliġibbli ma tkun żvantaġġata minħabba l-involviment tagħha fil-promozzjoni tal-interess pubbliku.

Or. en

Emenda 1460
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Minbarra l-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom)***	3. Ir-regoli applikabbli għall-Istati Membri għandhom jiġu applikati, mutatis

2024/2509, il-pajjiżi terzi assoċjati li jissemmew fl-Artikolu 14(1) ta' dan ir-Regolament jistgħu, fejn rilevanti, jipparteċipaw ukoll fi kwalunkwe mekkaniżmu tal-akkwist stabbilit fl-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u jibbenefikaw minnu. Ir-regoli applikabbli għall-Istati Membri għandhom jiġu applikati, mutatis mutandis, għall-pajjiżi terzi assoċjati parteċipanti.	mutandis, għall-pajjiżi terzi assoċjati parteċipanti.

Or. en

Emenda 1461
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Minbarra l-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-pajjiżi terzi assoċjati li jissemmew fl-Artikolu 14(1) ta' dan ir-Regolament jistgħu, fejn rilevanti, jipparteċipaw ukoll fi kwalunkwe mekkaniżmu tal-akkwist stabbilit fl-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u jibbenefikaw minnu. Ir-regoli applikabbli għall-Istati Membri għandhom jiġu applikati, mutatis mutandis, għall-pajjiżi terzi ***assoċjati parteċipanti***.	3. Minbarra l-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-pajjiżi terzi assoċjati ***mal-Programm*** li jissemmew fl-Artikolu 14(1) ta' dan ir-Regolament jistgħu, fejn rilevanti, jipparteċipaw ukoll fi kwalunkwe mekkaniżmu tal-akkwist stabbilit fl-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u jibbenefikaw minnu. Ir-regoli applikabbli għall-Istati Membri għandhom jiġu applikati, mutatis mutandis, għall-pajjiżi terzi ***assoċjati mal-Programm***.

Or. en

Emenda 1462
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-proċeduri tal-għoti li jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tal-assi u tal-interessi strateġiċi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, għandhom ikunu ristretti f'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1463
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-proċeduri tal-għoti li jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tal-assi u tal-interessi strateġiċi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, għandhom ikunu ristretti f'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1464
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-proċeduri tal-għoti li jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tal-assi u tal-interessi strateġiċi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, għandhom ikunu ristretti f'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.	4. Il-proċeduri tal-għoti li jaffettwaw***, jew li x'aktarx jaffettwaw,*** is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tal-assi u tal-interessi strateġiċi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, għandhom ikunu ristretti f'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament (UE,

Euratom) 2024/2509.

Or. en

Emenda 1465
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Is-sistema ta' esklużjoni u l-impożizzjoni ta' penali finanzjarji għandhom japplikaw f'konformità sħiħa mar-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari l-Artikoli 137 u 138 tiegħu. Meta l-fondi jkunu diġà ġew allokati, dawn għandhom jiġu rkuprati mingħajr dewmien żejjed u f'konformità mal-proċeduri finanzjarji u amministrattivi applikabbli.

Or. en

Emenda 1466
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Il-benefiċjarji għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ permezz tal-Programm biss meta jirrispettaw il-valuri msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE, inkluż l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, u ma jippromwovux, ma jappoġġawx jew ma jittollerawx, direttament jew indirettament, ideoloġiji jew attivitajiet estremisti.

Or. en

Emenda 1467
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 jista' jkompli jispeċifika l-kriterji tal-eliġibbiltà stabbiliti f'dan ir-Regolament jew jistabbilixxi kriterji tal-eliġibbiltà addizzjonali għal azzjonijiet speċifiċi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1468
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 jista' jkompli jispeċifika ***l-kriterji*** tal-eliġibbiltà stabbiliti f'dan ir-Regolament jew jistabbilixxi kriterji tal-eliġibbiltà addizzjonali għal azzjonijiet speċifiċi.	5. Il-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 jista' jkompli jispeċifika ***kriterji*** tal-eliġibbiltà ***ċari, oġġettivi u li jistgħu jitkejlu*** stabbiliti f'dan ir-Regolament jew jistabbilixxi kriterji tal-eliġibbiltà addizzjonali għal azzjonijiet speċifiċi***, biex jitqiesu r-rekwiżiti ta' politika speċifiċi jew in-natura u l-objettivi tal-azzjoni***.

Or. en

Emenda 1469
Gabriela Firea, Maria Guzenina

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-eliġibbiltà, is-sħubija, il-fatturat, il-kofinanzjament u r-rekwiżiti amministrattivi għandhom ikunu proporzjonati għall-iskala, għall-iskop u għall-profil tar-riskju tal-azzjoni, u ma għandux ikollhom l-effett li jeskludu organizzazzjonijiet żgħar jew li għadhom kif ġew stabbiliti unikament minħabba nuqqas ta' riżervi, esperjenza preċedenti ta' finanzjament tal-Unjoni jew kapaċità amministrattiva estensiva. Dan għandu japplika b'mod partikolari għal entitajiet immexxija miż-żgħażagħ, organizzazzjonijiet tal-arti komunitarji, istituzzjonijiet kulturali lokali, libreriji, mużewijiet, arkivji, ċentri kulturali u organizzazzjonijiet li jaħdmu ma' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Fejn xieraq, il-Programm jista' jappoġġa mekkaniżmi intermedjarji, ta' mentoraġġ, ta' bini tal-kapaċitajiet jew ta' għoti mill-ġdid, sabiex l-atturi lokali b'aċċess dirett għal komunitajiet li mhumiex moqdijin tajjeb ikunu jistgħu jaċċessaw il-Programm anke fejn ma jkunux jistgħu japplikaw direttament.

Or. en

Emenda 1470
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Sabiex jiġu ggarantiti l-protezzjoni tal-interessi strateġiċi, is-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, il-programm ta' ħidma jista' jeskludi wkoll il-parteċipazzjoni ta' entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni jew

f'pajjiżi assoċjati kkontrollati direttament jew indirettament minn pajjiżi terzi mhux assoċjati jew minn entitajiet ġuridiċi ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati minn sejħiet individwali għal proposti, jew jagħmel il-parteċipazzjoni tagħhom soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-programm ta' ħidma.

Or. en

Emenda 1471
Gabriela Firea, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. Il-programmi ta' ħidma għandhom jipprevedu għotjiet issimplifikati fuq skala żgħira, għotjiet kaskata, mentoraġġ u assistenza teknika għal libreriji, ċentri kulturali, ċentri taż-żgħażagħ, istituzzjonijiet kulturali lokali, inizjattivi mmexxija miż-żgħażagħ u organizzazzjonijiet tal-litteriżmu ċiviku, kulturali u fil-media bbażati fil-komunità, b'mod partikolari f'żoni rurali, bliet żgħar u komunitajiet żvantaġġati. Il-kostijiet eliġibbli jistgħu jinkludu, fejn rilevanti, programmar kulturali, kotba u materjali edukattivi, drittijiet tal-iskrinjar tal-films, tagħmir bażiku tal-projezzjoni u tal-ħoss, miżuri ta' aċċessibbiltà, għodod diġitali, attivitajiet ta' litteriżmu fil-media u fl-IA, miżuri ta' salvagwardja tat-tfal, taħriġ għall-persunal lokali u l-voluntiera, kostijiet tat-trasport u tas-sensibilizzazzjoni, u kooperazzjoni mal-iskejjel, l-artisti, il-ħaddiema kulturali, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u s-servizzi soċjali.

Or. en

Emenda 1472
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Għotja operattiva tista' tingħata mingħajr sejħa għal proposti lin-Network Ewropew għall-Korpi Nazzjonali tal-Ugwaljanza (Equinet), biex ikopri n-nefqa assoċjata mal-programm ta' ħidma permanenti tiegħu.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1473
Chiara Gemma, Ivaylo Valchev

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Għotja operattiva tista' tingħata mingħajr sejħa għal proposti lin-Network Ewropew għall-Korpi Nazzjonali tal-Ugwaljanza (Equinet), biex ikopri n-nefqa assoċjata mal-programm ta' ħidma permanenti tiegħu.	***imħassar***

Or. it

Emenda 1474
Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Għotja operattiva tista' tingħata mingħajr sejħa għal proposti lin-Network Ewropew għall-Korpi Nazzjonali tal-	***imħassar***

Ugwaljanza (Equinet), biex ikopri n-nefqa assoċjata mal-programm ta' ħidma permanenti tiegħu.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-finanzjament mill-baġit tal-Unjoni għandu jiġi allokat permezz ta' proċeduri miftuħa, trasparenti u kompetittivi. L-għoti ta' għotja operattiva lil organizzazzjoni speċifika mingħajr sejħa għal proposti joħloq eċċezzjoni għall-prinċipju ta' trattament ugwali ta' applikanti potenzjali.

Emenda 1475
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Għotja operattiva tista' tingħata mingħajr sejħa għal proposti lin-Network Ewropew għall-Korpi Nazzjonali tal-Ugwaljanza (Equinet), biex ikopri n-nefqa assoċjata mal-programm ta' ħidma permanenti tiegħu.	***imħassar***

Or. fi

Emenda 1476
Zsuzsanna Borvendég

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Għotja operattiva tista' tingħata mingħajr*** sejħa għal proposti ***lin-Network Ewropew għall-Korpi Nazzjonali tal-Ugwaljanza (Equinet), biex ikopri n-nefqa assoċjata mal-programm ta' ħidma permanenti tiegħu***.	6. ***L-għotjiet operattivi permezz ta' dan il-Programm għandhom jingħataw permezz ta' proċeduri trasparenti u kompetittivi. Kwalunkwe eċċezzjoni għal*** sejħa għal proposti ***għandha tkun debitament iġġustifikata, proporzjonata u soġġetta għal rapportar pubbliku, u ma***

għandha tagħti privileġġ lill-ebda network jew organizzazzjoni għal raġunijiet ideoloġiċi jew politiċi*.*

Or. en

Emenda 1477
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Brigitte van den Berg, Dainius Žalimas, Nikola Minchev, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Il-Kummissjoni għandha tressaq lista ta' modalitajiet li jippermettu lill-benefiċjarji individwali jkomplu jibbenefikaw, sa fejn ikun possibbli, mill-aċċess għall-Programm, f'sitwazzjonijiet meta jkunu ġew applikati miżuri skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 għall-Programm fi Stat Membru speċifiku. Tali modalitajiet għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-miżuri applikati skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 u jistgħu jinkludu ġestjoni diretta mill-Kummissjoni jew jiżguraw arranġamenti alternattivi ma' entitajiet eliġibbli oħra, soġġetti għal salvagwardji xierqa f'termini ta' ġestjoni xierqa tal-fondi tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1478
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-użu ta' għotjiet operattivi

għandu jkun limitat u għandu jirrikjedi dokumentazzjoni speċifika tan-nefqa, iż-żamma ta' kontijiet separati għan-nefqa mġarrba mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni u arranġamenti speċifiċi ta' rapportar bejn il-benefiċjarji u l-awtorità tal-għoti. L-għotjiet operattivi ma għandhom bl-ebda mod jiffinanzjaw attivitajiet li jistgħu joħolqu ħsara għar-reputazzjoni tal-Unjoni u għandhom jirrispettaw il-Gwida eżistenti tal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 1479
Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Il-proġetti li jużaw l-intelliġenza artifiċjali għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament biss meta l-applikanti juru konformità mal-liġi tal-Unjoni dwar id-drittijiet tal-awtur, inklużi l-obbligi applikabbli ta' liċenzjar u remunerazzjoni u riżervi espressi tad-drittijiet mid-detenturi tad-drittijiet.

Or. en

Emenda 1480
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 16a
	Evalwazzjoni
	1. Il-proposti għandhom jiġu evalwati

mill-kumitat ta' evalwazzjoni abbażi tal-informazzjoni miġbura f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi ta' rapportar u monitoraġġ, filwaqt li jiġu evitati r-regolamentazzjoni żejda u piż amministrattiv, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri u l-benefiċjarji tal-Programm. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti, fejn xieraq, jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Programm fil-prattika.

2. Il-kumitat ta' evalwazzjoni jista' jkun magħmul parzjalment jew kompletament minn rappreżentanti ta' istituzzjonijiet jew korpi tal-Unjoni. Għandu jinkludi wkoll esperti esterni indipendenti magħżula abbażi ta' kriterji trasparenti, oġġettivi u disponibbli għall-pubbliku, b'mod partikolari l-kompetenza professjonali, l-esperjenza rilevanti u l-indipendenza. Il-kompożizzjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni għandha tiżgura livell għoli ta' għarfien espert xieraq, imparzjalità u ġudizzju bbilanċjat.

3. Meta jkunu involuti esperti esterni fl-evalwazzjoni ta' sejħiet għal proposti, għandhom japplikaw salvagwardji b'saħħithom kontra l-kunflitti ta' interess. L-għażla tagħhom għandha ssir permezz ta' proċedura trasparenti u ddokumentata kif xieraq. Qabel il-ħatra tagħhom, l-esperti esterni għandhom jippreżentaw dikjarazzjoni tal-interessi. Kwalunkwe kunflitt ta' interess reali, potenzjali jew perċepit għandu jiġi identifikat, ivvalutat u pprevenut b'mod effettiv.

4. Il-membri kollha tal-kumitati ta' evalwazzjoni, inklużi esperti esterni indipendenti, u l-persuni kollha li jieħdu sehem fid-deċiżjonijiet ta' thejjija, għoti jew implimentazzjoni ta' għotjiet, premjijiet, akkwist jew strumenti finanzjarji fl-ambitu tal-Programm, għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni annwali ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interess, li telenka l-affiljazzjonijiet ekonomiċi, professjonali u politiċi

rilevanti tat-3 snin preċedenti; id-dikjarazzjonijiet għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-OLAF u l-UPPE fuq talba, u l-istatistika aggregata u anonimizzata dwar il-kunflitti ddikjarati u dwar il-każijiet ittrattati għandha tiġi inkluża fir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni tal-Programm. L-awtorità tal-għoti għandha twettaq kontrolli regolari bbażati fuq ir-riskju biex tivverifika l-konformità mal-informazzjoni pprovduta fid-dikjarazzjoni tal-kunflitti ta' interess ippreżentata minn esperti esterni.

5. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku, fil-ħin u f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data, ir-regoli u l-kriterji li jirregolaw l-għażla ta' esperti esterni u l-proċeduri għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess. Il-proċess ta' evalwazzjoni jista' jiġi segwit minn osservaturi indipendenti sabiex jivverifikaw il-konformità mal-prinċipji ta' trasparenza, trattament ugwali, imparzjalità u indipendenza.

6. Il-kriterji ta' evalwazzjoni, il-limiti u l-metodu tal-għoti tal-punteġġ tal-proposti għandhom jiġu ppubblikati minn qabel u għandhom jiġu applikati b'mod konsistenti. Il-kriterji ta' evalwazzjoni jistgħu jiġu speċifikati aktar fil-programm ta' ħidma adottat mill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 1481
Zsuzsanna Borvendég

Proposta għal regolament
Artikolu 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 16a

Newtralità politika, trasparenza u rispett għas-sovranità tal-Istati Membri

1. Il-finanzjament skont dan il-Programm għandu jiġi implimentat skont il-prinċipji tan-newtralità politika, in-newtralità ideoloġika, it-trasparenza, is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

2. Il-benefiċjarji għandhom jiddivulgaw il-finanzjament kollu tal-Unjoni riċevut skont dan il-Programm b'mod ċar u aċċessibbli għall-pubbliku.

3. Il-finanzjament tal-Unjoni ma għandux jingħata għal azzjonijiet li l-għan ewlieni tagħhom huwa li jinfluwenzaw l-elezzjonijiet jew ir-referenda nazzjonali, reġjonali jew lokali, li jwettqu kampanji politiċi bejn il-partiti, li jiffinanzjaw il-promozzjoni ideoloġika diretta lejn il-minorenni, jew li jeżerċitaw pressjoni politika fuq l-Istati Membri f'oqsma li jaqgħu barra mill-kompetenza tal-Unjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-implimentazzjoni ta' dan il-Programm ma tippreġudikax l-identitajiet nazzjonali, it-tradizzjonijiet kostituzzjonali, l-għażliet ta' politika pubblika, is-sovranità kulturali, il-wirt reliġjuż u l-awtonomija istituzzjonali tal-Istati Membri.

5. Il-Programm ma għandux jiddiskrimina kontra applikanti jew benefiċjarji abbażi tal-orjentazzjoni kulturali reliġjuża, filosofika, konservattiva, favur il-familja jew nazzjonali tagħhom, dment li l-attivitajiet tagħhom jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni u mal-objettivi tal-Programm.

Or. en

Emenda 1482
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz ***tal-programmi*** ta' ħidma ***msemmijin*** fl-Artikolu ***110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, meta*** applikabbli***, l-attivitajiet u l-ammonti relatati tal-appoġġ tal-Unjoni li jridu jiġu implimentati bl-Istrument InvestEU tal-FEK***.	Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz ***ta' programmi*** ta' ħidma ***annwali***.
	Il-Kummissjoni għandha tadotta l-programmi ta' ħidma annwali permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu ***17a(2).***
	Kull programm ta' ħidma annwali għandu jkun fih mill-inqas:
	(a) l-objettivi speċifiċi, il-prijoritajiet u r-riżultati mistennija għal kull fergħa;
	(b) il-metodi ta' implimentazzjoni għal kull fergħa;
	(c) l-ammont totali tan-nefqa għal kull fergħa, inkluż l-ammont indikattiv allokat għal kull tip ta' azzjoni;
	(d) il-kriterji ta' evalwazzjoni għall-għażla tal-proġetti, li għandhom ikunu bbażati fuq il-kwalità artistika u kulturali, il-valur miżjud Ewropew, l-ilħuq u l-aċċessibbiltà, is-sostenibbiltà, u l-kontribut għad-diversità kulturali u lingwistika tal-Unjoni;
	(e) il-miżuri ta' simplifikazzjoni applikabbli ***għal organizzazzjonijiet żgħar u li japplikaw għall-ewwel darba.***
	Il-kriterji ta' evalwazzjoni ma għandhomx jinkludu l-konformità ma' ideoloġiji soċjali jew politiċi kkontestati jew l-approvazzjoni ta' pożizzjonijiet dwar kwistjonijiet soċjali kkontestati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda toperazzjonalizza r-rekwiżit tal-Kumitat tal-Programm billi tispeċifika l-kontenut minimu għall-programmi ta' ħidma annwali. Il-lista espliċita ta' kriterji ta' evalwazzjoni bbażati fuq il-kwalità kulturali, il-valur miżjud Ewropew u d-diversità tipprevjeni l-kundizzjonijiet ideoloġiċi milli jidħlu fl-għażla tal-proġetti. Il-projbizzjoni tal-ideoloġija soċjali kkontestata bħala kriterju ta' evalwazzjoni tipproteġi l-libertà artistika fil-prattika, mhux biss bħala prinċipju ta' premessa.

Emenda 1483
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Gabriela Firea, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmijin fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, meta applikabbli, l-attivitajiet u l-ammonti relatati tal-appoġġ tal-Unjoni li jridu jiġu implimentati bl-Istrument InvestEU tal-FEK.	Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmijin fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 ***u għandu jiżgura implimentazzjoni bbilanċjata bejn l-objettivi speċifiċi u l-attivitajiet trażversali***. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, meta applikabbli, l-attivitajiet u l-ammonti relatati tal-appoġġ tal-Unjoni ***inklużi dawk*** li jridu jiġu implimentati bl-Istrument InvestEU tal-FEK.

Or. en

Emenda 1484
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmijin fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu***, meta***	Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmijin fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 ***u għandu jiżgura implimentazzjoni bbilanċjata bejn***

applikabbli, l-attivitajiet u l-ammonti relatati tal-appoġġ tal-Unjoni li jridu jiġu implimentati bl-Istrument InvestEU tal-FEK.

l-objettivi speċifiċi u l-attivitajiet trażversali. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu l-attivitajiet u l-ammonti relatati tal-appoġġ tal-Unjoni***, inklużi dawk*** li jridu jiġu implimentati bl-Istrument InvestEU tal-FEK.

Or. en

Emenda 1485
András László, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmijin fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-programmi ta' ħidma għandhom ***jistabbilixxu, meta applikabbli, l-attivitajiet u l-ammonti relatati tal-appoġġ tal-Unjoni li jridu jiġu implimentati bl-Istrument InvestEU tal-FEK***.	Il-programmi ta' ħidma ***annwali u pluriennali*** għandhom ***jiġu adottati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 skont il-proċedura ta' eżami***.

Or. en

Emenda 1486
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Brigitte van den Berg, Irena Joveva, Fabienne Keller, Lucia Yar, Dainius Žalimas, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmijin fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, meta applikabbli, l-attivitajiet u l-ammonti	Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmijin fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 ***u għandu jiżgura implimentazzjoni bbilanċjata bejn l-objettivi speċifiċi u l-attivitajiet***

relatati tal-appoġġ tal-Unjoni li jridu jiġu implimentati bl-Istrument InvestEU tal-FEK.

trażversali. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, meta applikabbli, l-attivitajiet u l-ammonti relatati tal-appoġġ tal-Unjoni li jridu jiġu implimentati bl-Istrument InvestEU tal-FEK.

Or. en

Emenda 1487
Alice Kuhnke, Emma Rafowicz

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmijin fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu***, meta applikabbli,*** l-attivitajiet u l-ammonti relatati tal-appoġġ tal-Unjoni li jridu jiġu implimentati bl-Istrument InvestEU tal-FEK.	Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmijin fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu l-attivitajiet u l-ammonti relatati tal-appoġġ tal-Unjoni***, inklużi l-attivitajiet u l-ammonti relatati*** li jridu jiġu implimentati bl-Istrument InvestEU tal-FEK.

Or. en

Emenda 1488
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmijin fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, meta applikabbli, l-attivitajiet u l-ammonti relatati tal-appoġġ tal-Unjoni li jridu jiġu implimentati bl-Istrument InvestEU tal-FEK.	Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma ***annwali*** msemmijin fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, meta applikabbli, l-attivitajiet u l-ammonti relatati tal-appoġġ tal-Unjoni li jridu jiġu implimentati bl-Istrument InvestEU tal-FEK.

Or. en

Emenda 1489
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmijin fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, meta applikabbli, l-attivitajiet u l-ammonti relatati tal-appoġġ tal-Unjoni li jridu jiġu implimentati bl-Istrument InvestEU tal-FEK.	Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma ***annwali*** msemmijin fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, meta applikabbli, l-attivitajiet u l-ammonti relatati tal-appoġġ tal-Unjoni li jridu jiġu implimentati bl-Istrument InvestEU tal-FEK.

Or. en

Emenda 1490
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmijin fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, meta applikabbli, l-attivitajiet u l-ammonti relatati tal-appoġġ tal-Unjoni li jridu jiġu implimentati bl-Istrument InvestEU tal-FEK.	***1.*** Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmijin fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, meta applikabbli, l-attivitajiet u l-ammonti relatati tal-appoġġ tal-Unjoni li jridu jiġu implimentati bl-Istrument InvestEU tal-FEK.

Or. en

Emenda 1491
Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1) Il-kumitati tal-programmi magħmula minn rappreżentanti tal-Istati Membri għandhom jiġu kkonsultati dwar it-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-programmi ta' ħidma fl-ambitu tal-fergħat Kultura – Ewropa Kreattiva, Kultura –MEDIA u Kultura – Mużika. Il-Kummissjoni għandha tqis l-opinjonijiet tagħhom bl-akbar reqqa.

Or. en

Emenda 1492
Gabriela Firea, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-programmi ta' ħidma għandhom jinkludu, fejn rilevanti, indikaturi u għodod ta' monitoraġġ li kapaċi juru jekk il-Programm jilħaqx persuni u organizzazzjonijiet li jiffaċċjaw ostakli soċjali, territorjali jew ekonomiċi għall-parteċipazzjoni. Tali monitoraġġ għandu jkopri, fejn xieraq, benefiċjarji għall-ewwel darba, tfal u żgħażagħ minn unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ, persuni b'diżabbiltà, parteċipanti minn żoni rurali u bliet żgħar, u ħaddiema u persuni li jaħdmu għal rashom f'sitwazzjonijiet prekarji fis-setturi kulturali, kreattivi u tal-media. Il-Kummissjoni għandha tieħu passi biex tindirizza l-lakuni fid-data u fil-metodoloġija li jistgħu jaħbu l-esklużjoni,

id-dewmien fl-aċċess għall-appoġġ jew l-ilħuq territorjali mhux uniformi, filwaqt li tiżgura rispett sħiħ għar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, l-awtoidentifikazzjoni volontarja, in-nondiskriminazzjoni u s-salvagwardji kontra l-istigmatizzazzjoni.

Or. en

Emenda 1493
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Brigitte van den Berg, Irena Joveva, Fabienne Keller, Lucia Yar, Dainius Žalimas, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha tiżgura t-trasparenza fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-Programm. Għandha torganizza skambji strutturati u regolari mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u mar-rappreżentanti tas-setturi kulturali, tal-media u ċiviċi. Tali skambji għandhom isiru fi stadju bikri fit-tħejjija tal-programmi ta' ħidma u qabel l-adozzjoni tagħhom, bil-ħsieb li jingħabar input. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli, b'mod f'waqtu u f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-kunfidenzjalità, informazzjoni dwar il-prijoritajiet previsti għall-programmi ta' ħidma li ġejjin u għandha tipprovdi lill-partijiet ikkonċernati opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet.

Or. en

Emenda 1494
András László, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Kumitat tal-Programm
	1. Kumitat tal-Programm magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri għandu jassisti lill-Kummissjoni.
	2. Il-Kumitat tal-Programm għandu jeżamina u jagħti opinjonijiet dwar:
	(a) programmi ta' ħidma annwali u pluriennali;
	(b) il-prijoritajiet ta' finanzjament;
	(c) sejħiet għal proposti li jaqbżu EUR 5 miljun;
	(d) għotjiet operattivi;
	(e) orjentazzjonijiet strateġiċi tal-Programm;
	(f) kwalunkwe proposta li tinvolvi t-trasferiment, ir-riallokazzjoni jew l-użu mill-ġdid ta' riżorsi diżimpenjati li joriġinaw mill-allokazzjonijiet tal-Istati Membri.
	3. Għandha tapplika l-proċedura ta' eżami stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Or. en

Emenda 1495
Alessandro Ciriani, Carlo Fidanza, Lara Magoni

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Mekkaniżmu ta' rkupru
	Fil-każ li l-attivitajiet iffinanzjati minn dan ir-Regolament jiksru l-gwida tal-Kummissjoni Ewropea ta' April 2025 dwar il-projbizzjoni fuq il-lobbjar dirett ta' istituzzjonijiet jew korpi Ewropej

irregolati mid-dritt pubbliku, il-Kummissjoni Ewropea u/jew l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jużaw mekkaniżmu ta' rkupru biex jirkupraw is-somom ta' flus allokati.

Or. it

Emenda 1496
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha tiżgura t-trasparenza fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-Programm. Għandha torganizza skambji strutturati u regolari mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw liċ-ċittadini, l-ugwaljanza, id-drittijiet u l-valuri fundamentali, u r-rappreżentanti tas-setturi kulturali, tal-media indipendenti u ċiviċi.

Or. en

Emenda 1497
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Permezz ta' atti delegati, il-Kummissjoni għandha tadotta l-programmi ta' ħidma li jimplimentaw l-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punti (a), (b), (c) u (d) u għall-attivitajiet fil-Kapitoli

II, III, IV u V, f'konformità mal-Annessi I u II.

Or. en

Emenda 1498
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2. L-abbozzi tal-programmi ta' ħidma għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess ħin li jiġu kkonsultati l-Istati Membri, u l-Kummissjoni għandha tqis kif xieraq il-fehmiet espressi mill-Parlament Ewropew qabel ma tadotta l-programm ta' ħidma.

Or. en

Emenda 1499
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-programmi ta' ħidma annwali għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull azzjoni u jistabbilixxu, fejn applikabbli, l-ammont globali riżervat għall-operazzjonijiet ta' taħlit. Il-programmi ta' ħidma annwali għandu jkun fihom ukoll skeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni.

Or. en

Emenda 1500

Alice Kuhnke, Emma Rafowicz

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-programmi ta' ħidma għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull azzjoni u jistabbilixxu, fejn applikabbli, l-ammont globali riżervat għall-operazzjonijiet ta' taħlit. Il-programmi ta' ħidma annwali għandu jkun fihom ukoll skeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni.

Or. en

Emenda 1501
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Gabriela Firea, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Kull fergħa għandha tirċievi programm ta' ħidma ddedikat tagħha stess. Il-fergħa Ewropa Kreattiva - Kultura għandu jkollha programmi ta' ħidma annwali; il-fergħat CERV+, Daphne u Appoġġ ta' Emerġenza għandu jkollhom programmi ta' ħidma pluriennali.

Or. en

Emenda 1502
Chiara Gemma, Marco Squarta, Lara Magoni, Ivaylo Valchev

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Il-Kummissjoni għandha tippubblika kull sena lista konsolidata tal-benefiċjarji finali tal-Programm, li tindika l-ammonti riċevuti, il-mižura ffinanzjata u l-objettivi segwiti.

Or. it

Emenda 1503
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2. Il-programmi ta' ħidma annwali għandhom jiġu adottati permezz ta' att delegat, f'konformità mal-(Artikolu 17a dwar id-delega).

Or. en

Emenda 1504
András László, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Proċedura ta' sorveljanza u eżami tal-Istati Membri
	1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17a(3) rigward:
	(a) programmi ta' ħidma annwali u pluriennali;
	(b) il-prijoritajiet ta' finanzjament u l-allokazzjonijiet baġitarji indikattivi fost il-fergħat u l-objettivi;

(c) għotjiet operattivi u ftehimiet qafas ta' sħubija;

(d) il-kriterji tal-għoti u l-metodoloġiji ta' evalwazzjoni applikabbli għall-għotjiet li jaqbżu l-EUR 1 miljun;

(e) proġetti u azzjonijiet strateġiċi li jirċievu appoġġ mill-Unjoni li jaqbeż l-EUR 5 miljun;

(f) rekwiżiti ta' trasparenza, eliġibbiltà u obbligu ta' rendikont applikabbli għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, għall-fondazzjonijiet, għall-entitajiet tal-media u għal benefiċjarji oħra;

(g) kwalunkwe modifika tal-prijoritajiet ta' finanzjament matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-Programm.

2. Il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta miżuri ta' implimentazzjoni skont il-paragrafu 1 meta l-Kumitat tal-Programm jagħti opinjoni negattiva.

3. Meta ma tingħata l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u għandu japplika l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

4. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Kumitat tal-Programm id-dokumenti kollha meħtieġa għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, inkluż abbozzi ta' sejħiet għal proposti, metodoloġiji ta' evalwazzjoni, listi ta' benefiċjarji magħżula u rapporti annwali ta' implimentazzjoni.

Or. en

Emenda 1505
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Tali skambji għandhom isiru fi stadju bikri fit-tħejjija tal-programmi ta' ħidma u qabel l-adozzjoni tagħhom, bil-ħsieb li jingħabar input. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli, b'mod f'waqtu u f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-kunfidenzjalità, informazzjoni dwar il-prijoritajiet previsti għall-programmi ta' ħidma li ġejjin u għandha tipprovdi lill-partijiet ikkonċernati opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet.

Or. en

Emenda 1506
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Gabriela Firea, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha tiżgura t-trasparenza fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-Programm. Għandha torganizza skambji strutturati u regolari mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw liċ-ċittadini, l-ugwaljanza, id-drittijiet u l-valuri fundamentali, u r-rappreżentanti tas-setturi kulturali, tal-media indipendenti u ċiviċi.

Or. en

Emenda 1507
Alice Kuhnke, Emma Rafowicz

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-programmi ta' ħidma għandhom jiġu adottati permezz ta' atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 17c.

Or. en

Emenda 1508
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3. Il-programm ta' ħidma għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni permezz ta' att delegat.

Or. en

Emenda 1509
András László, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-Unjoni
	1. Il-Kummissjoni għandha twettaq awditi ex ante u ex post tal-benefiċjarji.
	2. Il-benefiċjarji li jirċievu aktar minn EUR 30 000 fis-sena għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti msaħħa ta' trasparenza u awditjar.
	3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika kull sena rapport dettaljat dwar l-allokazzjoni tal-fondi, inklużi l-benefiċjarji finali, l-ammonti mogħtija, il-punteġġi tal-evalwazzjoni u l-

ġustifikazzjonijiet għad-deċiżjoni ta' finanzjament, il-ftehimiet ta' għotja u r-rapporti ta' twettiq.

Or. en

Emenda 1510
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-programmi ta' ħidma annwali għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull azzjoni elenkata fl-Anness I u jistabbilixxu, fejn applikabbli, l-ammont globali riżervat għall-operazzjonijiet ta' taħlit. Il-programmi ta' ħidma annwali għandu jkun fihom ukoll skeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni. Fejn meħtieġ biex tirrispondi għal sfidi u ħtiġijiet ġodda, il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati biex tirrieżamina l-lista ta' azzjonijiet mhux elenkati fl-Anness I.

Or. en

Emenda 1511
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Gabriela Firea

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Tali skambji għandhom isiru fi stadju bikri fit-tħejjija tal-programmi ta' ħidma u qabel l-adozzjoni tagħhom, bil-ħsieb li jingħabar input. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli, b'mod f'waqtu u

f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-kunfidenzjalità, informazzjoni dwar il-prijoritajiet previsti għall-programmi ta' ħidma li ġejjin u għandha tipprovdi lill-partijiet ikkonċernati opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet.

Or. en

Emenda 1512
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-programmi ta' ħidma annwali għandhom jiġu adottati permezz ta' atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 17c.

Or. en

Emenda 1513
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 17a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 17a
	Kundizzjonalità soċjali u ambjentali għall-Ewropa Kreattiva
	L-appoġġ permezz tal-fergħa Kultura u l-fergħa MEDIA għandu jkun bil-kundizzjoni li l-benefiċjarji jimpenjaw ruħhom, permezz tal-ftehim ta' għotja, li jikkonformaw mal-liġi applikabbli tal-Unjoni u nazzjonali relatata mal-kundizzjonijiet tax-xogħol, mad-drittijiet tax-xogħol u mar-remunerazzjoni, li jqisu kif xieraq il-prinċipji stabbiliti fil-Karta tal-Artisti tal-UE ("il-Karta") bħala qafas

ta' referenza komuni, u li jintegraw prattiki ambjentalment sostenibbli fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet appoġġati mill-Programm.

Il-benefiċjarji għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti legali tal-Unjoni u dawk nazzjonali applikabbli kollha li jikkonċernaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-protezzjoni soċjali, is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, il-ftehimiet kollettivi fejn applikabbli, u r-remunerazzjoni ġusta.

Il-benefiċjarji għandhom jieħdu miżuri xierqa u proporzjonati biex inaqqsu l-impronta ambjentali tal-azzjoni appoġġata jew, fejn dan ma jkunx raġonevolment possibbli, jispjegaw ir-raġunijiet u jidentifikaw miżuri alternattivi, filwaqt li jqisu n-natura tal-azzjoni appoġġata u d-daqs u l-kapaċità tal-benefiċjarju.

L-applikazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti għandha tkun proporzjonata u ma għandhiex toħloq piżijiet amministrattivi jew ta' rapportar eċċessivi, b'mod partikolari għall-SMEs, l-organizzazzjonijiet mikro u l-applikanti għall-ewwel darba.

Il-kundizzjonalità soċjali u ambjentali skont dan l-Artikolu ma għandhiex timponi obbligi mhux iffinanzjati. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-benefiċjarji permezz ta' gwida prattika, għodod volontarji u l-iskambju tal-aħjar prattiki, bil-ħsieb li tiffaċilita l-implimentazzjoni filwaqt li tippreżerva l-aċċessibbiltà għall-Programm.

Meta l-Kummissjoni ssib, wara kontrolli xierqa, li benefiċjarju jkun naqas milli jikkonforma mal-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu, jistgħu jiġu applikati miżuri f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Tali miżuri għandhom ikunu proporzjonati għas-serjetà, għad-durata u għar-rikorrenza tan-nuqqas ta' konformità u għad-daqs u l-kapaċità tal-benefiċjarju.

Il-benefiċjarju għandu jkollu d-dritt li jinstema', li jissottometti informazzjoni ta' rimedju u li jappella, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

Il-kundizzjonalità soċjali u ambjentali skont dan l-Artikolu ma għandhiex tintuża biex timponi kundizzjonijiet politiċi, ideoloġiċi jew kummerċjali mhux dovuti fuq il-libertà artistika, l-espressjoni kulturali jew l-indipendenza editorjali.

Or. en

Emenda 1514
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 17a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 17a
	Monitoraġġ u rapportar
	1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-monitoraġġ indipendenti tal-Programm dwar il-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-Programm.
	2. Minbarra l-indikaturi rilevanti fir-Regolament (UE) [XXX]* [Prestazzjoni], il-Kummissjoni għandha tuża l-indikaturi fl-Anness II biex timmonitorja u tirrapporta dwar il-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi tal-Programm. Fejn rilevanti, il-Kummissjoni għandha tqis ukoll indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi addizzjonali għal dawk elenkati fl-Anness II.
	3. Sabiex tiżgura l-valutazzjoni effettiva tal-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi tal-Programm, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 17c, biex temenda l-Anness II fir-rigward tal-indikaturi fejn jitqies meħtieġ kif ukoll biex tissupplimenta dan ir-Regolament b'dispożizzjonijiet dwar l-

istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-metodoloġija, kif ukoll tistabbilixxi għodod empiriċi ssimplifikati u kosteffettivi, għall-monitoraġġ u għar-rapportar wara l-konsultazzjoni mal-Pjattaforma ta' Djalogu AgoraEU skont l-Artikolu 10a.

5. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li d-data diżaggregata għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tar-riżultati tal-Programm tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv u f'waqtu, u, għall-fergħat Kultura u Media, issir disponibbli għall-pubbliku permezz tal-Pjattaforma tad-Data Kulturali tal-UE. Għal dak l-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq il-benefiċjarji tal-fondi permezz tal-Programm.

6. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi tal-Programm.

Or. en

Emenda 1515
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 17a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 17a
	Exercise of the delegation
	1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
	2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 17 għandha

tingħata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2034.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 17 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 17 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn minn meta jkunu ġew mgħarrfin bih jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew u kif ukoll il-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 1516
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 17a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 17a
	Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni
	1. F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inklużi miżuri relatati mal-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, inkluż frodi, mal-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett, u, fejn xieraq, mal-impożizzjoni ta' penali amministrattivi.
	2. Meta pajjiż terz jipparteċipa fil-Programm permezz ta' deċiżjoni adottata skont ftehim internazzjonali jew abbażi ta' kwalunkwe strument legali ieħor, il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess neċessarji meħtieġa biex l-uffiċjal ta' awtorizzazzjoni responsabbli, l-OLAF u l-Qorti tal-Awdituri jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom b'mod komprensiv. Fil-każ tal-OLAF, dawn id-drittijiet għandhom jinkludu d-dritt li jwettaq investigazzjonijiet, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, kif previst fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

Or. en

Emenda 1517
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 17a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 17a

Monitoraġġ u rapportar

1. L-indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi għar-rapportar dwar il-progress tal-Programm lejn l-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 huma stabbiliti fl-Anness II.

2. Sabiex tiġi żgurata l-valutazzjoni effettiva tal-progress tal-Programm lejn l-ilħuq tal-objettivi tiegħu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 22, biex tiżviluppa d-dispożizzjonijiet għal qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inkluż emendi għall-Anness II bl-għan li l-indikaturi jiġu rieżaminati jew supplimentati fejn meħtieġ għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni.

3. Is-sistema tar-rapportar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u r-riżultati tal-Programm jinġabru b'mod effiċjenti, effettiv u f'waqtu.

4. Għal dak il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq ir-riċevituri tal-fondi tal-Unjoni u, fejn xieraq, fuq l-Istati Membri.

Or. en

Emenda 1518
Emma Rafowicz, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Artikolu 17a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 17a
	Informazzjoni, komunikazzjoni u viżibbiltà
	Il-benefiċjarji tal-finanzjament tal-Unjoni għandhom jindikaw is-sors ta' tali finanzjament u jiżguraw il-viżibbiltà

tiegħu. B'mod partikolari, meta jippromwovu azzjonijiet u r-riżultati tagħhom, dawn għandhom jipprovdu informazzjoni ċara, konsistenti u proporzjonata mfassla apposta għal diversi udjenzi fil-mira, inklużi l-media u l-pubbliku ġenerali. Din il-komunikazzjoni għandha tinkludi b'mod partikolari l-isem tal-Programm, għal azzjonijiet appoġġati permezz tal-fergħa Ewropa Kreattiva Kulturali, il-logo Kultura previst fl-Anness III, u, għal azzjonijiet appoġġati permezz tal-fergħa Kultura - MEDIA, il-logo MEDIA previst fl-Anness III. Il-Kummissjoni għandha twettaq attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni relatati mal-Programm, il-miżuri implimentati skontu, u r-riżultati miksuba.

Or. en

Emenda 1519
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 17a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 17a
	Proċedura ta' kumitat
	1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat (il-"Kumitat tal-Programm AgoraEU"). Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
	2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
	3. Il-Kumitat tal-Programm AgoraEU għandu jkun involut fil-fażijiet kollha taċ-ċiklu tal-Programm, inklużi d-definizzjoni tal-prijoritajiet, l-adozzjoni tal-programmi ta' ħidma annwali, u l-monitoraġġ tal-

implimentazzjoni tal-Programm. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Kumitat tal-Programm Agora tal-UE rapporti regolari dwar l-implimentazzjoni, inkluż dwar l-eżekuzzjoni finanzjarja fl-ambitu tal-fergħa.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-introduzzjoni ta' proċedura ta' eżami obbligatorja skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 intalbet minn maġġoranza kbira ta' Stati Membri fin-negozjati tal-Kunsill (riflessa fl-approċċ ġenerali parzjali li żied l-Artikolu 17a). Din l-emenda tirrifletti l-approċċ tal-Kunsill u tiżgura li l-Istati Membri jżommu sorveljanza sinifikattiva tal-implimentazzjoni tal-Programm.

Emenda 1520
Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 17a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 17a
	Proċedura ta' kumitat
	1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat ("il-Kumitat AgoraEU"). Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
	2. Il-kumitat għandu jiltaqa' f'konfigurazzjonijiet speċifiċi biex jittratta kwistjonijiet konkreti relatati mal-fergħat individwali tal-Programm.
	3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Or. it

Emenda 1521

Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 17a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 17a
	Trasparenza tal-benefiċjarji finali
	Sabiex jiġi żgurat kontroll effettiv mill-awtorità baġitarja u mill-Qorti tal-Awdituri, il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna kull sena reġistru pubbliku u komprensiv tal-integrità tal-benefiċjarji finali kollha tal-Programm.

Or. fr

Emenda 1522
Emma Rafowicz, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Artikolu 17b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 17b
	Monitoraġġ u rapportar
	1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-monitoraġġ indipendenti tal-Programm dwar il-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-Programm.
	2. Minbarra l-indikaturi rilevanti fir-Regolament (UE) [XXX]* [Prestazzjoni], il-Kummissjoni għandha tuża l-indikaturi fl-Anness II biex timmonitorja u tirrapporta dwar il-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi tal-Programm. Fejn rilevanti, il-Kummissjoni għandha tqis ukoll indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi addizzjonali għal dawk elenkati fl-Anness II.
	3. Minbarra l-indikaturi msemmija fil-paragrafu 2 u fl-Anness II, il-

Kummissjoni għandha tistabbilixxi indikatur orizzontali biex tappoġġa lill-benefiċjarji fl-integrazzjoni tal-inklużjoni u fil-parteċipazzjoni soċjali, fl-ugwaljanza, inklużi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-diversità, l-aċċessibbiltà, l-indipendenza u l-pluraliżmu, kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u ġusti fil-fergħat kollha tal-Programm. Il-Kummissjoni għandha tuża l-markatur biex twettaq valutazzjonijiet tal-impatt u rapportar aktar konsistenti tal-kontribut tal-Programm fl-integrazzjoni tal-inklużjoni u l-parteċipazzjoni soċjali, l-ugwaljanza, inklużi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-diversità, l-aċċessibbiltà, l-indipendenza u l-pluraliżmu, kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u ġusti fil-fergħat kollha.

4. Sabiex tiżgura l-valutazzjoni effettiva tal-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi tal-Programm, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 17c, biex temenda l-Anness II fir-rigward tal-indikaturi fejn jitqies meħtieġ kif ukoll biex tissupplimenta dan ir-Regolament b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

5. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-metodoloġija, kif ukoll tistabbilixxi għodod empiriċi ssimplifikati u kosteffettivi, għall-monitoraġġ u għar-rapportar wara l-konsultazzjoni mal-Pjattaforma ta' Djalogu AgoraEU skont l-Artikolu 10a.

6. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li d-data diżaggregata għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tar-riżultati tal-Programm tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv u f'waqtu. Għal dak l-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq il-benefiċjarji tal-fondi permezz tal-Programm. 6. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress lejn l-ilħuq tal-

objettivi tal-Programm.

Or. en

Emenda 1523
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 17b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 17b
	Evalwazzjoni
	1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjonijiet, abbażi tal-ġbir regolari tad-data u l-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u l-benefiċjarji, fil-ħin biex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.
	2. Ladarba jkun hemm informazzjoni suffiċjenti disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2031, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni interim tal-Programm, li għadha tkun ibbażata, fost l-oħrajn, fuq analiżi esterni u indipendenti. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-evalwazzjoni interim lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux aktar tard minn 6 xhur wara li tkun twettqet l-evalwazzjoni interim.
	3. Wara l-31 ta' Diċembru 2034, iżda, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2036, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni finali tal-Programm, li għandha tkun ibbażata fuq għarfien espert estern u indipendenti. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-evalwazzjoni finali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux aktar

minn 6 xhur wara li tkun twettqet l-evalwazzjoni finali.

4. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3, flimkien mal-osservazzjonijiet tagħha dwar dawk l-evalwazzjonijiet, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

5. Is-sistema ta' rapportar dwar l-evalwazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-evalwazzjoni tal-Programm tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv, f'waqtu u fil-livell adatt ta' dettall. Ir-riċevituri ta' fondi tal-Unjoni għandhom jikkomunikaw dik id-data u l-informazzjoni lill-Kummissjoni b'mod li jkun konformi ma' dispożizzjonijiet legali oħra. Pereżempju, id-data personali għandha ssir anonima, meta jkun meħtieġ. Għal dak l-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq ir-riċevituri tal-fondi tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1524
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 17b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 17b
	Monitoraġġ
	1. L-indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi għar-rapportar dwar il-progress tal-Programm lejn l-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 10 huma stabbiliti fir-[Regolament (UE) XXX

Prestazzjoni] u fl-Anness XX.

2. Is-sistema tar-rapportar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u r-riżultati tal-Programm jinġabru b'mod effiċjenti, effettiv u f'waqtu. Għal dak il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq ir-riċevituri tal-fondi tal-Unjoni u, fejn xieraq, fuq l-Istati Membri.

3. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Programm, filwaqt li tipprovdi ħarsa ġenerali dettaljata ta' kif ir-riżorsi kienu maqsuma fuq id-diversi fergħat b'attenzjoni speċifika dwar kif ġew sostanzjati l-objettivi speċifiċi.

Or. en

Emenda 1525
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 17b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 17b
	Informazzjoni, komunikazzjoni u viżibbiltà
	Il-benefiċjarji tal-finanzjament tal-Unjoni għandhom jindikaw is-sors ta' tali finanzjament u jiżguraw il-viżibbiltà tiegħu. B'mod partikolari, meta jippromwovu azzjonijiet u r-riżultati tagħhom, dawn għandhom jipprovdu informazzjoni ċara, konsistenti u proporzjonata mfassla apposta għal diversi udjenzi fil-mira, inklużi l-media u l-pubbliku ġenerali. Din il-komunikazzjoni għandha tinkludi b'mod partikolari l-isem tal-Programm u, għal azzjonijiet appoġġati permezz tal-fergħa

Ewropa Kreattiva - Kultura, il-logo Kultura previst fl-Anness II, għal azzjonijiet appoġġati permezz tal-fergħa MEDIA, il-logo MEDIA previst fl-Anness III. Il-Kummissjoni għandha twettaq attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni relatati mal-Programm, il-miżuri implimentati skontu, u r-riżultati miksuba.

Or. en

Emenda 1526
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 17c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 17c
	Evalwazzjoni
	1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjonijiet, abbażi tal-ġbir regolari ta' data u l-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u mal-benefiċjarji, fil-ħin biex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.
	2. Ladarba jkun hemm informazzjoni suffiċjenti disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni interim tal-Programm, li għadha tkun ibbażata, fost l-oħrajn, fuq analiżi esterni u indipendenti. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-evalwazzjoni interim lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux aktar tard minn 6 xhur wara li tkun twettqet l-evalwazzjoni interim. "
	3. Wara l-31 ta' Diċembru 2034, iżda, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard mill-31

ta' Diċembru 2036, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni finali tal-Programm, li għandha tkun ibbażata fuq għarfien espert estern u indipendenti. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-evalwazzjoni finali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux aktar minn 6 xhur wara li tkun twettqet l-evalwazzjoni finali.

4. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3, flimkien mal-osservazzjonijiet tagħha dwar dawk l-evalwazzjonijiet, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

5. Is-sistema ta' rapportar dwar l-evalwazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-evalwazzjoni tal-Programm tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv, f'waqtu u fil-livell adatt ta' dettall. Ir-riċevituri ta' fondi tal-Unjoni għandhom jikkomunikaw dik id-data u l-informazzjoni lill-Kummissjoni b'mod li jkun konformi ma' dispożizzjonijiet legali oħra. Għal dak l-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq ir-riċevituri tal-fondi tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1527
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 17c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 17c
	Djalogu AgoraEU
	1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-

Parlament Ewropew u mal-Kunsill, għandha torganizza djalogu biex tiddiskuti l-implimentazzjoni tal-Programm. Dan għandu jkollu l-għan li jeżamina l-oqsma u l-kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati fil-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 17.

2. Id-djalogu għandu jinkludi skambji ddedikati mal-partijiet ikkonċernati u, fejn rilevanti, mal-awtoritajiet jew mal-korpi nazzjonali għal kull fergħa tal-Programm.

3. Id-djalogu għandu jiġi organizzat fuq bażi annwali.

4. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-eżitu tad-djalogu lill-Parlament Ewropew.

5. Is-sejbiet tad-djalogu għandhom jitqiesu mill-Kummissjoni fit-tħejjija tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 17.

6. Is-sommarju tas-sejbiet għandu jkun disponibbli għall-pubbliku.

Or. en

Emenda 1528
Chiara Gemma, Ivaylo Valchev

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa t-tkomplija jew il-modifika tal-azzjonijiet ikkonċernati, sal-għeluq tagħhom, skont ir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818, li għandhom jibqgħu japplikaw għall-azzjonijiet ikkonċernati sal-għeluq tagħhom.	1. Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa t-tkomplija jew il-modifika tal-azzjonijiet ikkonċernati, sal-għeluq tagħhom, skont ir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818, li għandhom jibqgħu japplikaw għall-azzjonijiet ikkonċernati sal-għeluq tagħhom. ***L-azzjonijiet li għaddejjin skont ir-Regolament (UE) 2021/692 ikomplu sal-iskadenza naturali tagħhom, mingħajr ebda possibbiltà ta' estensjoni. Il-***

	Kummissjoni għandha tippreżenta rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm CERV sal-31 ta' Diċembru 2028, inkluża valutazzjoni tal-impatt reali u l-kosteffettività tiegħu.

Or. it

Emenda 1529
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-pakkett finanzjarju għall-Programm jista' jkopri wkoll l-ispejjeż tal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tkun żgurata t-tranżizzjoni bejn il-Programm u l-miżuri adottati skont ir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/81.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1530
Chiara Gemma

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sal-31 ta' Diċembru 2031, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport interim dwar l-implimentazzjoni tal-Programm, b'attenzjoni partikolari għall-kosteffettività, għar-rispett għall-prinċipju tas-sussidjarjetà u għall-impatt reali fuq is-setturi kulturali u kreattivi Ewropej. Abbażi ta' dak ir-rapport, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jipproponu emendi għall-programm, inkluż it-tnaqqis tal-pakkett finanzjarju.

Or. it